Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

2026/2011(INI)

20.7.2026

EMENDI
1 - 401

Abbozz ta' rapport
Marko Vešligaj
(PE789.916v01-00)

It-tisħiħ tal-kompetittività, tar-reżiljenza u tal-ġustizzja fl-agrikoltura tal-UE
(2026/2011(INI))

Emenda 1
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 3a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Lulju 2026 dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Bhejjem, li tirrikonoxxi r-rwol strateġiku tas-settur tal-bhejjem għas-sigurtà tal-ikel, il-kompetittività u r-reżiljenza tal-Unjoni,

Or. ro

Emenda 2
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 4a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Lulju 2026 bit-titolu "Pjan ta' Azzjoni għar-reżiljenza, l-awtonomija strateġika u s-sostenibbiltà tas-sistema tal-proteina tal-UE",

Or. ro

Emenda 3
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 4b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Frar 2026 dwar ir-reġjuni tal-Lvant

tal-UE li jmissu mar-Russja, il-Belarussja u l-Ukrajna[1a],

1a

https://ec.europa.eu/regional_policy/sources/communication/eastern-border/communication-eastern-border-2026.pdf.

Or. ro

Emenda 4
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 5a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-proposta għal regolament ippreżentata fis-16 ta' Lulju 2025 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jistabbilixxi Orizzont Ewropa, il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, għall-perjodu 2028-2034, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2021/695,

Or. pt

Emenda 5
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 7a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Novembru 2025 bit-titolu "Qafas strateġiku għal bijoekonomija kompetittiva u sostenibbli tal-UE", li tinnota li l-PAK futura jenħtieġ li

tappoġġja lill-bdiewa li jadottaw l-innovazzjoni fil-bijoekonomija, kif ukoll prattiki sostenibbli u riġenerattivi, jiddiversifikaw is-sorsi ta' introjtu u jikkooperaw fi ktajjen tal-valur emerġenti, li l-mobilizzazzjoni tal-bijomassa agrikola, bħall-għelejjel intermedji u l-iskart, għall-produzzjoni ta' bijomassa sostenibbli għall-bijoenerġija u użi ġodda toffri opportunità biex jiġu diversifikati s-sorsi tal-introjtu tal-bdiewa, jissaħħu l-ktajjen tal-valur rurali, jingħata kontribut għas-sigurtà tal-enerġija tal-Unjoni, titnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u jiġi appoġġjat l-objettiv tal-Unjoni li tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050, u li l-implimentazzjoni ta' dawn il-prattiki agrikoli sostenibbli jenħtieġ li titqies kompatibbli ma' mekkaniżmi oħra ta' appoġġ tal-PAK,

Or. pt

Emenda 6
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 7b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Lulju 2026 bit-titolu "Strateġija tal-UE dwar il-bhejjem", li tenfasizza l-importanza strateġika tat-trobbija tal-bhejjem fl-Unjoni Ewropea, tissottolinja li din hija attività ekonomika responsabbli għal madwar 40 % tal-valur miżjud agrikolu tal-UE u għal fatturat annwali ta' madwar EUR 400 biljun, b'impatt soċjali u territorjali qawwi, li timpjega madwar 7 miljun persuna, u b'azjendi agrikoli mifruxa fit-territorju Ewropew kollu, spiss f'żoni bi ftit attivitajiet ekonomiċi alternattivi, li s-settur tal-bhejjem tal-UE għandu wkoll rwol ewlieni fis-sigurtà tal-ikel, billi jipprovdi

parametri referenzjarji globali dwar il-kwalità, is-sikurezza u s-sostenibbiltà, u li fl-2025, l-UE esportat prodotti tal-annimali b'valur ta' EUR 53 biljun, filwaqt li l-importazzjonijiet ammontaw għal EUR 16 biljun, bi prodotti tal-ħalib jammontaw għal EUR 20.7 biljun f'esportazzjonijiet u jiġġeneraw surplus kummerċjali nett ta' EUR 18 biljun,

Or. pt

Emenda 7
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 7c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Lulju 2026 bit-titolu "Pjan ta' Azzjoni għar-reżiljenza, l-awtonomija strateġika u s-sostenibbiltà tas-sistema tal-proteina tal-UE", li tindika li d-dipendenza għolja tal-Unjoni Ewropea fuq il-provvisti ta' proteini għall-għalf tal-annimali minn għadd limitat ta' oriġini tagħmel is-sistema agroalimentari Ewropea aktar vulnerabbli għall-fluttwazzjonijiet fis-swieq globali u timmina l-kapaċità tal-Unjoni li tnaqqas ir-riskji fil-ktajjen tal-provvista, li l-proteini tal-pjanti minn varjetà ta' sorsi li jittieklu u li ma jittiklux jenħtieġ li jkollhom rwol importanti fil-bijoekonomija ċirkolari, inkluż meta jiġu pproċessati mill-annimali fl-ikel u fid-demel, u li jenħtieġ li jintużaw għall-produzzjoni tal-bijometan u tal-fertilizzanti organiċi,

Or. pt

Emenda 8
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 11a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ġunju 2023 dwar il-valutazzjoni tal-komunikazzjoni l-ġdida tal-Kummissjoni dwar ir-reġjuni ultraperiferiċi (2022/2147 (INI)),

Or. pt

Emenda 9
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa -A (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	-A. billi l-kompetittività tal-agrikoltura Ewropea għandha rwol ewlieni fl-awtonomija strateġika tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari fir-rigward tas-sigurtà u s-sovranità tal-ikel tagħha u l-koeżjoni territorjali, soċjali u ekonomika tagħha,

Or. pt

Emenda 10
Marko Vešligaj, Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-agrikoltura tibqa' essenzjali għall-ekonomija, għall-iżvilupp rurali u għall-koeżjoni territorjali tal-UE, kif ukoll għall-awtonomija strateġika tagħha;	A. billi l-agrikoltura tibqa' essenzjali għall-ekonomija, għall-iżvilupp rurali u għall-koeżjoni territorjali tal-UE, kif ukoll għall-awtonomija strateġika tagħha***, iżda l-bdiewa qed joperaw taħt pressjoni dejjem***

akbar ikkawżata minn żieda fl-kostijiet tal-input, xokkijiet relatati mal-klima u diżastri naturali u volatilità tas-suq, u dan irriżulta f'rigress qawwi tal-azjendi agrikoli fl-UE*; *billi fil-perjodu bejn l-2005 u l-2023, kien hemm telf ta' 5,6 miljun azjenda agrikola madwar il-pajjiżi tal-UE, ekwivalenti għal tnaqqis stmat ta' 39 %;

Or. en

Emenda 11
Jessica Polfjärd

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-agrikoltura tibqa' essenzjali għall-ekonomija, għall-iżvilupp rurali u għall-koeżjoni territorjali tal-UE, kif ukoll għall-awtonomija strateġika tagħha;	A. billi l-agrikoltura tibqa' essenzjali għall-ekonomija, għall-iżvilupp rurali u għall-koeżjoni territorjali tal-UE, kif ukoll ***għas-sigurtà tal-ikel u*** għall-awtonomija strateġika tagħha;

Or. en

Emenda 12
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Raffaele Stancanelli, Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi l-agrikoltura ***tibqa' essenzjali għall-ekonomija***, għall-iżvilupp rurali u ***għall-koeżjoni*** territorjali ***tal-UE***, kif ukoll għall-awtonomija strateġika tagħha;	A. billi l-agrikoltura ***hija pilastru tal-UE***, għall-iżvilupp rurali u ***l-koeżjoni*** territorjali ***tagħha***, kif ukoll għall-awtonomija strateġika ***u alimentari*** tagħha;

Or. fr

Emenda 13
Carmen Crespo Díaz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi l-agrikoltura għandha rwol essenzjali fl-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel tal-UE, fl-iżgurar ta' provvista tal-ikel stabbli, suffiċjenti u ta' kwalità għaċ-ċittadini, filwaqt li ssaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistema agroalimentari Ewropea fid-dawl ta' xokkijiet u kriżijiet esterni;

Or. es

Emenda 14
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi l-agrikoltura hija assi strateġiku u ġeopolitiku ewlieni biex tissaħħaħ l-awtonomija, is-sigurtà u r-reżiljenza tal-Unjoni, b'mod partikolari f'każ ta' kriżijiet internazzjonali;

Or. it

Emenda 15
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi l-agrikoltura hija prijorità strateġika għas-sigurtà Ewropea;

Or. ro

Emenda 16
Carmen Crespo Díaz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-politika agrikola komuni (PAK) ***hija sħubija bejn l-agrikoltura u s-soċjetà, u hija strumentali għas-sigurtà tal-ikel u għall-iżvilupp*** ekonomiku u ***soċjali tal-UE, kif ukoll għall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali***;	B. billi l-politika agrikola komuni (PAK) ***tikkostitwixxi pilastru essenzjali biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel, tissaħħaħ il-kompetittività u r-reżiljenza tas-settur tal-agrikoltura, tingħata spinta lill-iżvilupp*** ekonomiku u ***l-ħolqien tal-impjiegi fiż-żoni rurali, u tikkontribwixxi għall-koeżjoni territorjali tal-UE u l-iżgurar tat-tiġdid ġenerazzjonali tal-azjendi agrikoli***;

Or. es

Emenda 17
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-politika agrikola komuni (PAK) ***hija*** sħubija bejn l-agrikoltura u s-soċjetà, u hija strumentali għas-sigurtà tal-ikel ***u*** għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali ***tal-UE***, kif ukoll għall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali;	B. billi l-politika agrikola komuni (PAK)***, skont l-objettivi tagħha stabbiliti fl-Artikolu 39 TFUE, tirrappreżenta*** sħubija bejn l-agrikoltura u s-soċjetà, u hija strumentali għas-sigurtà tal-ikel***, għall-iżgurar ta' introjtu ġust għall-bdiewa,*** għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali, kif ukoll għall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali ***tal-UE***;

Or. ro

Emenda 18
Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-politika agrikola komuni (PAK) hija sħubija bejn l-agrikoltura u s-soċjetà, u hija strumentali għas-sigurtà tal-ikel u għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-UE, kif ukoll għall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali;	B. billi l-politika agrikola komuni (PAK) hija sħubija bejn l-agrikoltura u s-soċjetà, u hija strumentali għas-sigurtà tal-ikel u għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-UE, kif ukoll għall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali***, għas-salvagwardja tal-bijodiversità u għall-promozzjoni ta' standards għoljin għall-benesseri tal-annimali***;

Or. en

Emenda 19
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-politika agrikola komuni (PAK) hija sħubija bejn l-agrikoltura u s-soċjetà, u hija strumentali għas-sigurtà tal-ikel u għall-iżvilupp ekonomiku ***u*** soċjali tal-UE, kif ukoll għall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali;	B. billi l-politika agrikola komuni (PAK) hija sħubija bejn l-agrikoltura u s-soċjetà, u hija strumentali għas-sigurtà ***u s-sovranità*** tal-ikel u għall-iżvilupp ekonomiku***,*** soċjali ***u territorjali*** tal-UE, kif ukoll għall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali;

Or. pt

Emenda 20
Arash Saeidi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi l-politika agrikola komuni (PAK) hija sħubija bejn l-agrikoltura u s-soċjetà, u hija strumentali ***għas-sigurtà*** tal-ikel u għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-UE, kif ukoll għall-ġestjoni sostenibbli	B. billi l-politika agrikola komuni (PAK) hija sħubija bejn l-agrikoltura u s-soċjetà, u hija strumentali ***għas-sovranità*** tal-ikel u għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-UE, kif ukoll għall-ġestjoni

tar-riżorsi naturali;	sostenibbli tar-riżorsi naturali;

Or. en

Emenda 21
Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi l-attività agrikola tikkontribwixxi direttament għall-istandard tal-għajxien għall-komunità agrikola u għaċ-ċittadini kollha tal-UE; billi l-PAK għandha tibqa' ffukata fuq l-iżgurar ta' produzzjoni agrikola Ewropea stabbli u ż-żieda fil-produttività filwaqt li tipproteġi l-produtturi tal-UE; billi l-innovazzjoni agrikola, it-teknoloġija, l-għarfien u l-ħolqien ta' valur miżjud ogħla huma kruċjali biex tiġi żgurata l-kompetittività;

Or. en

Emenda 22
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi l-bdiewa għandhom rwol ewlieni fl-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel, il-koeżjoni territorjali u l-vitalità taż-żoni rurali, u billi huwa essenzjali li tittejjeb il-professjoni agrikola soċjalment u ekonomikament billi jiġi rikonoxxut il-kontribut tagħha għas-soċjetà u għall-awtonomija strateġika tal-Unjoni;

Or. pt

Emenda 23
Katarína Roth Neveďalová, Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi s-sigurtà tal-ikel, l-awtonomija strateġika u r-reżiljenza fit-tul tal-agrikoltura Ewropea jirrikjedu Politika Agrikola Komuni b'saħħitha ffinanzjata permezz ta' baġit iddedikat u awtonomu fi ħdan il-Qafas Finanzjarju Pluriennali, li jkun jikkorrispondi għall-isfidi li jiffaċċja s-settur agrikolu;

Or. en

Emenda 24
Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Bb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Bb. billi s-settur agrikolu tal-UE ħoloq valur miżjud gross stmat ta' EUR 251,8 biljun fl-2025 u l-agrikoltura kkontribwiet 1,3 % għall-PDG tal-UE fl-2025;

Or. en

Emenda 25
Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi***, fis-settur tal-agrikoltura, għall-UE hija prijorità li tiġi żgurata l-kompetittività, flimkien mas-sostenibbiltà***	C. billi ***l-iżgurar tal-kompetittività, ir-reżiljenza, is-sigurtà tal-ikel u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni jrid***

u mar-reżiljenza;	***ikun l-objettiv primarju tal-politika agrikola u l-miżuri ta' sostenibbiltà jridu jkunu ekonomikament vijabbli u ma jimminawx il-kapaċità tal-produzzjoni tal-bdiewa Ewropej***;

Or. ro

Emenda 26
Carmen Crespo Díaz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi, fis-settur tal-agrikoltura, għall-UE hija prijorità ***li tiġi żgurata l-kompetittività, flimkien mas-sostenibbiltà u mar-reżiljenza***;	C. billi, fis-settur tal-agrikoltura, għall-UE hija prijorità ***strateġika li tissaħħaħ il-kompetittività, il-profittabbiltà u l-produttività tas-settur agrikolu, peress li dan it-tisħiħ jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-ikel, it-tkabbir ekonomiku u l-prosperità fiż-żoni rurali***;

Or. es

Emenda 27
Jérémy Decerle, Benoit Cassart, Charles Goerens, Elsi Katainen, Christine Singer

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi***, fis-settur tal-agrikoltura, għall-UE hija prijorità li tiġi żgurata l-kompetittività***, flimkien mas-sostenibbiltà u ***mar-reżiljenza***;	C. billi ***l-iżgurar tal-kompetittività***, flimkien mas-sostenibbiltà u ***r-reżiljenza għal firxa wiesgħa ta' sfidi, inklużi dawk ġeopolitiċi, fl-agrikoltura huwa prijorità għall-UE***;

Or. en

Emenda 28
Jessica Polfjärd

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi***, fis-settur tal-agrikoltura, għall-UE hija*** prijorità ***li tiġi żgurata l-kompetittività, flimkien mas-sostenibbiltà u mar-reżiljenza***;	C. billi ***l-iżgurar tal-kompetittività, is-sostenibbiltà, ir-reżiljenza u s-sigurtà tal-ikel tas-settur agrikolu huwa*** prijorità ***għall-UE***;

Or. en

Emenda 29
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Raffaele Stancanelli, Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi, fis-settur tal-agrikoltura, għall-UE hija prijorità li tiġi żgurata l-kompetittività***, flimkien mas-sostenibbiltà u mar-reżiljenza***;	C. billi, fis-settur tal-agrikoltura, għall-UE hija prijorità li tiġi żgurata l-kompetittività;

Or. fr

Emenda 30
Arash Saeidi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi s-sovranità tal-ikel tal-Unjoni hija objettiv strateġiku ewlieni biex jiġu żgurati r-reżiljenza ekonomika, is-sigurtà tal-ikel u l-awtonomija tagħha fid-dawl tal-kriżijiet ġeopolitiċi, klimatiċi u ekonomiċi; billi, għal dan il-għan, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jimplimentaw miżuri proporzjonati ta' protezzjoni ekonomika sabiex jissalvagwardjaw is-setturi agrikoli

strateġiċi kontra l-kompetizzjoni inġusta, id-dumping ambjentali u soċjali, u l-importazzjonijiet li ma jissodisfawx standards ekwivalenti għal dawk imposti fuq il-produtturi Ewropej; billi dawn il-miżuri jgħinu biex tinżamm produzzjoni agrikola diversifikata madwar l-Unjoni u biex jiġi żgurat introjtu ġust għall-bdiewa.

Or. en

Emenda 31
Cristina Maestre

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi d-dekarbonizzazzjoni tal-makkinarju tqil, il-modernizzazzjoni tas-sistemi ta' irrigazzjoni fid-dawl tal-iskarsezza tal-ilma, il-bijoteknoloġija u l-adozzjoni ta' teknoloġiji tal-biedja ta' preċiżjoni jirrikjedu investimenti kapitali estremament għoljin li jaqbżu l-kapaċità finanzjarja tal-biċċa l-kbira tal-azjendi agrikoli tal-familja u l-kamp ta' applikazzjoni baġitarju tal-Politika Agrikola Komuni (PAK);

Or. es

Emenda 32
Marko Vešligaj, Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi l-iżgurar u ż-żieda tal-kompetittività tas-settur agrikolu tal-UE ma jistgħux jiġu ridotti għal kwistjoni ta' prezz biss, peress li l-kompettitività tiddependi minn qafas ekonomiku usa',

mill-kummerċ, il-produttività, l-innovazzjoni, l-aċċess għas-swieq, iċ-ċertezza legali, il-kompetizzjoni ġusta u l-ħila tal-azjendi agrikoli li jadattaw għall-isfidi ambjentali u soċjali;

Or. en

Emenda 33
Piotr Müller, Waldemar Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ca. billi s-sigurtà u s-sovranità tal-ikel huma parti mill-awtonomija strateġika tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, u l-kapaċità li ċ-ċittadini jiġu mitmugħa b'mod indipendenti ma tridx tiddependi fuq ktajjen tal-provvista instabbli jew importazzjonijiet minn pajjiżi terzi;

Or. pl

Emenda 34
Cristina Maestre

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Cb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Cb. billi l-esklużjoni tas-settur primarju minn strumenti ġodda ta' appoġġ industrijali, bħall-Fond Ewropew għall-Kompetittività, toħloq diskrepanza teknoloġika u fil-produttività li tikkompromett l-vijabbiltà ekonomika taż-żoni rurali u s-sovranità Ewropea tal-ikel;

Or. es

Emenda 35
Carmen Crespo Díaz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-bdiewa jsibu quddiemhom bosta sfidi, fosthom inċertezzi li jinqalgħu minn swieq globali instabbli u mill-impatt kumulattiv ***tal-ftehimiet*** kummerċjali;	D. billi l-bdiewa jsibu quddiemhom bosta sfidi, fosthom inċertezzi li jinqalgħu minn swieq globali instabbli u mill-impatt kumulattiv ***tal-prattiki*** kummerċjali ***inġusti ta' pajjiżi terzi li jintroduċu prodotti fis-suq uniku tal-UE mingħajr ma jikkonformaw mar-rekwiżiti regolatorji stretti tiegħu***; ***billi dan jirrikjedi t-tisħiħ tal-kontrolli uffiċjali fil-fruntieri esterni tal-UE, permezz ta' azzjoni koordinata bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, sabiex tiġi żgurata konformità effettiva mal-istandards sanitarji, fitosanitarji, ambjentali u tas-sikurezza tal-ikel tal-UE, biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u biex jiġu protetti kemm il-konsumaturi Ewropej kif ukoll il-produtturi tal-UE;***

Or. es

Emenda 36
Piotr Müller, Waldemar Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-bdiewa jsibu quddiemhom bosta sfidi, fosthom inċertezzi li jinqalgħu minn swieq globali instabbli u mill-impatt kumulattiv tal-ftehimiet kummerċjali;	D. billi l-bdiewa jsibu quddiemhom bosta sfidi, fosthom inċertezzi li jinqalgħu minn swieq globali instabbli u mill-impatt kumulattiv tal-ftehimiet kummerċjali ***suċċessivi konkluż mill-Kummissjoni Ewropea, li ħafna drabi jiftħu s-suq tal-UE għal importazzjonijiet ta' prodotti agrikoli li ma jissodisfawx l-istandards applikabbli għall-produtturi tal-UE, li jwassal biex is-suq jimtela' b'ikel irħis ta' kwalità aktar baxxa u kompetizzjoni inġusta għad-detriment tal-bdiewa***

Ewropej, inklużi dawk Pollakki;

Or. pl

Emenda 37
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Raffaele Stancanelli, Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-bdiewa jsibu quddiemhom bosta sfidi, fosthom inċertezzi li jinqalgħu minn swieq globali instabbli u mill-impatt kumulattiv tal-ftehimiet kummerċjali***;***	D. billi l-bdiewa jsibu quddiemhom bosta sfidi, fosthom inċertezzi li jinqalgħu minn swieq globali instabbli u mill-impatt kumulattiv tal-ftehimiet kummerċjali ***ftehimiet kummerċjali konklużi mingħajr garanzija ta' reċiproċità, li jesponu lill-bdiewa Ewropej għal kompetizzjoni inġusta minn produzzjoni li ma tikkonformax mal-istandards imposti fl-Unjoni.***

Or. fr

Emenda 38
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-bdiewa jsibu quddiemhom bosta sfidi, fosthom inċertezzi li jinqalgħu minn swieq globali instabbli u mill-impatt kumulattiv tal-ftehimiet kummerċjali;	D. billi l-bdiewa jsibu quddiemhom bosta sfidi, fosthom inċertezzi li jinqalgħu minn swieq globali instabbli***, is-sitwazzjoni ġeopolitika, l-effetti tat-tibdil fil-klima, il-mard li jaffettwa l-bhejjem u l-għelejjel,*** u mill-impatt kumulattiv tal-ftehimiet kummerċjali;

Or. ro

Emenda 39

Marko Vešligaj, Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-bdiewa ***jsibu quddiemhom bosta*** sfidi, ***fosthom*** inċertezzi li ***jinqalgħu*** minn swieq globali ***instabbli u mill-impatt*** kumulattiv tal-ftehimiet kummerċjali;	D. billi l-bdiewa ***qed jiffaċċjaw għadd kbir ta'*** sfidi, ***inklużi*** inċertezzi li ***jirriżultaw*** minn swieq globali ***volatili u l-impatt*** kumulattiv tal-ftehimiet kummerċjali ***li ġew iggravati minn kuntest ġeopolitiku dejjem aktar instabbli***;

Or. en

Emenda 40
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-bdiewa jsibu quddiemhom bosta sfidi, fosthom inċertezzi li jinqalgħu minn swieq globali instabbli u mill-impatt kumulattiv tal-ftehimiet kummerċjali;	D. billi l-bdiewa jsibu quddiemhom bosta sfidi, fosthom ***l-intensifikazzjoni tat-tibdil fil-klima,*** inċertezzi li jinqalgħu minn swieq globali instabbli u mill-impatt kumulattiv tal-ftehimiet kummerċjali;

Or. pt

Emenda 41
Jessica Polfjärd

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi l-bdiewa ***jsibu quddiemhom bosta*** sfidi***, fosthom inċertezzi li jinqalgħu minn swieq globali instabbli u mill-impatt kumulattiv tal-ftehimiet kummerċjali***;	D. billi l-bdiewa ***qed jiffaċċjaw*** sfidi ***dejjem akbar mill-volatilità tas-suq, it-tibdil fil-klima u eventi estremi tat-temp aktar frekwenti***;

Or. en

Emenda 42
Arash Saeidi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. Minħabba l-għadd dejjem ikbar ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles konklużi jew li bħalissa qed jiġu ffinalizzati mill-Unjoni Ewropea (b'mod partikolari mal-Messiku, il-Korea t'Isfel, il-Kolombja, il-Perù, l-Ekwador, il-Kanada, il-Ġappun, Singapore, il-Vjetnam, ir-Renju Unit, New Zealand, iċ-Ċilì, il-Kenja, l-Indonesja, il-Mercosur, l-Indja, l-Awstralja u l-Istati Uniti skont l-hekk imsejjaħ "Ftehim Turnberry") jesponi lill-agrikoltura Ewropea għal kompetizzjoni minn pajjiżi terzi li ma jikkonformawx mal-istandards soċjali, tas-saħħa u ambjentali applikabbli fl-Unjoni, u b'hekk joħloq il-kundizzjonijiet għal dumping strutturali li huwa inkompatibbli mal-objettivi ta' dan ir-Regolament. Din ix-xejra tħeġġeġ il-konċentrazzjoni ta' strutturi agrikoli għad-detriment ta' azjendi agrikoli tal-familja u mudelli agroekoloġiċi żgħar u ta' daqs medju;

Or. en

Emenda 43
Waldemar Buda, Claudiu-Richard Târziu, Bert-Jan Ruissen, Georgiana Teodorescu, Jessika van Leeuwen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-produtturi fl-Unjoni huma soġġetti għal sistema komprensiva ta' kontrolli uffiċjali skont ir-Regolament

(UE) 2017/625, inkluża superviżjoni kontinwa mill-awtoritajiet kompetenti, kontrolli uffiċjali u awditi mwettqa mill-Kummissjoni; billi, fl-istess ħin, il-Kummissjoni tapplika, fir-rigward ta' ċerti pajjiżi terzi, is-sistema ta' elenkar minn qabel, li skontha l-istabbilimenti awtorizzati biex jesportaw prodotti li joriġinaw mill-annimali lejn l-Unjoni huma inklużi fil-listi abbażi ta' garanziji pprovduti mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż esportatur, aktar milli wara approvazzjoni individwali minn qabel mill-Unjoni; billi kundizzjonijiet ekwi ġenwini jirrikjedu standards ekwivalenti ta' superviżjoni u kontrolli uffiċjali tul il-katina kollha tal-provvista tal-ikel;

Or. en

Emenda 44
Marko Vešligaj, Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-ftehimiet kummerċjali reċenti u l-miżuri awtonomi ta' liberalizzazzjoni tal-kummerċ żiedu l-pressjoni kompetittiva fuq il-bdiewa tal-Unjoni, b'mod partikolari fis-setturi taċ-ċereali, tat-tjur, taz-zokkor, taċ-ċanga u tal-prodotti tal-ħalib; billi l-produtturi agrikoli tal-Unjoni huma meħtieġa jikkonformaw ma' standards ambjentali, tal-benesseri tal-annimali, fitosanitarji u tax-xogħol għoljin skont id-dritt tal-Unjoni, li jirriżultaw f'kostijiet tal-produzzjoni ferm ogħla minn dawk imġarrba mill-produtturi f'ċerti pajjiżi terzi u hemm bżonn li jiġi implimentat mekkaniżmu li jtaffi l-kompetizzjoni inġusta, bħal klawżoli ta' salvagwardja bilaterali u "klawżoli mera";

Or. en

Emenda 45
Piotr Müller, Waldemar Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-ftehim kummerċjali bejn l-UE u l-Mercosur u ftehimiet simili oħra jheddu li jesponu lill-produtturi Ewropej, b'mod partikolari fis-setturi taċ-ċanga, tat-tjur, taz-zokkor u taċ-ċereali, għall-kompetizzjoni minn importazzjonijiet prodotti skont standards ambjentali, tas-saħħa u tal-benesseri tal-annimali ħafna anqas stretti;

Or. pl

Emenda 46
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-bdiewa f'pajjiżi terzi għandhom kundizzjonijiet u regolamenti ta' produzzjoni differenti, li jistgħu jirrappreżentaw vantaġġ kompetittiv fis-suq fuq il-bdiewa Ewropej, li jridu jikkonformaw ma' standards ta' kwalità u produzzjoni tal-Unjoni ħafna aktar ambizzjużi;

Or. ro

Emenda 47
Jessica Polfjärd

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Da. billi l-bdiewa huma mistennija jiżguraw is-sigurtà tal-ikel filwaqt li jikkontribwixxu għall-objettivi klimatiċi u ambjentali tal-Unjoni, u għalhekk jeħtieġu l-qafas, l-għodod u l-inċentivi t-tajba biex jibqgħu kompetittivi, reżiljenti u sostenibbli;

Or. en

Emenda 48
Piotr Müller, Waldemar Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Db (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Db. billi l-liberalizzazzjoni unilaterali u wiesgħa tal-importazzjonijiet agrikoli mill-Ukrajna, pajjiż mhux tal-UE mhux soġġett għall-istandards tal-produzzjoni tal-UE, wasslet għal distorsjonijiet serji tas-suq, kollass tal-prezzijiet u telf ta' introjtu għall-bdiewa fl-Istati Membri li jmissu mal-fruntiera tal-Lvant tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Polonja, u billi l-mekkaniżmi ta' salvagwardja skattati mill-Kummissjoni wrew li kienu tardivi u insuffiċjenti;

Or. pl

Emenda 49
Waldemar Buda, Claudiu-Richard Târziu, Bert-Jan Ruissen, Georgiana Teodorescu, Jessika van Leeuwen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Db (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Db. billi n-negozjati dwar il-ftehimiet

kummerċjali, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw il-kwoti tariffarji, il-konċessjonijiet kummerċjali u l-miżuri ta' salvagwardja għal prodotti agrikoli sensittivi, ma jipprovdux livell suffiċjenti ta' trasparenza fil-konfront tal-Parlament Ewropew, tal-Istati Membri u tal-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw is-settur agrikolu, u b'hekk ifixklu valutazzjoni xierqa tal-impatt potenzjali tagħhom fuq setturi agrikoli individwali;

Or. en

Emenda 50
Waldemar Buda, Claudiu-Richard Târziu, Bert-Jan Ruissen, Georgiana Teodorescu, Jessika van Leeuwen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Dc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Dc. billi l-Kummissjoni ma tippubblikax valutazzjoni komprensiva tal-impatt kumulattiv ta' ftehimiet kummerċjali eżistenti u nnegozjati fl-istess ħin fuq il-kompetittività tal-agrikoltura tal-Unjoni u ta' setturi agrikoli sensittivi, inklużi s-setturi taċ-ċanga, tat-tjur, taz-zokkor u taċ-ċereali, minkejja l-fatt li huwa l-effett ikkombinat tal-konċessjonijiet kummerċjali kollha li jiddetermina l-pressjoni kompetittiva reali li jiffaċċjaw il-produtturi tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 51
Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

E. billi wħud ***mill-problemi prinċipali li l-bdiewa tal-UE jkollhom quddiemhom jinqalgħu mill-gwida kumplessa fl-implimentazzjoni*** tal-politiki agrikoli, li ***tqiegħed*** piż sproporzjonat fuq l-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju;	E. billi wħud ***mill-kwistjonijiet ewlenin li jiffaċċjaw il-bdiewa tal-UE jirriżultaw mis-sistemi kumplessi ta' burokrazija u gwida mhux ċara dwar l-implimentazzjoni*** tal-politiki agrikoli, li ***jpoġġu*** piż sproporzjonat fuq l-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju***, u b'hekk jiddevjaw il-ħin u r-riżorsi lil hinn mill-produzzjoni, l-innovazzjoni u l-investiment***; ***billi l-bdiewa kkonfermaw dan fl-istħarriġ tal-KE tal-2024[1a] fejn esprimew li terz tal-bdiewa tal-UE jaħdmu aktar minn sitt ijiem fis-sena fuq kompiti amministrattivi marbuta mal-PAK, u 44 % rrapportaw li kienu meħtieġa jissottomettu l-istess tip ta' data diversi drabi; billi f'dan is-sens il-perjodi tranżizzjonali huma mezz potenzjali biex jittaffa l-piż minn fuq il-bdiewa u jsir aġġustament għal leġiżlazzjoni ġdida u bidliet leġiżlattivi;***
	[1a] KE (2024). Simplifikazzjoni — il-perspettiva tal-bdiewa. Il-Kummissjoni Ewropea. Disponibbli fuq: https://www.arc2020.eu/wp-content/uploads/2024/05/presentation-farmers-simplification-survey-results_en.pdf
	Or. en

Emenda 52
Katarína Roth Neveďalová, Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi wħud mill-problemi prinċipali li l-bdiewa tal-UE jkollhom quddiemhom jinqalgħu ***mill-gwida kumplessa*** fl-implimentazzjoni tal-politiki agrikoli, li ***tqiegħed*** piż sproporzjonat fuq l-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju;	E. billi wħud mill-problemi prinċipali li l-bdiewa tal-UE jkollhom quddiemhom jinqalgħu ***minn rekwiżiti u gwida amministrattivi kumplessi u li jinbidlu b'mod frekwenti*** fl-implimentazzjoni tal-politiki agrikoli, li ***jqiegħdu*** piż sproporzjonat fuq ***il-bdiewa, b'mod***

partikolari l-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju; ***billi s-simplifikazzjoni amministrattiva għandha ssir prinċipju gwida tal-Politika Agrikola Komuni mingħajr ma tnaqqas iċ-ċertezza legali;***

Or. en

Emenda 53
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi wħud mill-problemi prinċipali li l-bdiewa tal-UE jkollhom quddiemhom jinqalgħu mill-gwida kumplessa fl-implimentazzjoni tal-politiki agrikoli, li tqiegħed piż sproporzjonat fuq l-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju;	E. billi wħud mill-problemi prinċipali li l-bdiewa tal-UE jkollhom quddiemhom jinqalgħu mill-gwida kumplessa fl-implimentazzjoni tal-politiki agrikoli, li tqiegħed piż ***burokratiku u amministrattiv*** sproporzjonat fuq l-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju ***u tillimita l-kapaċità tagħhom li jikkonċentraw fuq l-attivitajiet agrikoli, ta' investiment u ta' żvilupp tal-azjendi agrikoli***;

Or. ro

Emenda 54
Waldemar Buda, Claudiu-Richard Târziu, Bert-Jan Ruissen, Georgiana Teodorescu, Jessika van Leeuwen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi wħud mill-problemi prinċipali li l-bdiewa tal-UE jkollhom quddiemhom jinqalgħu ***mill-gwida kumplessa fl-implimentazzjoni tal-politiki agrikoli, li tqiegħed*** piż sproporzjonat fuq l-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju;	E. billi wħud mill-problemi prinċipali li l-bdiewa tal-UE jkollhom quddiemhom jinqalgħu ***minn rekwiżiti regolatorji u amministrattivi li qed jiżdiedu kontinwament assoċjati mal-implimentazzjoni tal-politika agrikola, b'mod partikolari fl-oqsma tal-protezzjoni ambjentali u tal-benesseri tal-annimali, u***

dan ipoġġi piż sproporzjonat***, b'mod partikolari*** fuq l-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju;

Or. en

Emenda 55
Christine Singer, Jérémy Decerle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi wħud mill-problemi prinċipali li l-bdiewa tal-UE jkollhom quddiemhom jinqalgħu mill-gwida kumplessa fl-implimentazzjoni tal-politiki agrikoli, li tqiegħed piż sproporzjonat fuq l-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju;	E. billi wħud mill-problemi prinċipali li l-bdiewa tal-UE jkollhom quddiemhom jinqalgħu mill-gwida kumplessa fl-implimentazzjoni tal-politiki agrikoli, li tqiegħed piż sproporzjonat fuq l-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju***, kif ukoll minn implimentazzjoni insuffiċjenti, inkonsistenti u diverġenti madwar l-Istati Membri***;

Or. en

Emenda 56
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Raffaele Stancanelli, Mireia Borrás Pabón, Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi wħud mill-problemi prinċipali li l-bdiewa tal-UE jkollhom quddiemhom jinqalgħu mill-gwida kumplessa fl-implimentazzjoni tal-politiki agrikoli, li tqiegħed piż sproporzjonat fuq l-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju;	E. billi wħud mill-problemi prinċipali li l-bdiewa tal-UE jkollhom quddiemhom jinqalgħu mill-gwida kumplessa fl-implimentazzjoni tal-politiki agrikoli ***u mill-burokrazija***, li tqiegħed piż sproporzjonat fuq l-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju;

Or. fr

Emenda 57
Carmen Crespo Díaz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi wħud mill-problemi prinċipali li l-bdiewa tal-UE jkollhom quddiemhom jinqalgħu mill-gwida kumplessa fl-implimentazzjoni tal-politiki agrikoli, li tqiegħed piż sproporzjonat fuq l-azjendi agrikoli ***żgħar u ta' daqs medju***;	E. billi wħud mill-problemi prinċipali li l-bdiewa tal-UE jkollhom quddiemhom jinqalgħu mill-gwida kumplessa fl-implimentazzjoni tal-politiki agrikoli, li tqiegħed piż sproporzjonat fuq ***il-bdiewa attivi u*** l-azjendi agrikoli ***tagħhom***;

Or. es

Emenda 58
Arash Saeidi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. Matul is-seduta ta' smigħ pubbliku tiegħu quddiem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali tal-Parlament Ewropew fis-16 ta' Jannar 2025, il-Kummissarju Ewropew għall-Kummerċ, Maroš Šefčovič, iddikjara: "Se nistabbilixxu riżerva ġdida ta' mill-anqas EUR 1 biljun biex nikkumpensaw is-settur agrikolu Ewropew jekk jintlaqat ħażin mill-implimentazzjoni tal-ftehim ta' kummerċ ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Mercosur." Dan l-impenn pubbliku jikkostitwixxi rikonoxximent espliċitu mill-Kummissjoni nnifisha tar-realtà u l-prevedibbiltà tal-ħsara li l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ tikkawża lill-bdiewa Ewropej. F'konformità ma' dan l-impenn, huwa importanti li jiġi stabbilit fond ta' kumpens iddedikat, iffinanzjat fuq bażi sostenibbli u indipendenti mill-pagamenti diretti, bil-kompitu li jivvaluta u jirrimedja kemm l-effetti individwali kif ukoll dawk

kumulattivi ta' ftehimiet kummerċjali preferenzjali suċċessivi konklużi mill-Unjoni, u li minn dan jislet il-konklużjonijiet baġitarji kollha meħtieġa.

Or. en

Emenda 59
Willemien Koning

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi d-Direttiva dwar in-Nitrati ilha fis-seħħ għal aktar minn tliet deċennji, li matulhom il-prattiki agrikoli, l-iżviluppi teknoloġiċi u l-kundizzjonijiet ambjentali evolvew b'mod sinifikanti; billi l-evalwazzjoni tad-Direttiva tipprovdi opportunità importanti biex tiġi infurmata reviżjoni leġiżlattiva li ttejjeb l-effettività, il-flessibbiltà u l-implimentazzjoni prattika tagħha filwaqt li żżomm l-objettivi tal-kwalità tal-ilma u tappoġġja l-vijabbiltà fit-tul tal-agrikoltura tal-UE;

Or. en

Emenda 60
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi d-Direttiva dwar in-Nitrati ilha fis-seħħ għal aktar minn tliet deċennji, li matulhom il-prattiki agrikoli, l-iżviluppi teknoloġiċi u l-kundizzjonijiet ambjentali evolvew b'mod sinifikanti; billi l-evalwazzjoni tad-Direttiva tipprovdi opportunità importanti għal reviżjoni leġiżlattiva li ttejjeb l-effettività, il-

flessibbiltà u l-implimentazzjoni prattika tagħha filwaqt li żżomm l-objettivi tal-kwalità tal-ilma u tappoġġja l-vijabbiltà fit-tul tal-agrikoltura tal-UE;

Or. en

Emenda 61
Marko Vešligaj, Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi għad hemm diverġenzi sinifikanti fil-mod kif ir-regoli tal-Unjoni fl-agrikoltura jiġu interpretati u implimentati fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, u billi tali diverġenzi jistgħu joħolqu distorsjonijiet fis-suq intern u jqiegħdu lill-produtturi agrikoli f'ċerti Stati Membri fi żvantaġġ komparattiv; billi għandha tiġi introdotta leġiżlazzjoni ġdida b'mod li tiżgura l-istabbiltà fis-settur u ċ-ċertezza u s-sigurtà legali għall-bdiewa kollha;

Or. en

Emenda 62
Katarína Roth Neveďalová, Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi t-tnaqqis tal-piżijiet u l-ispezzjonijiet amministrattivi bla bżonn jippermetti lill-bdiewa jiddedikaw aktar ħin u riżorsi għall-produzzjoni tal-ikel, l-innovazzjoni u l-amministrazzjoni ambjentali; billi l-għodod diġitali għandhom jissimplifikaw il-proċeduri u jirrispettaw il-prinċipju ta' "darba biss"

għas-sottomissjoni ta' informazzjoni lill-awtoritajiet pubbliċi;

Or. en

Emenda 63
Carmen Crespo Díaz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi s-simplifikazzjoni regolatorja u amministrattiva għandha ssir ukoll prinċipju orizzontali tal-politika agrikola komuni, li jnaqqas il-piżijiet amministrattivi, l-ispejjeż ta' konformità u l-obbligi ta' rappurtar għall-bdiewa attivi;

Or. es

Emenda 64
Christine Singer, Benoit Cassart, Charles Goerens, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi l-kumplessità amministrattiva eċċessiva, l-obbligi ta' rapportar li jikkoinċidu u l-bidliet frekwenti fir-regoli ta' implimentazzjoni jimminaw il-fiduċja tal-bdiewa, iċ-ċertezza legali u d-deċiżjonijiet ta' investiment, speċjalment għall-azjendi agrikoli tal-familja żgħar u ta' daqs medju;

Or. en

Emenda 65
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi s-simplifikazzjoni regolatorja u amministrattiva hija kundizzjoni essenzjali biex l-azjendi agrikoli Ewropej, b'mod partikolari l-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju, isiru aktar kompetittivi;

Or. it

Emenda 66
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi l-miżuri ta' appoġġ nazzjonali u tal-UE mhux dejjem jirriflettu b'mod adegwat il-bżonnijiet tal-bdiewa, il-kostijiet reali tal-produzzjoni, l-inflazzjoni, l-intensità tax-xogħol, l-esponiment għar-riskju jew il-valur miżjud iġġenerat mid-diversi sistemi ta' biedja;	F. billi l-miżuri ta' appoġġ nazzjonali u tal-UE mhux dejjem jirriflettu b'mod adegwat il-bżonnijiet tal-bdiewa***, speċjalment il-ħtiġijiet reġjonali jew lokali speċifiċi***, il-kostijiet reali tal-produzzjoni, l-inflazzjoni, l-intensità tax-xogħol, l-esponiment għar-riskju jew il-valur miżjud iġġenerat mid-diversi sistemi ta' biedja;

Or. ro

Emenda 67
Katarína Roth Neveďalová, Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fa. billi disparitajiet sinifikanti fil-livell ta' pagamenti diretti bejn l-Istati Membri jkomplu jimminaw il-prinċipju ta' trattament ugwali tal-bdiewa fi ħdan is-suq intern, ipoġġu lill-bdiewa fi Stati Membri b'pagamenti aktar baxxi fi

żvantaġġ kompetittiv minkejja li jikkonformaw mal-istess standards tal-Unjoni, joħolqu distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u jdgħajfu l-vijabbiltà ekonomika tal-azjendi agrikoli f'diversi Stati Membri; billi t-tlestija tal-konverġenza esterna tal-pagamenti diretti tibqa' essenzjali biex tiġi żgurata politika agrikola ġusta u verament komuni;

Or. en

Emenda 68
Willemien Koning

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Fa. billi r-rekwiżiti stabbiliti b'mod uniformi fil-livell tal-Unjoni mhux dejjem jirriflettu biżżejjed id-differenzi sinifikanti fit-tipi ta' ħamrija, fis-sistemi tal-biedja u fil-kundizzjonijiet klimatiċi bejn l-Istati Membri u fi ħdanhom; billi approċċ ibbażat fuq ir-riżultati li jippermetti implimentazzjoni adattata għall-kundizzjonijiet lokali jista' jtejjeb l-effettività, il-proporzjonalità u l-prestazzjoni ambjentali tal-politika agrikola;

Or. en

Emenda 69
Marko Vešligaj, Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi pagamenti irregolari, imprevedibbli ***u*** li jsiru bil-mod jistgħu joħolqu problemi ta' likwidità akuti għall-	G. billi pagamenti irregolari, imprevedibbli ***jew*** li jsiru bil-mod jistgħu joħolqu problemi ta' likwidità akuti għall-

azjendi agrikoli, ***u l-esiġenzi tal-bdiewa għal finanzjament*** mill-banek ***li jibqgħu mhux sodisfatti ammontaw għal*** EUR 62 biljun fl-2022;	azjendi agrikoli, ***speċjalment għall-bdiewa żgħażagħ u nisa, għal entranti ġodda u għal azjendi żgħar b'aċċess limitat għall-finanzjament; billi t-talbiet mhux issodisfati għall-finanzjament*** mill-banek ***laħqu*** EUR 62 biljun fl-2022; ***billi l-azjendi agrikoli żgħar u l-bdiewa żgħażagħ huma l-aktar milquta minn dan l-aċċess insuffiċjenti għall-istrumenti finanzjarji u aktar minn 50 % tal-applikazzjonijiet kollha tal-bdiewa żgħażagħ ġew irrifjutati minħabba restrizzjonijiet fil-politika bankarja[2a] filwaqt li d-data turi wkoll disparitajiet evidenti għall-bdiewa nisa fl-aċċess għall-pagamenti diretti[3a];***
	[2a] https://agriculture.ec.europa.eu/media/news/access-finance-remains-insufficient-farmers-and-agri-food-smes-2023-10-12_mt
	[3a] Shortall, Sally, l-Università ta' Newcastle, ir-Renju Unit/South East Technological University, l-Irlanda, Bock, Bettina, NL/l-Università ta' Wageningen, Farrell, Maura., Murtagh Aisling., Weir, Louise, University of Galway, l-Irlanda, Verschuure-Stuip, G, Korthals Altes, W, Legein L., Bourke Martignoni J., Guadalupe Rivera Ferre M. Akello B.C., Brunori G., Caroline van der Weerdt, TNO, Sabine Verdult, TNO, Advancing gender equality in agriculture and rural areas — policy brief
	Or. en

Emenda 70
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

Ga. billi t-taxxi u d-dazji fuq is-sussidji agrikoli ffinanzjati mill-fondi tal-UE huma applikati b'mod differenti, skont il-politika interna ta' kull Stat Membru;

Or. ro

Emenda 71
Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi fl-aħħar trimestru tal-2025 il-kostijiet tal-fertilizzanti għall-bdiewa fl-UE baqgħu konsiderevolment ogħla, u rrappreżentaw 62 % aktar mil-livelli li laħqu fl-2020;	H. billi fl-aħħar trimestru tal-2025 il-kostijiet tal-fertilizzanti għall-bdiewa fl-UE baqgħu konsiderevolment ogħla, u rrappreżentaw 62 % aktar mil-livelli li laħqu fl-2020***, billi fi Q4 2025 il-prezzijiet tal-output għall-bdiewa naqsu b'1,9 % sena wara sena fl-UE, b'żieda fil-kostijiet tal-input, eż. il-prezzijiet tal-fertilizzanti u tat-tejjieba tal-ħamrija li kienu għadhom qed jogħlew, żieda ta' 7,9 % li tindika sitwazzjoni allarmanti tal-kost għall-produzzjoni li qed jiżdied kontinwament, filwaqt li d-dħul qed jonqos, billi minħabba l-prezzijiet tal-enerġija, il-prezzijiet tal-fertilizzanti huma affettwati b'mod speċjali u l-fertilizzanti diġà jiswew 70 % aktar issa milli fl-2024*; ***billi din hija parti kruċjali mill-vijabbiltà tal-produzzjoni agrikola u għall-bdiewa li jikkultivaw l-għelejjel, il-fertilizzanti jistgħu jirrappreżentaw sa 20 % tal-kostijiet totali tal-input tagħhom[5a];**

5a

https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/statement_26_1109

Or. en

Emenda 72
Waldemar Buda, Claudiu-Richard Târziu, Bert-Jan Ruissen, Georgiana Teodorescu, Jessika van Leeuwen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi fl-aħħar trimestru tal-2025 il-kostijiet tal-fertilizzanti għall-bdiewa fl-UE baqgħu konsiderevolment ogħla, u rrappreżentaw 62 % aktar mil-livelli li laħqu fl-2020;	H. billi fl-aħħar trimestru tal-2025***,*** il-kostijiet tal-fertilizzanti għall-bdiewa fl-UE baqgħu konsiderevolment ogħla, u rrappreżentaw 62 % aktar mil-livelli li laħqu fl-2020; ***billi l-prezzijiet għoljin b'mod persistenti tal-enerġija, tal-fjuwil u tal-fertilizzanti, flimkien maż-żieda fil-kostijiet regolatorji, ikomplu jnaqqsu l-kompetittività tal-agrikoltura tal-Unjoni meta mqabbla ma' produtturi f'pajjiżi terzi;***

Or. en

Emenda 73
Piotr Müller, Waldemar Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi fl-aħħar trimestru tal-2025 il-kostijiet tal-fertilizzanti għall-bdiewa fl-UE baqgħu konsiderevolment ogħla, u rrappreżentaw 62 % aktar mil-livelli li laħqu fl-2020;	H. billi fl-aħħar trimestru tal-2025 il-kostijiet tal-fertilizzanti għall-bdiewa fl-UE baqgħu konsiderevolment ogħla, u rrappreżentaw 62 % aktar mil-livelli li laħqu fl-2020***, minħabba, fost affarijiet oħra, id-dipendenza fuq l-importazzjoni, il-prezzijiet għoljin tal-enerġija u l-piż tal-politika tal-UE dwar il-klima, li jimminaw il-kompetittività u l-vijabbiltà tal-azjendi agrikoli***;

Or. pl

Emenda 74
Luis-Vicențiu Lazarus

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi fl-aħħar trimestru tal-2025 il-kostijiet tal-fertilizzanti għall-bdiewa fl-UE baqgħu konsiderevolment ogħla, u rrappreżentaw 62 % aktar mil-livelli li laħqu fl-2020;	H. billi fl-aħħar trimestru tal-2025***,*** il-kostijiet tal-fertilizzanti għall-bdiewa fl-UE baqgħu konsiderevolment ogħla, u rrappreżentaw 62 % aktar mil-livelli li laħqu fl-2020; ***billi dan jaffettwa serjament il-kompetittività tal-agrikoltura Ewropea, l-introjtu tal-bdiewa u l-kapaċità tal-Unjoni li tiżgura s-sigurtà tal-ikel;***

Or. ro

Emenda 75
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Raffaele Stancanelli, Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi fl-aħħar trimestru tal-2025 il-kostijiet tal-fertilizzanti għall-bdiewa fl-UE baqgħu konsiderevolment ogħla, u rrappreżentaw 62 % aktar mil-livelli li laħqu fl-2020;	H. billi fl-aħħar trimestru tal-2025 il-kostijiet tal-fertilizzanti għall-bdiewa fl-UE baqgħu konsiderevolment ogħla, u rrappreżentaw 62 % aktar mil-livelli li laħqu fl-2020; ***ifakkar li s-CBAM ikkontribwixxa wkoll u għadu jikkontribwixxi għaż-żieda fil-prezzijiet tal-fertilizzanti fl-2026.***

Or. fr

Emenda 76
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi fl-aħħar trimestru tal-2025 il-	H. billi fl-aħħar trimestru tal-2025 il-

kostijiet tal-fertilizzanti għall-bdiewa fl-UE baqgħu konsiderevolment ogħla, u rrappreżentaw 62 % aktar mil-livelli li laħqu fl-2020;	kostijiet tal-fertilizzanti għall-bdiewa fl-UE baqgħu konsiderevolment ogħla, u rrappreżentaw 62 % aktar mil-livelli li laħqu fl-2020 ***u 67.5 % mill-medja tal-prezzijiet tal-2024***;

Or. pt

Emenda 77
Christine Singer, Jérémy Decerle, Benoit Cassart, Charles Goerens, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa H

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
H. billi fl-aħħar trimestru tal-2025 il-kostijiet ***tal-fertilizzanti*** għall-bdiewa fl-UE baqgħu konsiderevolment ogħla, ***u rrappreżentaw*** 62 % aktar mil-livelli li laħqu fl-2020;	H. billi fl-aħħar trimestru tal-2025**,** il-kostijiet ***tal-input*** għall-bdiewa fl-UE baqgħu konsiderevolment ogħla, ***pereżempju, il-kostijiet tal-fertilizzanti kienu*** 62 % aktar mil-livelli li laħqu fl-2020;

Or. en

Emenda 78
Waldemar Buda, Claudiu-Richard Târziu, Bert-Jan Ruissen, Georgiana Teodorescu, Jessika van Leeuwen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi s-settur tal-bhejjem huwa wieħed mill-pilastri tas-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni u fl-istess ħin qed jiffaċċja pressjoni dejjem akbar li tirriżulta mill-inċidenza dejjem tikber ta' mard transkonfinali tal-annimali, kompetizzjoni dejjem akbar mill-importazzjonijiet li joriġinaw minn pajjiżi terzi u inizjattivi regolatorji suċċessivi li jaffettwaw il-produzzjoni tal-bhejjem, inklużi reviżjonijiet ippjanati tal-leġiżlazzjoni dwar il-benesseri tal-annimali kif ukoll

rekwiżiti addizzjonali relatati mal-klima u mal-ambjent; billi ż-żamma tal-kompetittività u tal-profittabbiltà tas-settur tal-bhejjem hija essenzjali biex jiġu żgurati s-sigurtà tal-ikel u l-awtonomija strateġika fit-tul tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 79
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi t-tensjonijiet ġeopolitiċi, b'mod partikolari l-kunflitti fil-Lvant Nofsani, ikkontribwew għall-instabbiltà u ż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija u tal-fjuwil, żiedu l-kostijiet tal-produzzjoni u tat-trasport għall-bdiewa tal-Unjoni, u kkawżaw effetti kaskata fit-tul, li l-firxa tagħhom għadha ma ġietx ikkwantifikata bis-shiħ;

Or. ro

Emenda 80
Christine Singer, Jérémy Decerle, Benoit Cassart, Charles Goerens, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi ċ-ċikli reġjonali tan-nutrijenti, l-irkupru tal-fosforu u ta' nutrijenti oħra u l-iżvilupp ta' fertilizzanti prodotti fl-UE jistgħu jikkontribwixxu għat-tnaqqis tad-dipendenzi fuq l-importazzjonijiet, għat-tnaqqis tal-vulnerabbiltà għax-xokkijiet fil-prezzijiet u għat-tishiħ tal-awtonomija strateġika tal-agrikoltura Ewropea;

Or. en

Emenda 81
Carmen Crespo Díaz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi l-UE għandha timmobilizza b'mod koordinat id-diversi strumenti finanzjarji għad-dispożizzjoni tagħha biex ittaffi l-impatt taż-żieda fil-fertilizzanti, tippreserva l-kompetittività tal-bdiewa Ewropej u tevita distorsjonijiet fis-suq intern;

Or. es

Emenda 82
Marko Vešligaj, André Franqueira Rodrigues, Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi l-infrastrutturi inadegwati tal-ipproċessar, tal-ħżin u tal-loġistika ma jħallux lil ħafna bdiewa jżommu l-valur miżjud, jilħqu s-swieq b'mod effiċjenti u jqassru l-ktajjen tal-provvista;	I. billi l-infrastrutturi inadegwati tal-ipproċessar, tal-ħżin u tal-loġistika ma jħallux lil ħafna bdiewa jżommu l-valur miżjud, jilħqu s-swieq b'mod effiċjenti u jqassru l-ktajjen tal-provvista***, b'mod partikolari f'żoni remoti, rurali, muntanjużi, insulari, ultraperiferiċi u żvantaġġati mod ieħor***;

Or. en

Emenda 83
Christine Singer, Jérémy Decerle, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi l-infrastrutturi inadegwati tal-ipproċessar, tal-ħżin u tal-loġistika ***ma jħallux lil ħafna bdiewa jżommu*** l-valur miżjud, jilħqu s-swieq b'mod effiċjenti u jqassru l-ktajjen tal-provvista;	I. billi l-infrastrutturi inadegwati tal-ipproċessar, tal-ħżin u tal-loġistika ***jagħmluha diffiċli għall-bdiewa u għall-kooperattivi biex iżommu*** l-valur miżjud, jilħqu s-swieq b'mod effiċjenti u jqassru l-ktajjen tal-provvista;

Or. en

Emenda 84
Arash Saeidi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ia (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ia. billi l-produzzjoni agrikola Ewropea tiddependi strutturalment u parzjalment mix-xogħol ta' miljuni ta' ħaddiema migranti u staġjonali, li l-kundizzjonijiet tal-impjieg, tal-akkomodazzjoni u tal-protezzjoni soċjali tagħhom għadhom inaċċettabbli f'ħafna Stati Membri, b'rata stmata ta' xogħol mhux iddikjarat jew sottoddikjarat ta' madwar 32 % fis-settur agrikolu madwar l-Unjoni.

Or. en

Emenda 85
Arash Saeidi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ib (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ib. billi l-introjtu tal-bdiewa huwa insuffiċjenti u instabbli; flimkien ma' kostijiet għoljin tal-produzzjoni u setgħa ta' negozjar limitata fis-setturi agroalimentari, dan ikompli jipperikola l-

vijabbiltà tal-azjendi agrikoli, b'mod partikolari għall-bdiewa żgħażagħ u ġodda;

Or. en

Emenda 86
Marko Vešligaj, Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
J. billi r-reżiljenza fit-tul tal-produtturi agrikoli tal-UE hija fundamentali biex titħares il-produzzjoni tal-ikel tal-UE;	J. billi r-reżiljenza fit-tul tal-produtturi agrikoli tal-UE hija fundamentali biex titħares il-produzzjoni tal-ikel tal-UE***, u s-sigurtà tal-ikel hija prekundizzjoni għas-sigurtà kumplessiva tal-Unjoni***; ***billi r-reżiljenza tal-produzzjoni agrikola tal-UE tiffaċċja sfidi minn għadd ta' riskji ekonomiċi u relatati mal-klima li qed jiżdiedu u li jeħtieġ li jittaffew fil-livelli kollha, inklużi l-livelli Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali;***

Or. en

Emenda 87
Christine Singer, Benoit Cassart, Charles Goerens, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
J. billi r-reżiljenza fit-tul tal-produtturi agrikoli tal-UE hija fundamentali biex titħares il-produzzjoni tal-ikel tal-UE;	J. billi r-reżiljenza fit-tul tal-produtturi agrikoli tal-UE hija fundamentali biex titħares il-produzzjoni tal-ikel tal-UE; ***dan japplika wkoll għall-iżgurar tal-provvisti tal-enerġija, li għalihom il-bdiewa u l-kooperattivi jagħtu kontribut importanti permezz tal-provvista tal-bijoenerġija;***

Or. en

Emenda 88
Waldemar Buda, Claudiu-Richard Târziu, Bert-Jan Ruissen, Georgiana Teodorescu, Jessika van Leeuwen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
J. billi r-reżiljenza fit-tul tal-produtturi agrikoli tal-UE hija fundamentali biex titħares il-produzzjoni tal-ikel tal-UE;	J. billi r-reżiljenza fit-tul tal-produtturi agrikoli tal-UE hija fundamentali biex titħares il-produzzjoni tal-ikel tal-UE***, filwaqt li ż-żamma tal-kapaċità tal-produzzjoni agrikola tal-Unjoni hija komponent essenzjali tas-sigurtà strateġika u tas-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni***;

Or. en

Emenda 89
Jessica Polfjärd

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
J. billi r-reżiljenza fit-tul tal-produtturi agrikoli tal-UE hija fundamentali biex titħares il-produzzjoni tal-ikel tal-UE;	J. billi r-reżiljenza fit-tul tal-produtturi agrikoli tal-UE hija fundamentali biex titħares il-produzzjoni tal-ikel ***u s-sigurtà tal-ikel*** tal-UE;

Or. en

Emenda 90
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
J. billi r-reżiljenza fit-tul tal-produtturi agrikoli tal-UE hija	J. billi r-reżiljenza fit-tul tal-produtturi agrikoli tal-UE hija

fundamentali biex titħares il-produzzjoni tal-ikel tal-UE;	fundamentali biex titħares il-produzzjoni ***u s-sigurtà*** tal-ikel tal-UE;

Or. ro

Emenda 91
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ja (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ja. billi l-inċertezza legali u l-konġestjonijiet fl-għoti ta' permessi jfixklu dejjem aktar l-investimenti fl-agrikoltura u tali konġestjonijiet spiss jirriżultaw mill-implimentazzjoni u l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni aktar milli mill-proċeduri tal-għoti ta' permessi waħedhom; billi t-test tal-istress li jinsab għaddej tad-Direttiva dwar il-Ħabitats jipprovdi opportunità biex jiġu identifikati dawn l-ostakli u tiġi appoġġjata inizjattiva leġiżlattiva orizzontali għal reviżjoni bl-għan li tittejjeb iċ-ċertezza legali u jkunu possibbli investimenti sostenibbli;

Or. en

Emenda 92
Willemien Koning

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ja (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ja. billi l-inċertezza legali u l-konġestjonijiet fl-għoti ta' permessi jfixklu dejjem aktar l-investimenti fl-agrikoltura u tali konġestjonijiet spiss jirriżultaw mill-implimentazzjoni u l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni aktar milli mill-proċeduri tal-għoti

ta' permessi waħedhom; billi t-test tal-istress li jinsab għaddej tad-Direttiva dwar il-Ħabitats jipprovdi opportunità biex jiġu identifikati dawn l-ostakli u jiġi appoġġjat approċċ orizzontali biex tittejjeb iċ-ċertezza legali u jkunu possibbli investimenti sostenibbli;

Or. en

Emenda 93
Marko Vešligaj, Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa L

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L. billi l-investimenti insuffiċjenti fl-infrastrutturi rurali, fosthom it-trasport, l-aċċess diġitali, l-edukazzjoni u l-assistenza fil-qasam tas-saħħa, jillimitaw l-opportunitajiet għaż-żgħażagħ, jikkompromettu l-kwalità tal-ħajja u jdgħajfu l-eżerċizzju effettiv tad-"dritt li wieħed jibqa' fit-territorju" meta jirrigwarda l-kuntest rurali;	L. billi l-investimenti insuffiċjenti fl-infrastrutturi rurali, fosthom it-trasport, l-aċċess diġitali, l-edukazzjoni u l-assistenza fil-qasam ***tal-kura*** tas-saħħa ***u s-servizzi mediċi***, ***inaqqsu l-istandards tal-għajxien u*** jillimitaw l-opportunitajiet għaż-żgħażagħ, jikkompromettu l-kwalità tal-ħajja u jdgħajfu l-eżerċizzju effettiv tad-"dritt li wieħed jibqa' fit-territorju" meta ***tali dritt*** jirrigwarda l-kuntest rurali; ***billi l-bdiewa jirrikjedu aċċess għall-apprendiment tul il-ħajja u trasferiment tal-għarfien, servizzi ta' konsulenza kif ukoll appoġġ għall-adozzjoni tal-innovazzjoni; billi n-nuqqas ta' din l-infrastruttura u ta' dawn is-servizzi jaffettwa wkoll l-attraenza tas-settur;***

Or. en

Emenda 94
Carmen Crespo Díaz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa L

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

L. billi l-investimenti insuffiċjenti fl-infrastrutturi rurali, fosthom it-trasport, l-aċċess diġitali, l-edukazzjoni u l-assistenza fil-qasam tas-saħħa, jillimitaw l-opportunitajiet ***għaż-żgħażagħ***, jikkompromettu l-kwalità tal-ħajja u jdgħajfu l-eżerċizzju effettiv tad-"dritt li wieħed jibqa' fit-territorju" ***meta jirrigwarda l-kuntest*** rurali;	L. billi l-investimenti insuffiċjenti fl-infrastrutturi rurali, fosthom it-trasport, l-aċċess diġitali, ***il-ħżin, it-trasport u d-distribuzzjoni tal-ilma għall-agrikoltura,*** l-edukazzjoni***, l-intraprenditorija rurali*** u l-assistenza fil-qasam tas-saħħa, jillimitaw l-opportunitajiet, jikkompromettu l-kwalità tal-ħajja u jdgħajfu l-eżerċizzju effettiv tad-"dritt li wieħed jibqa' fit-territorju" ***għall-abitanti taż-żoni*** rurali ***u t-tiġdid ġenerazzjonali***;

Or. es

Emenda 95
Christine Singer, Benoit Cassart, Charles Goerens, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa L

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L. billi ***l-investimenti*** insuffiċjenti ***fl-infrastrutturi*** rurali, fosthom it-trasport, l-aċċess diġitali, l-edukazzjoni u ***l-assistenza fil-qasam*** tas-saħħa, ***jillimitaw l-opportunitajiet għaż-żgħażagħ, jikkompromettu*** l-kwalità tal-ħajja u ***jdgħajfu l-eżerċizzju effettiv tad-"dritt li wieħed jibqa' fit-territorju" meta jirrigwarda l-kuntest*** rurali;	L. billi ***l-investiment*** insuffiċjenti ***fl-infrastruttura*** rurali, fosthom it-trasport, l-aċċess diġitali, l-edukazzjoni u ***l-kura*** tas-saħħa, ***jikkompromettu*** l-kwalità tal-ħajja u ***l-opportunitajiet ekonomiċi ta' persuni tal-ġenerazzjonijiet kollha li jgħixu fiż-żoni*** rurali ***u jikkontribwixxi għat-tnaqqis demografiku u għad-disparitajiet territorjali***;

Or. en

Emenda 96
André Franqueira Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa La (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	La. billi r-reġjuni ultraperiferiċi, ir-reġjuni insulari u muntanjużi u ż-żoni li għandhom restrizzjonijiet naturali jew strutturali jiffaċċjaw ma' kostijiet oġħla

	tal-produzzjoni, tal-ipproċessar u tat-trasport, swieq iżgħar u esponiment akbar għat-tfixkil fil-katina tal-provvista;

Or. pt

Emenda 97
Marko Vešligaj, Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa M

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
M. billi l-agrikoltura hija dejjem aktar esposta għar-riskji relatati mal-klima u għad-diżastri naturali, ***li bejn l-1980 u l-2022 ikkawżaw telf*** ekonomiku kumulattiv ***fl-UE*** stmat għal EUR 650 biljun;	M. billi l-agrikoltura hija dejjem aktar esposta għar-riskji relatati mal-klima u għad-diżastri naturali, ***bħal nixfa, għargħar, nirien, tifqigħat ta' mard tal-pjanti u tal-annimali u riskji oħra li jistgħu jnaqqsu malajr il-potenzjal produttiv u l-introjtu tal-azjendi agrikoli; billi l-kost tal-perikli naturali fl-UE li mill-1980 sal-2022 it-telf*** ekonomiku kumulattiv ***minnhom fl-UE ġie*** stmat għal EUR 650 biljun[5a];
	[5a] https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/statement_26_1109

Or. en

Emenda 98
André Franqueira Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ma (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ma. billi ż-żieda fil-frekwenza u l-intensità tal-kriżijiet klimatiċi, tas-saħħa, ġeopolitiċi u tas-suq titlob strumenti Ewropej permanenti għall-prevenzjoni, l-akkomunament tar-riskju, ir-

riassigurazzjoni u r-rispons rapidu, mingħajr ma jiġi mminat l-appoġġ bażiku għall-introjtu;

Or. pt

Emenda 99
Marko Vešligaj, Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa N

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
N. billi l-iskarsezza tal-ilma u l-kapaċità ta' tisqija insuffiċjenti jheddu l-vijabbiltà fit-tul tal-produzzjoni agrikola;	N. billi l-iskarsezza tal-ilma u l-kapaċità ta' tisqija insuffiċjenti jheddu l-vijabbiltà fit-tul tal-produzzjoni agrikola***, u jirrikjedu investiment strateġiku, użu effiċjenti tal-ilma u ppjanar aħjar fit-tul***;

Or. en

Emenda 100
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Raffaele Stancanelli, Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa N

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
N. billi l-iskarsezza tal-ilma u l-kapaċità ta' tisqija insuffiċjenti jheddu l-vijabbiltà fit-tul tal-produzzjoni agrikola;	N. billi l-iskarsezza tal-ilma u l-kapaċità ta' tisqija insuffiċjenti jheddu l-vijabbiltà fit-tul tal-produzzjoni agrikola; ***ifakkar li l-ħżin tal-ilma huwa essenzjali għall-għelejjel tal-UE.***

Or. fr

Emenda 101
Carmen Crespo Díaz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Na (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Na. billi l-iskarsezza tal-ilma tikkomprometti mhux biss il-produttività u l-vijabbiltà tal-attività agrikola, iżda wkoll il-koeżjoni u l-ħajja rurali, is-sigurtà tal-ikel u l-awtonomija strateġika tal-UE, billi żżid id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi li l-istandards tal-produzzjoni, tal-kwalità u tas-sostenibbiltà tagħhom jistgħu jkunu aktar baxxi minn dawk meħtieġa mill-produtturi Ewropej;
	Or. es

Emenda 102
Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa O

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
O. billi l-agrikoltura tiddependi minn saħħet il-ħamrija, minn ekosistemi li jaħdmu, mill-bijodiversità, mid-dakkara u mill-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali;	O. billi l-agrikoltura tiddependi minn saħħet il-ħamrija, minn ekosistemi li jaħdmu, mill-bijodiversità, mid-dakkara u mill-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali***, huwa essenzjali li l-politiki agrikoli jqisu wkoll, bl-istess mod, il-prevedibbiltà ekonomika, il-libertà tal-bdiewa li jipproduċu u l-aċċess tagħhom għal teknoloġiji moderni u inputs affordabbli***; ***ta' min jiġi enfasizzat, madankollu, li s-sostenibbiltà ambjentali ma tistax tinkiseb b'mod effiċjenti u dejjiemi mingħajr ma jiġu żgurati, fl-istess ħin, il-vijabbiltà ekonomika, il-profittabbiltà u l-kompetittività tal-bdiewa Ewropej fis-suq globali;***
	Or. ro

Emenda 103
Marko Vešligaj, Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa O

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
O. billi l-agrikoltura tiddependi minn saħħet il-ħamrija, minn ekosistemi li jaħdmu, mill-bijodiversità, mid-dakkara u mill-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali;	O. billi l-agrikoltura tiddependi minn saħħet il-ħamrija, minn ekosistemi li jaħdmu, mill-bijodiversità, mid-dakkara u mill-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali***, u billi l-protezzjoni ta' dawn il-beni pubbliċi trid tiġi rikonċiljata mal-vijabbiltà ekonomika tal-azjendi agrikoli***;

Or. en

Emenda 104
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa O

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
O. billi l-agrikoltura tiddependi minn saħħet il-ħamrija, minn ekosistemi li jaħdmu, mill-bijodiversità, mid-dakkara u mill-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali;	O. billi l-agrikoltura tiddependi minn saħħet il-ħamrija, minn ekosistemi li jaħdmu, mill-bijodiversità, mid-dakkara u mill-użu sostenibbli ***u, sa fejn possibbli, ċirkolari*** tar-riżorsi naturali;

Or. ro

Emenda 105
Carmen Crespo Díaz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Oa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Oa. billi l-biedja organika hija settur strateġiku għall-UE, li twieġeb għad-domanda dejjem tikber tal-konsumaturi, tiġġenera valur miżjud għall-produtturi, issaħħaħ il-kompetittività tas-settur agrikolu u tikkontribwixxi għad-diversifikazzjoni u l-iżvilupp ekonomiku taż-żoni rurali;

Or. es

Emenda 106
Christine Singer, Jérémy Decerle, Benoit Cassart, Charles Goerens, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Oa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Oa. billi t-trobbija sostenibbli tal-bhejjem, il-bwar permanenti u s-sistemi ta' biedja mħallta jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-ikel, għall-impjiegi rurali, għall-ġestjoni tal-pajsaġġi, għall-bijodiversità u għas-sistemi agrikoli ċirkolari;

Or. en

Emenda 107
Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Oa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Oa. billi t-titjib tal-benesseri tal-annimali jikkontribwixxi għal agrikoltura sostenibbli, inaqqas l-impatti ambjentali u jsaħħaħ l-aspettattivi etiċi u dawk tal-konsumaturi;

Or. en

Emenda 108
Christine Singer, Charles Goerens, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ob (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

Ob. billi l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u s-sidien attivi ta' foresti għandhom rwol importanti fl-ekonomiji rurali, l-adattament għat-tibdil fil-klima, il-bijodiversità, il-materja prima rinnovabbli u r-reżiljenza taż-żoni rurali;

Or. en

Emenda 109
Marko Vešligaj, André Franqueira Rodrigues, Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa P

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
P. billi l-ekwità fl-agrikoltura tal-UE tfisser ridistribuzzjoni ekwa tal-appoġġ għall-introjtu, trażżin tal-iżbilanċi fil-poter tal-ktajjen tal-provvista u garanzija tad-drittijiet u tas-sikurezza tal-ħaddiema agrikoli;	P. billi l-ekwità fl-agrikoltura tal-UE tfisser ridistribuzzjoni ekwa tal-appoġġ għall-introjtu, trażżin tal-iżbilanċi fil-poter tal-ktajjen tal-provvista u garanzija tad-drittijiet u tas-sikurezza tal-ħaddiema agrikoli ***u tinkorpora politiki li jiżguraw li l-bdiewa, il-ħaddiema u l-komunitajiet kollha jingħataw opportunitajiet indaqs biex jirnexxu, speċjalment ambjent tax-xogħol ġust, pagi ġusti, kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri, u aċċess ugwali għall-art, l-ilma, it-teknoloġija u s-swieq***;

Or. en

Emenda 110
Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa P

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
P. billi l-ekwità fl-agrikoltura tal-UE ***tfisser ridistribuzzjoni ekwa tal-appoġġ għall-introjtu, trażżin tal-iżbilanċi fil-poter tal-ktajjen tal-provvista u garanzija tad-drittijiet u tas-sikurezza tal-ħaddiema*** agrikoli;	P. billi l-ekwità fl-agrikoltura tal-UE ***tinvolvi l-garanzija ta' kundizzjonijiet ekwi, introjtu ġust għall-bdiewa, aċċess ugwali għall-appoġġ tal-PAK u l-eliminazzjoni ta' prattiki kummerċjali inġusti, filwaqt li jiġu rispettati l-***

kompetenzi tal-Istati Membri fil-qasam tal-politiki soċjali; jitlob li dawn il-miżuri jiġu implimentati mingħajr ma jiġu imposti pożijiet amministrattivi ġodda jew kontrolli sproporzjonati fuq l-azjendi agrikoli;

Or. ro

Emenda 111
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa P

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
P. billi ***l-ekwità*** fl-agrikoltura tal-UE tfisser ***ridistribuzzjoni*** ekwa tal-appoġġ għall-introjtu, ***tnaqqis*** tal-iżbilanċi ***fil-poter tal-ktajjen*** tal-provvista ***u garanzija*** tad-drittijiet u ***tas-sikurezza*** tal-ħaddiema agrikoli;	P. billi ***l-ġustizzja*** fl-agrikoltura tal-UE tfisser ***ir-ridistribuzzjoni*** ekwa tal-appoġġ għall-introjtu, ***it-tnaqqis*** tal-iżbilanċi ***tal-poter fil-katina*** tal-provvista***, u l-iżgurar*** tad-drittijiet u ***s-sikurezza*** tal-ħaddiema agrikoli***, filwaqt li l-applikazzjoni tad-dazji u t-taxxi fuq sussidji ffinanzjati mill-UE timmina dan l-objettiv***;

Or. ro

Emenda 112
Waldemar Buda, Claudiu-Richard Târziu, Bert-Jan Ruissen, Georgiana Teodorescu, Jessika van Leeuwen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa P

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
P. billi ***l-ekwità*** fl-agrikoltura tal-UE tfisser ***ridistribuzzjoni*** ekwa tal-appoġġ għall-introjtu, ***tnaqqis*** tal-iżbilanċi ***fil-poter tal-ktajjen*** tal-provvista ***u garanzija*** tad-drittijiet u ***tas-sikurezza*** tal-ħaddiema agrikoli;	P. billi ***l-ġustizzja*** fl-agrikoltura tal-UE tfisser ***ir-ridistribuzzjoni*** ekwa tal-appoġġ għall-introjtu, ***it-tnaqqis*** tal-iżbilanċi ***tal-poter fil-katina*** tal-provvista***, l-iżgurar*** tad-drittijiet u ***s-sikurezza*** tal-ħaddiema agrikoli ***u l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi bejn il-produtturi tal-Unjoni u l-importazzjonijiet minn pajjiżi***

terzi;

Or. en

Emenda 113
Marko Vešligaj, André Franqueira Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Q

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Q. billi l-pożizzjoni tal-bdiewa ż-żgħar hija partikolarment vulnerabbli minħabba l-iżbilanċi strutturali li jħalluhom jiddependu minn numru limitat ta' xerrejja u jikkompromettu s-saħħa ta' negozjar tagħhom fi ħdan il-katina tal-provvista tal-ikel;	Q. billi l-pożizzjoni tal-bdiewa ż-żgħar hija partikolarment vulnerabbli minħabba l-iżbilanċi strutturali li jħalluhom jiddependu minn numru limitat ta' xerrejja u jikkompromettu s-saħħa ta' negozjar tagħhom fi ħdan il-katina tal-provvista tal-ikel; ***billi dan huwa aktar evidenti b'data li turi li l-iżgħar azjendi agrikoli f'termini ekonomiċi huma l-aktar vulnerabbli, fejn 22 % tal-azjendi agrikoli ta' daqs ekonomiku ta' anqas minn EUR 8 000 jesperjenzaw introjtu negattiv, meta mqabbla ma' 10 % tal-azjendi agrikoli ta' daqs ekonomiku ta' aktar minn EUR 100 000[6a];***
	[6a] https://agriculture.ec.europa.eu/document/download/0b0d8095-d120-4332-b1a1-256b555dcd2b_mt?filename=analytical-brief-11-better-targeting_mt.pdf&utm_source=brevo&utm_campaign=Agri-Press%20weekly%20-%2023%20April%202026%20internal&utm_medium=email

Or. en

Emenda 114
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Qa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Qa. billi t-tixrid tal-mard tal-annimali u l-miżuri restrittivi adottati biex jiġu miġġielda jikkawżaw telf ekonomiku kbir għall-bdiewa, il-qtil tal-bhejjem, l-imblukkar tal-aċċess għas-swieq u anke l-waqfien tal-attività ta' xi azjendi agrikoli, li jirrikjedu appoġġ rapidu, adegwat u ffinanzjat bis-sħiħ u miżuri ta' kumpens;

Or. ro

Emenda 115
André Franqueira Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Qa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Qa. billi l-bdiewa spiss huma l-ħolqa fil-katina tal-provvista tal-ikel bl-anqas kapaċità li jgħaddu ż-żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni, u billi l-kuntratti żbilanċjati, il-bidliet unilaterali u l-pagamenti tard jittrasferixxu riskji ekonomiċi sproporzjonati lill-produtturi;

Or. pt

Emenda 116
Jessica Polfjärd

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Qa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Qa. billi l-appoġġ għandu primarjament jiġi dirett lejn bdiewa attivi li jipproduċu l-ikel u jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 117
Marko Vešligaj, Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa R

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
R. billi l-organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi huma fundamentali biex jonqsu l-kostijiet tat-tranżazzjonijiet għall-bdiewa u huma riżorsa prezzjuża għall-kollaborazzjoni;	R. billi l-organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi huma fundamentali biex jonqsu l-kostijiet tat-tranżazzjonijiet għall-bdiewa u huma riżorsa prezzjuża għall-kollaborazzjoni***, speċjalment meta jipproċessaw u jikkummerċjalizzaw prodotti agrikoli***; ***billi l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jieħdu diversi forom legali, inklużi kooperattivi u assoċjazzjonijiet u huma kruċjali fit-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-bdiewa, speċjalment il-bdiewa żgħar, fil-ktajjen tal-provvista; billi l-pożizzjoni tal-bdiewa ż-żgħar hija partikolarment vulnerabbli u żewġ terzi tal-azjendi agrikoli kollha fl-UE huma iżgħar minn ħames ettari[7a];* ***[7a] https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Farms_and_farmland_in_the_European_Union_-_statistics***

Or. en

Emenda 118
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa R

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
R. billi l-organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi huma fundamentali biex jonqsu l-kostijiet tat-	R. billi l-organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi huma fundamentali biex jonqsu l-kostijiet tat-

tranżazzjonijiet għall-bdiewa u huma riżorsa prezzjuża għall-kollaborazzjoni;	tranżazzjonijiet għall-bdiewa u huma riżorsa prezzjuża għall-kollaborazzjoni***, l-iskambju tal-aħjar prattiki, ix-xiri konġunt u l-użu tal-infrastruttura agrikola, kif ukoll għat-tisħiħ tas-setgħa ta' negozjar fil-katina ta' provvista tal-ikel***;

Or. ro

Emenda 119
Christine Singer, Jérémy Decerle, Charles Goerens, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa R

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
R. billi l-organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi huma fundamentali biex jonqsu l-kostijiet tat-tranżazzjonijiet għall-bdiewa u huma riżorsa prezzjuża għall-kollaborazzjoni;	R. billi l-organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi***, kif ukoll il-kooperattivi,*** huma fundamentali biex jonqsu l-kostijiet tat-tranżazzjonijiet għall-bdiewa u huma riżorsa prezzjuża għall-kollaborazzjoni;

Or. en

Emenda 120
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa R

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
R. billi l-organizzazzjonijiet tal-produtturi ***u*** l-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi huma fundamentali biex jonqsu l-kostijiet tat-tranżazzjonijiet għall-bdiewa u huma riżorsa prezzjuża għall-kollaborazzjoni;	R. billi l-organizzazzjonijiet tal-produtturi**,** l-assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi ***u l-kooperattivi*** huma fundamentali biex jonqsu l-kostijiet tat-tranżazzjonijiet għall-bdiewa u huma riżorsa prezzjuża għall-kollaborazzjoni;

Or. pt

Emenda 121
Marko Vešligaj, Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa S

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
S. billi ***fl-agrikoltura jippersistu*** l-isfidi ***marbutin max-xogħol***, ikkaratterizzati minn introjti aktar baxxi, ***sikurezza*** okkupazzjonali ***għolja*** u kundizzjonijiet ***ta' impjieg*** prekarji;	S. billi l-isfidi ***tax-xogħol***, ikkaratterizzati minn introjti aktar baxxi, ***riskji għoljin għas-saħħa u s-sikurezza*** okkupazzjonali u kundizzjonijiet ***tax-xogħol*** prekarji***, xogħol mhux iddikjarat mifrux, li jaffettwa b'mod sproporzjonat lill-ħaddiema staġjonali u lill-migranti, jippersistu fl-agrikoltura, billi introjti aktar baxxi, kostijiet għoljin tad-dħul, żbilanċi tal-poter fil-ktajjen tal-provvista u riskji relatati mal-klima, flimkien ma' nuqqasijiet usa' fl-iżvilupp rurali, jiskoraġġixxu liż-żgħażagħ milli jidħlu u jibqgħu fil-biedja***;

Or. en

Emenda 122
Carmen Crespo Díaz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa S

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
S. billi ***fl-agrikoltura jippersistu l-isfidi marbutin max-xogħol, ikkaratterizzati minn introjti aktar baxxi***, sikurezza okkupazzjonali għolja ***u kundizzjonijiet*** ta' impjieg ***prekarji***;	S. billi ***l-Unjoni Ewropea għandha l-aktar standards stretti fid-dinja dwar id-drittijiet tal-ħaddiema***, sikurezza ***u saħħa*** okkupazzjonali għolja***, u protezzjoni tal-ħaddiema, u billi dawk l-istandards ġew imsaħħa aktar fis-snin reċenti bl-għan li l-kundizzjonijiet*** ta' impjieg ***jibqgħu jittejbu kontinwament***;

Or. es

Emenda 123
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa S

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
S. billi fl-agrikoltura jippersistu l-isfidi marbutin max-xogħol, ikkaratterizzati minn introjti aktar baxxi, sikurezza okkupazzjonali għolja u kundizzjonijiet ta' impjieg prekarji;	S. billi fl-agrikoltura jippersistu l-isfidi marbutin max-xogħol, ikkaratterizzati minn introjti aktar baxxi, ***taħt il-medja tal-Unjoni,*** sikurezza okkupazzjonali għolja u kundizzjonijiet ta' impjieg prekarji;

Or. ro

Emenda 124
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Sa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Sa. billi l-introjtu agrikolu ġenerali għadu ferm aktar baxx mill-introjtu medju fis-setturi ekonomiċi l-oħra kollha (60 % tas-salarji medji fl-2023);

Or. pt

Emenda 125
Marko Vešligaj, Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa T

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
T. billi l-kanali informali ta' bejgħ online u fiżiċi, il-prattiki frawdolenti, il-prodotti kontrafatti u t-tikkettar qarrieqi jikkompromettu l-integrità u l-ekwità tal-katina tal-provvista tal-ikel tal-UE;	T. billi l-kanali informali ta' bejgħ online u fiżiċi, il-prattiki frawdolenti, il-prodotti kontrafatti u t-tikkettar qarrieqi jikkompromettu l-integrità u l-ekwità tal-katina tal-provvista tal-ikel tal-UE ***u jkunu ta' ħsara għall-fiduċja tal-konsumatur,***

jimminaw lill-produtturi konformi u jdgħajfu l-kredibbiltà tal-politika ta' kwalità u tas-sorveljanza tas-suq tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 126
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Raffaele Stancanelli, Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa T

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
T. billi l-kanali informali ta' bejgħ online u fiżiċi, il-prattiki frawdolenti, il-prodotti kontrafatti u t-tikkettar qarrieqi jikkompromettu l-integrità u l-ekwità tal-katina tal-provvista tal-ikel tal-UE;	T. billi l-kanali informali ta' bejgħ online u fiżiċi, il-prattiki frawdolenti, il-prodotti kontrafatti u t-tikkettar qarrieqi jikkompromettu l-integrità u l-ekwità tal-katina tal-provvista tal-ikel tal-UE; ***Billi huwa meħtieġ li jiġi impost tikkettar tal-oriġini ċar u komprensiv għall-konsumaturi.***

Or. fr

Emenda 127
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa T

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
T. billi l-kanali informali ta' bejgħ online u fiżiċi, il-prattiki frawdolenti, il-prodotti kontrafatti u t-tikkettar qarrieqi jikkompromettu l-integrità u l-ekwità tal-katina tal-provvista tal-ikel tal-UE;	T. billi l-kanali informali ta' bejgħ online u fiżiċi, il-prattiki frawdolenti***, il-prattiki ta' kompetizzjoni inġusta***, il-prodotti kontrafatti u t-tikkettar qarrieqi jikkompromettu l-integrità u l-ekwità tal-katina tal-provvista tal-ikel tal-UE;

Or. ro

Emenda 128

Arash Saeidi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa U

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
U. billi fl-2020, l-età medja tal-bdiewa fl-UE kienet 57 sena, ***u 12 % biss kellhom*** età taħt l-40 sena, u ***f'din il-faxxa tal-età*** iżgħar 2,5 % biss kienu nisa[7];	U. billi fl-2020, l-età medja tal-bdiewa fl-UE kienet ***ta'*** 57 sena, ***fejn 12 % biss kienu ta'*** età taħt l-40 sena, u ***minn dan il-grupp*** iżgħar ***fl-età*** 2,5 % biss kienu nisa[7]***, li jirrifletti l-persistenza tal-inugwaljanzi strutturali bejn il-ġeneri fl-aċċess għall-art, il-kapital, id-drittijiet tal-wirt u t-teħid ta' deċiżjonijiet fis-settur agrikolu, minkejja l-objettivi tal-PAK rigward l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tiġdid ġenerazzjonali***;
[7] ***Kummissjoni*** Ewropea, "Generational renewal in agriculture" (Tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura), sit web tal-Kummissjoni Ewropea, https://agriculture.ec.europa.eu/overview-vision-agriculture-food/generational-renewal_en.	[7] ***Il-Kummissjoni*** Ewropea, "Generational renewal in agriculture" (Tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura), sit web tal-Kummissjoni Ewropea, https://agriculture.ec.europa.eu/overview-vision-agriculture-food/generational-renewal_en.

Or. en

Emenda 129
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa U

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
U. billi fl-2020, l-età medja tal-bdiewa fl-UE kienet 57 sena, u 12 % biss kellhom età taħt l-40 sena, u f'din il-faxxa tal-età iżgħar 2,5 % biss kienu nisa[7]***;***	U. billi fl-2020, l-età medja tal-bdiewa fl-UE kienet 57 sena, u 12 % biss kellhom età taħt l-40 sena, u f'din il-faxxa tal-età iżgħar 2,5 % biss kienu nisa[7]***, u billi f'xi Stati Membri s-sitwazzjoni hija saħansitra aġħar, b'età medja ta' 64 sena.***
[7] Kummissjoni Ewropea, "Generational renewal in agriculture" (Tiġdid	[7] Kummissjoni Ewropea, "Generational renewal in agriculture" (Tiġdid

ġenerazzjonali fl-agrikoltura), sit web tal-Kummissjoni Ewropea, https://agriculture.ec.europa.eu/overview-vision-agriculture-food/generational-renewal_en.

ġenerazzjonali fl-agrikoltura), sit web tal-Kummissjoni Ewropea, https://agriculture.ec.europa.eu/overview-vision-agriculture-food/generational-renewal_en.

Or. pt

Emenda 130
Marko Vešligaj, Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa U

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
U. billi fl-2020, l-età medja tal-bdiewa fl-UE kienet 57 sena, u 12 % biss ***kellhom*** età taħt l-40 sena, u ***f'din il-faxxa tal-età*** iżgħar 2,5 % biss kienu nisa[7];	U. ***billi s-settur agrikolu tal-UE qed jiffaċċja tnaqqis demografiku;*** billi fl-2020, l-età medja tal-bdiewa fl-UE kienet ***ta'*** 57 sena, u 12 % biss ***kienu ta'*** età taħt l-40 sena, u ***minn dan il-grupp*** iżgħar ***fl-età*** 2,5 % biss kienu nisa[7];
[7] ***Kummissjoni*** Ewropea, "Generational renewal in agriculture" (Tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura), sit web tal-Kummissjoni Ewropea, https://agriculture.ec.europa.eu/overview-vision-agriculture-food/generational-renewal_en.	[7] ***Il-Kummissjoni*** Ewropea, "Generational renewal in agriculture" (Tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura), sit web tal-Kummissjoni Ewropea, https://agriculture.ec.europa.eu/overview-vision-agriculture-food/generational-renewal_en.

Or. en

Emenda 131
Christine Singer, Jérémy Decerle, Benoit Cassart, Charles Goerens, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ua (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ua. billi n-nisa għandhom rwol essenzjali fl-agrikoltura u fiż-żoni rurali, iżda l-kontribut tagħhom spiss ma jkunx viżibbli biżżejjed fl-istrutturi tas-sjieda, fil-

ġestjoni tal-azjendi agrikoli, fis-sistemi tal-protezzjoni soċjali u fl-istatistika agrikola;

Or. en

Emenda 132
Marko Vešligaj, Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ua (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ua. billi l-għadd ta' każijiet ta' użu ħażin tal-fondi, korruzzjoni u attivitajiet frawdolenti b'pagamenti ta' appoġġ tal-PAK dejjem qed jikber u dan huwa ta' ħsara kbira għas-settur, għall-produttività u għas-suċċess tiegħu;

Or. en

Emenda 133
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ua (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ua. billi bejn l-2010 u l-2023, l-għadd ta' azjendi agrikoli amministrati minn bdiewa taħt l-età ta' 35 sena naqas b'47 %;

Or. ro

Emenda 134
Marko Vešligaj, Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ub (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ub. billi data settorjali mhux kompluta, inkonsistenti jew inaċċessibbli ddgħajjef it-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza, tfixkel l-immirar tal-appoġġ u tillimita l-kapaċità tal-bdiewa u tal-awtoritajiet pubbliċi li jirrispondu b'mod effettiv għall-iżviluppi strutturali u tas-suq;

Or. en

Emenda 135
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ub (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ub. billi jeħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-isfidi speċifiċi li jiffaċċjaw ir-reġjuni fil-fruntiera tal-Lvant tal-Unjoni, li huma esposti għal riskji strutturali u sitwazzjonali sinifikanti;

Or. ro

Emenda 136
Marko Vešligaj, Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Uc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Uc. billi l-kompetittività, ir-reżiljenza u l-ekwità jirrikjedu rispons ta' politika integrat fil-livell tal-UE li jikkombina organizzazzjoni aħjar tas-suq, investimenti mmirati, għodod aktar effettivi għall-ġestjoni tar-riskju, il-promozzjoni ta' ktajjen tal-provvista lokali u qosra, u l-infurzar ta' kundizzjonijiet ekwi fil-kummerċ globali;

Or. en

Emenda 137
Arash Saeidi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Niżguraw l-awtonomija strateġika***, il-kompetizzjoni leali*** u l-vijabbiltà fit-tul	Niżguraw l-awtonomija strateġika u l-vijabbiltà fit-tul

Or. en

Emenda 138
Marko Vešligaj, Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jisħaq li l-futur tal-agrikoltura tal-UE jiddependi ***mill-kapaċità ta' din tal-aħħar*** li timmira lejn il-kompetittività, is-sostenibbiltà, ir-reżiljenza u l-ekwità fl-istess ħin;	1. Jisħaq li l-futur tal-agrikoltura tal-UE jiddependi ***mill-ħila tal-UE*** li timmira lejn il-kompetittività, is-sostenibbiltà, ir-reżiljenza u l-ekwità fl-istess ħin ***u tappoġġja lill-bdiewa Ewropej u l-produzzjoni tal-ikel domestiku***; ***jenfasizza li l-ebda strateġija fit-tul għas-settur ma tista' tirnexxi jekk tittraskura l-produttività tal-azjendi agrikoli, il-bilanċ territorjali jew is-sostenibbiltà ambjentali;***

Or. en

Emenda 139
Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jisħaq li l-futur tal-agrikoltura tal-	1. Jisħaq li l-futur tal-agrikoltura tal-

UE jiddependi ***mill-kapaċità ta' din tal-aħħar*** li timmira lejn il-kompetittività, is-sostenibbiltà, ir-reżiljenza u l-ekwità ***fl-istess ħin***;	UE jiddependi ***mill-ħila tal-UE*** li timmira lejn il-kompetittività, is-sostenibbiltà, ir-reżiljenza u l-ekwità ***billi tirrikonoxxi li standards għoljin tal-benesseri tal-annimali, il-protezzjoni ambjentali u l-produzzjoni agrikola diversifikata, inkluża l-agrikoltura bbażata fuq il-pjanti, huma xprunaturi tas-sostenibbiltà u tar-reżiljenza fit-tul***;

Or. en

Emenda 140
Jessica Polfjärd

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jisħaq li l-futur tal-agrikoltura tal-UE jiddependi ***mill-kapaċità ta' din tal-aħħar li timmira lejn*** il-kompetittività, is-sostenibbiltà, ir-reżiljenza ***u*** l-ekwità ***fl-istess ħin***;	1. Jisħaq li l-futur tal-agrikoltura tal-UE jiddependi ***mill-ħila tal-UE li simultanjament issaħħaħ*** il-kompetittività, is-sostenibbiltà, ir-reżiljenza***,*** l-ekwità***, il-kundizzjonijiet ekwi u s-sigurtà tal-ikel***;

Or. en

Emenda 141
Christine Singer, Jérémy Decerle, Benoit Cassart, Charles Goerens, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jisħaq li l-futur tal-agrikoltura tal-UE jiddependi ***mill-kapaċità ta' din tal-aħħar li timmira lejn il-kompetittività***, is-sostenibbiltà, ir-reżiljenza u l-ekwità ***fl-istess ħin***;	1. Jisħaq li l-futur tal-agrikoltura tal-UE jiddependi ***minn politika koerenti u qafas regolatorju li jippermetti lill-bdiewa jsaħħu l-kompetittività***, is-sostenibbiltà, ir-reżiljenza u l-ekwità;

Or. en

Emenda 142
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jisħaq li l-futur ***tal-agrikoltura*** tal-UE jiddependi ***mill-kapaċità ta' din tal-aħħar li timmira lejn il-kompetittività, is-sostenibbiltà, ir-reżiljenza u l-ekwità fl-istess ħin***;	1. Jisħaq li l-futur tal-UE jiddependi ***fuq il-futur tal-agrikoltura tagħha, li jrid tkun kompetittiva, reżiljenti u sostenibbli***;

Or. pt

Emenda 143
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Raffaele Stancanelli, Mireia Borrás Pabón, Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jisħaq li l-futur tal-agrikoltura tal-UE jiddependi mill-kapaċità ta' din tal-aħħar li timmira lejn il-kompetittività***, is-sostenibbiltà, ir-reżiljenza u l-ekwità fl-istess ħin;***	1. Jisħaq li l-futur tal-agrikoltura tal-UE jiddependi mill-kapaċità ta' din tal-aħħar li timmira lejn il-kompetittività ***u s-sovranità alimentari.***

Or. fr

Emenda 144
Arash Saeidi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Jisħaq li l-futur tal-agrikoltura tal-UE jiddependi ***mill-kapaċità ta' din tal-aħħar*** li timmira lejn ***il-kompetittività,*** is-sostenibbiltà, ir-reżiljenza u l-ekwità fl-istess ħin;	1. Jisħaq li l-futur tal-agrikoltura tal-UE jiddependi ***mill-ħila tagħha*** li timmira lejn is-sostenibbiltà, ir-reżiljenza u l-ekwità fl-istess ħin;

Or. en

Emenda 145
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu żviluppati kapaċitajiet ta' ħżin strateġiku għall-prodotti agrikoli, l-ikel, l-għalf, iż-żrieragħ, il-fertilizzanti u inputs essenzjali oħra sabiex tiġi ggarantita l-kontinwità tal-provvista lill-popolazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza;

Or. ro

Emenda 146
David Cormand
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jenfasizza li, għall-produzzjoni agrikola tal-UE, l-issodisfar tal-ħtiġijiet u tad-domanda taċ-ċittadini tal-UE jridu jingħataw prijorità; jinnota b'mod partikolari l-ħtieġa li tiżdied il-produzzjoni tal-proteini tal-pjanti tal-UE kemm għall-ikel kif ukoll għall-għalf;

Or. en

Emenda 147
Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jirrikonoxxi s-sigurtà tal-ikel bħala pilastru strateġiku tar-reżiljenza u tal-awtonomija strateġika tal-UE.

Or. en

Emenda 148
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***1b. Jappoġġja network strateġiku ta' biċċeriji lokali u reġjonali, b'mod partikolari dawk ta' kapaċità żgħira u medja, li huwa essenzjali għall-vijabbiltà tal-azjendi agrikoli tal-bhejjem, l-iżgurar tal-aċċess tal-bdiewa għas-servizzi tat-tbiċċir, it-tnaqqis tal-ispejjeż tat-trasport, it-titjib tal-benesseri tal-annimali u l-preservazzjoni tal-valur miżjud fiż-żoni rurali;**

Or. ro

Emenda 149
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***1c. Jisħaq fuq l-importanza strateġika li jiżdiedu l-kompetittività u r-reżiljenza tal-agrikoltura permezz tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività l-ġdid;**

Or. ro

Emenda 150
Céline Imart, Stefan Köhler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jiddispjaċih kemm bil-proposta għal tnaqqis tal-baġit tal-PAK fl-ambitu tal-QFP 2028-2034 kif ukoll bl-approċċ tal-"fond uniku";	2. Jiddispjaċih kemm bil-proposta għal tnaqqis tal-baġit tal-PAK fl-ambitu tal-QFP 2028-2034 kif ukoll bl-approċċ tal-"fond uniku"; ***jenfasizza li l-PAK trid tmur lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament orizzontali propost dwar il-monitoraġġ tan-nefqa baġitarja u l-prestazzjoni; ifakkar li l-qafas ta' prestazzjoni u l-indikaturi relatati għall-interventi tal-PAK iridu jiġu previsti fir-Regolament li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għall-politika agrikola komuni għall-perjodu mill-2028 sal-2034; jenfasizza li l-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" mhuwiex adattat għall-objettivi speċifiċi tal-PAK, b'mod partikolari fir-rigward tal-appoġġ għall-introjtu tal-bdiewa u s-sovranità tal-ikel;***

Or. fr

Emenda 151
Arash Saeidi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jiddispjaċih kemm bil-proposta għal tnaqqis tal-baġit tal-PAK fl-ambitu tal-QFP 2028-2034 kif ukoll bl-approċċ ***tal-"fond*** uniku***"***;	2. Jiddispjaċih kemm bil-proposta għal tnaqqis tal-baġit tal-PAK fl-ambitu tal-QFP 2028-2034 kif ukoll bl-approċċ ***tal-fond*** uniku***, iwissi li t-tnaqqis propost fil-baġit tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) għall-perjodu 2028–2034 jipperikola t-tiġdid ġenerazzjonali, fi żmien meta kważi terz tal-bdiewa Ewropej għandhom aktar minn 65 sena u l-aċċess għall-art, il-kreditu u introjtu stabbli diġà***

	jikkostitwixxi ostaklu kbir għal dak li jkun biex jistabbilixxi ruħu fil-biedja; ***jisħaq li tnaqqis fl-għajnuna għall-istart-ups, fl-appoġġ għall-introjtu u fl-investiment agrikolu primarjament jimmina lill-bdiewa żgħażagħ u jaċċellera l-konċentrazzjoni tal-azjendi agrikoli favur operazzjonijiet akbar;***

Or. en

Emenda 152
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jiddispjaċih ***kemm bil-proposta għal tnaqqis tal-baġit tal-PAK fl-ambitu tal-QFP*** 2028***-2034*** kif ukoll ***bl-approċċ tal-"fond uniku"***;	2. Jiddispjaċih ***dwar it-tnaqqis propost fil-baġit tal-PAK fi ħdan il-QFP*** 2028–***2034, l-approċċ ta' fond uniku, l-iffissar ta' limitu massimu obbligatorju propost,*** kif ukoll ***dwar id-distribuzzjoni inġusta fit-tul tal-appoġġ għall-introjtu permezz ta' proċess mhux komplut ta' konverġenza esterna***; ***jirrimarka li tali miżuri jirriskjaw li jimminaw il-kompetittività globali, il-prevedibbiltà ekonomika, u l-istabbiltà strutturali tas-settur agrikolu tal-UE f'xi Stati Membri, li huwa vitali biex jiżgura s-sigurtà tal-ikel u l-awtonomija strateġika tal-Unjoni;***

Or. en

Emenda 153
Piotr Müller, Waldemar Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. ***Jiddispjaċih kemm bil-proposta*** għal tnaqqis tal-baġit tal-PAK fl-ambitu	2. ***Jopponi bil-qawwa kemm il-proposta*** għal tnaqqis tal-baġit tal-PAK fl-

tal-QFP 2028-2034 kif ukoll bl-approċċ ***tal-"fond*** uniku***"***;	ambitu ***tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali*** 2028-2034 kif ukoll bl-approċċ ***tal-fond*** uniku***, li jirriskja li jdgħajjef il-PAK, idgħajjef l-awtonomija tagħha u jissubordina l-finanzjament agrikolu għal objettivi oħra ta' politika***; ***jitlob li tinżamm PAK b'saħħitha, indipendenti u żgurata bis-shiħ b'żewġ pilastri, b'baġit indiċjat fuq l-inflazzjoni, ġestita skont il-kompetenzi u l-ispeċifiċitajiet nazzjonali tal-Istati Membri;***
	Or. pl

Emenda 154
André Franqueira Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jiddispjaċih ***kemm*** bil-proposta għal tnaqqis tal-baġit tal-PAK fl-ambitu tal-QFP 2028-2034 ***kif ukoll bl-approċċ tal-"fond*** uniku***"***;	2. Jiddispjaċih bil-proposta għal tnaqqis tal-baġit tal-PAK fl-ambitu tal-QFP 2028-2034 ***u jopponi d-dilwizzjoni f'fond*** uniku; ***jinsisti li l-PAK trid tibqa' politika awtonoma, verament komuni, b'żewġ pilastri b'allokazzjonijiet iddedikati u protetti, li l-valur reali tagħhhom irid tal-anqas jinżamm fl-istess livell u jiġi aġġustat għall-inflazzjoni, mingħajr ma l-politika agrikola tiġi nazzjonalizzata mill-ġdid u l-agrikoltura, il-koeżjoni u prijoritajiet oħra tal-Unjoni ma jridux jikkompetu ma' xulxin;***
	Or. pt

Emenda 155
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jiddispjaċih kemm bil-proposta għal tnaqqis tal-baġit tal-PAK fl-ambitu tal-QFP 2028-2034 kif ukoll bl-approċċ tal-"fond uniku";	2. Jiddispjaċih kemm bil-proposta għal tnaqqis tal-baġit tal-PAK fl-ambitu tal-QFP 2028-2034 kif ukoll bl-approċċ tal-"fond uniku"; ***jilqa', madankollu, il-pożizzjoni ta' negozjar tal-Parlament Ewropew li jippromwovi allokazzjoni baġitarja għall-PAK ta' EUR 433 biljun, li minnhom EUR 320,30 biljun huma għal pagamenti diretti u EUR 106,41 biljun għall-iżvilupp rurali, u pakkett finanzjarju għall-POSEI ta' EUR 7,33 biljun;***

Or. pt

Emenda 156
Katarína Roth Neveďalová, Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jiddispjaċih ***kemm bil-proposta għal tnaqqis*** tal-baġit tal-PAK ***fl-ambitu tal-QFP*** 2028***-2034 kif ukoll bl-approċċ tal-"***fond uniku***"***;	2. Jiddispjaċih ***ħafna dwar it-tnaqqis propost*** tal-baġit tal-PAK ***fi ħdan il-QFP*** 2028–***2034 u l-approċċ propost ta'*** fond uniku; ***jappella minflok għal baġit tal-PAK imsaħħaħ b'mod sinifikanti, iddedikat u awtonomu fl-ambitu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss li jirrifletti l-inflazzjoni, iż-żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni u l-objettiv strateġiku tal-Unjoni li tissalvagwardja s-sigurtà tal-ikel u l-koeżjoni territorjali;***

Or. en

Emenda 157
Sakis Arnaoutoglou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jiddispjaċih kemm bil-proposta għal tnaqqis tal-baġit tal-PAK fl-ambitu tal-QFP 2028-2034 kif ukoll bl-approċċ tal-"fond uniku";	2. Jiddispjaċih kemm bil-proposta għal tnaqqis tal-baġit tal-PAK fl-ambitu tal-QFP 2028-2034 kif ukoll bl-approċċ tal-"fond uniku"; ***jappella għal baġit awtonomu, distint u ffinanzjat tajjeb tal-PAK li jżomm mill-inqas il-valur reali tal-finanzjament 2021-2027 u jiġi aġġustat kull sena għall-inflazzjoni u l-evoluzzjoni tal-ispejjeż tal-input tal-azjendi agrikoli;***

Or. el

Emenda 158
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Raffaele Stancanelli, Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jiddispjaċih ***kemm bil-proposta għal tnaqqis*** tal-baġit tal-PAK ***fl-ambitu tal-QFP*** 2028-***2034 kif ukoll bl-approċċ tal-"fond uniku";***	2. Jiddispjaċih ***ħafna dwar it-tnaqqis*** tal-baġit tal-PAK ***u jtenni li l-PAK trid tibqa' politika b'baġit speċifiku, indiċjat fuq l-inflazzjoni u ddedikat esklużivament għall-appoġġ tal-bdiewa Ewropej. Jenfasizza li l-baġit tal-PAK għall-perjodu*** 2028 - ***2034 għandu jkun mill-inqas daqs jew ogħla mill-baġit għall-perjodu 2021 - 2027.***

Or. fr

Emenda 159
Christine Singer, Jérémy Decerle, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. ***Jiddispjaċih kemm bil-proposta*** għal tnaqqis tal-baġit tal-PAK fl-ambitu tal-QFP 2028***-2034 kif ukoll bl-approċċ tal-"fond*** uniku***";***	2. ***Jirrifjuta l-proposta*** għal tnaqqis tal-baġit tal-PAK fl-ambitu tal-QFP 2028***–2034 u jiddispjaċih dwar l-approċċ tal-fond*** uniku; ***jisħaq li l-PAK trid tibqa'***

politika tal-UE b'saħħitha, komuni u awtonoma b'baġit iddedikat, iffinanzjat b'mod adegwat u prevedibbli, li jkun kapaċi jappoġġja l-introjtu tal-bdiewa, il-kapaċità ta' investiment, is-sigurtà tal-ikel u l-vitalità taż-żoni rurali;

Or. en

Emenda 160
Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. ***Jiddispjaċih kemm bil-proposta għal tnaqqis tal-baġit*** tal-PAK fl-ambitu tal-QFP 2028***-2034*** kif ukoll ***bl-approċċ tal-"fond*** uniku***"***;	2. ***Jopponi bil-qawwa kwalunkwe tentattiv biex jitnaqqas il-baġit*** tal-PAK fl-ambitu tal-QFP 2028–***2034,*** kif ukoll ***l-approċċ tal-integrazzjoni tal-agrikoltura f'fond*** uniku ***ta' koeżjoni jew ta' kompetittività***; ***Jinsisti fuq iż-żamma ta' baġit iddedikat, indipendenti u b'saħħtu għall-PAK, li jkun kapaċi jiggarantixxi r-reżiljenza tas-settur u s-sovranità tal-ikel tal-Unjoni;***

Or. ro

Emenda 161
Maria Grapini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jiddispjaċih kemm bil-proposta għal tnaqqis tal-baġit tal-PAK fl-ambitu tal-QFP 2028-2034 kif ukoll bl-approċċ tal-"fond uniku";	2. Jiddispjaċih kemm bil-proposta għal tnaqqis tal-baġit tal-PAK fl-ambitu tal-QFP 2028-2034 kif ukoll bl-approċċ tal-"fond uniku" ***peress li dan jaffettwa r-reżiljenza tal-bdiewa***;

Or. ro

Emenda 162
André Franqueira Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2 – punt 1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(1) Iffakkar li r-reġjuni ultraperiferiċi jiffaċċjaw restrizzjonijiet permanenti rikonoxxuti fl-Artikolu 349 tat-TFUE, inklużi d-distanza, l-insularità, is-swieq żgħar, id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet u ż-żieda fil-kostijiet tat-trasport, tal-enerġija u tal-input; jinsisti, għalhekk, li l-POSEI jinżamm bħala strument awtonomu, separat u komplementari għall-PAK, b'allokazzjoni speċifika u protetta li tiġi rieżaminata f'konformità mal-inflazzjoni u l-bidliet fil-kostijiet tal-produzzjoni;

Or. pt

Emenda 163
David Cormand
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jirrimarka li l-vijabbiltà fit-tul tal-agrikoltura tal-UE tiddependi minn mitigazzjoni effiċjenti tat-tibdil fil-klima; jenfasizza wkoll il-ħtieġa urġenti li l-agrikoltura tal-UE tiġi adattata għall-effetti tat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari għal mewġiet ta' sħana, nixfa, għargħar u eventi oħra tat-temp dejjem aktar frekwenti u brutali; jisħaq li dan jirrikjedi l-protezzjoni tal-ekosistemi funzjonali, b'mod partikolari l-ekosistemi tal-ħamrija, l-użu ta' aktar għelejjel u bhejjem li jirrikjedu anqas ilma u li jkunu

adattati, metodi ta' produzzjoni aġġustati u faċilitajiet tal-bhejjem adattati; jinsisti li l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-bdiewa u tal-ħaddiema tal-azjendi agrikoli jeħtieġ ukoll li jiġu aġġustati għall-kundizzjonijiet tat-temp dejjem aktar estremi;

Or. en

Emenda 164
Cristina Maestre

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Iħeġġeġ lill-koleġiżlaturi jiżguraw li l-istrumenti finanzjarji l-ġodda li jippromwovu l-kompetittività industrijali, u b'mod partikolari l-Fond Ewropew għall-Kompetittività, jinkludu l-finanzjament ta' proġetti agrikoli u agroalimentari ta' natura strateġika u valur teknoloġiku għoli, bħad-dekarbonizzazzjoni tal-makkinarju agrikolu, l-infrastruttura tal-ilma b'effiċjenza għolja, il-bijoteknoloġija u d-diġitalizzazzjoni tal-azjendi agrikoli, li jippermettu lis-settur primarju jindirizza, f'kuntest ta' tnaqqis baġitarju, l-isfidi tal-kompetittività, ir-reżiljenza ekonomika u l-awtonomija strateġika;

Or. es

Emenda 165
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jirrakkomanda approċċ minn isfel

għal fuq fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' żvilupp rurali biex jiġi rikonoxxut li għandu jkun f'idejn l-awtoritajiet reġjonali kompetenti li jiddefinixxu tali miżuri, filwaqt li jiġu rrispettati l-karatteristiċi kostituzzjonali speċifiċi ta' kull Stat Membru; iqis li l-awtoritajiet reġjonali għandhom ikunu responsabbli għat-tfassil, l-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-miżuri, bl-appoġġ tal-kumitati ta' monitoraġġ reġjonali, u li l-awtoritajiet ta' ġestjoni reġjonali għandhom ikunu jistgħu jikkomunikaw direttament mas-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea fl-ambitu tal-kompetenzi assenjati lilhom;

Or. pt

Emenda 166
Waldemar Buda, Claudiu-Richard Târziu, Bert-Jan Ruissen, Georgiana Teodorescu, Jessika van Leeuwen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi, fi ħdan il-baġit tal-Unjoni, strument finanzjarju ddedikat biex jikkumpensa lill-bdiewa u lis-setturi agrikoli għat-telf li jirriżulta minn tfixkil fis-suq ikkawżat mill-implimentazzjoni ta' ftehimiet kummerċjali ma' pajjiżi terzi; jisħaq li r-Riżerva Agrikola tal-PAK ġiet stabbilita bħala strument ta' emerġenza biex tindirizza t-tfixkil temporanju fis-suq u ma għandhiex issir mekkaniżmu permanenti jew primarju għall-kumpens tal-konsegwenzi tad-deċiżjonijiet politiċi tal-Unjoni dwar il-liberalizzazzjoni tal-kummerċ.

Or. en

Emenda 167
Marko Vešligaj, André Franqueira Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jistieden lill-Kunsill jiżgura baġit tal-PAK akbar u delimitat fi ħdan il-QFP 2028–2034, indiċjat mal-inflazzjoni, sabiex jiġu ssalvagwardjati l-vijabbiltà, is-sostenibbiltà u s-sigurtà tal-provvista tal-ikel Ewropea; itenni li baġit iddedikat tal-PAK jibqa' l-pedament tas-sostenibbiltà ekonomika, ambjentali u soċjali tal-agrikoltura tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 168
Katarína Roth Neveďalová, Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jitlob li n-nefqa agrikola tibqa' ffinanzjata permezz ta' linja baġitarja ddedikata fl-ambitu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali sabiex jiġu żgurati l-prevedibbiltà, it-trattament ugwali tal-bdiewa madwar l-Unjoni u l-istabbiltà fit-tul tal-Politika Agrikola Komuni.

Or. en

Emenda 169
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

2a. itenni bil-qawwa li PAK robusta, indipendenti u ffinanzjata b'mod adegwat trid tibqa' l-istrument ewlieni għall-appoġġ tal-bdiewa Ewropej u l-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel;

Or. it

Emenda 170
Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Tinżamm PAK delimitata legalment b'Pilastru I u Pilastru II separati.

Or. en

Emenda 171
Marko Vešligaj, Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2b. Jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat l-aċċess għall-fondi għall-bdiewa u għall-attivitajiet agrikoli f'baġits oħra, bħall-Fond għall-Kompetittività;

Or. en

Emenda 172
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jissottolinja li settur agrikolu kompetittiv irid jippermetti lill-bdiewa jaqalgħu introjtu ekwu u stabbli;	3. Jissottolinja li settur agrikolu kompetittiv irid jippermetti lill-bdiewa jaqalgħu introjtu ekwu***, prevedibbli*** u stabbli ***u jfakkar li l-introjtu tal-bdiewa huwa bħala medja madwar 40 % inqas minn dak f'setturi oħra tal-ekonomija, li jaffettwa l-attraenza tal-professjoni u t-tiġdid ġenerazzjonali fl-agrikoltura***;

Or. ro

Emenda 173
Katarína Roth Neveďalová, Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jissottolinja li settur agrikolu kompetittiv irid jippermetti lill-bdiewa jaqalgħu introjtu ekwu u stabbli;	3. Jissottolinja li settur agrikolu kompetittiv irid jippermetti lill-bdiewa jaqalgħu introjtu ekwu u stabbli; ***jisħaq li l-kompetizzjoni ġusta fi ħdan is-suq intern tirrikjedi wkoll distribuzzjoni aktar ekwa tal-pagamenti diretti fost l-Istati Membri permezz ta' konverġenza esterna kontinwa;***

Or. en

Emenda 174
Marko Vešligaj, André Franqueira Rodrigues, Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jissottolinja li settur agrikolu kompetittiv irid jippermetti lill-bdiewa ***jaqalgħu*** introjtu ***ekwu*** u stabbli;	3. Jissottolinja li settur agrikolu kompetittiv irid jippermetti lill-bdiewa ***jaqilgħu*** introjtu ***ġust*** u stabbli***, joħloq valur miżjud fiż-żoni rurali, jagħti lok għall-innovazzjoni u jżomm l-attività agrikola fit-territorju kollu tal-Unjoni,***

	inkluż f'reġjuni strutturalment żvantaġġati;

Or. en

Emenda 175
Luis-Vicențiu Lazarus

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jissottolinja li settur agrikolu kompetittiv irid jippermetti lill-bdiewa jaqalgħu introjtu ekwu u stabbli;	3. Jissottolinja li settur agrikolu kompetittiv irid jippermetti lill-bdiewa jaqalgħu introjtu ekwu u stabbli; ***u jrid jippermettilhom li jibbenefikaw minn mekkaniżmi effettivi li jipproteġuhom mill-instabbiltà tas-suq u żidiet f'daqqa fl-ispejjeż tal-produzzjoni;***

Or. ro

Emenda 176
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jissottolinja li settur agrikolu kompetittiv irid jippermetti lill-bdiewa jaqalgħu introjtu ekwu u stabbli;	3. Jissottolinja li settur agrikolu kompetittiv irid***, permezz ta' politiki li jrawmu l-investiment, il-produttività u l-innovazzjoni u jnaqqsu l-piżijiet amministrattivi,*** jippermetti lill-bdiewa jaqalgħu introjtu ekwu u stabbli;

Or. it

Emenda 177
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jissottolinja li settur agrikolu kompetittiv irid jippermetti lill-bdiewa jaqalgħu introjtu ekwu u stabbli;	3. Jissottolinja li settur agrikolu kompetittiv irid jippermetti lill-bdiewa jaqalgħu introjtu ekwu u stabbli***, u li dan jirrikjedi t-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-valur billi jiġu rrimedjati prattiki kummerċjali inġusti possibbli***;

Or. pt

Emenda 178
Christine Singer, Benoit Cassart, Charles Goerens, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jissottolinja li settur agrikolu kompetittiv irid jippermetti lill-bdiewa ***jaqalgħu*** introjtu ***ekwu u*** stabbli;	3. Jissottolinja li settur agrikolu kompetittiv irid jippermetti lill-bdiewa ***jaqilgħu*** introjtu stabbli ***u adegwat li jiżgura l-vijabbiltà ekonomika tal-azjendi agrikoli tagħhom u jippermetti investiment fit-tul u żvilupp tan-negozju***;

Or. en

Emenda 179
Maria Grapini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jissottolinja li settur agrikolu kompetittiv irid jippermetti lill-bdiewa jaqalgħu introjtu ekwu u stabbli;	3. Jissottolinja li settur agrikolu kompetittiv irid jippermetti lill-bdiewa jaqalgħu introjtu ekwu u stabbli ***peress li introjtu stabbli jattira ġenerazzjoni ġdida lejn il-biedja***;

Or. ro

Emenda 180
Carmen Crespo Díaz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jissottolinja li settur agrikolu kompetittiv irid jippermetti lill-bdiewa jaqalgħu introjtu ekwu u stabbli;	3. Jissottolinja li settur agrikolu kompetittiv irid jippermetti lill-bdiewa jaqalgħu introjtu ekwu***, suffiċjenti*** u stabbli;

Or. es

Emenda 181
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jenfasizza li t-tiġdid ġenerazzjonali huwa kruċjali biex tissaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-Unjoni Ewropea billi titnaqqas id-dipendenza esterna fuq setturi u inputs kritiċi, tissaħħaħ il-kapaċità tal-produzzjoni Ewropea, u jissaħħu r-robustezza u r-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista agroalimentari fid-dawl tal-kriżijiet ġeopolitiċi, ekonomiċi u klimatiċi;

Or. pt

Emenda 182
Katarína Roth Neveďalová, Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

3a. Jappella għat-tlestija tal-konverġenza esterna tal-pagamenti diretti matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2028–2034, bl-objettiv li l-bdiewa kollha f'kundizzjonijiet komparabbli jirċievu livell komparabbli ta' appoġġ għal introjtu bażiku fl-Unjoni kollha;

Or. en

Emenda 183
Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jiġi żgurat li l-bdiewa attivi jibqgħu eliġibbli għall-appoġġ tal-PAK irrispettivament mill-età tal-pensjoni.

Or. en

Emenda 184
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3b. Jitlob li jiżdied l-appoġġ għall-istabbiliment inizjali u li jiġu applikati żidiet speċifiċi għar-rati ta' appoġġ għall-investiment; iqis li dawn il-miżuri huma kruċjali biex jikkumpensaw għall-kostijiet għoljin tad-dħul fis-settur agrikolu u jifhem li livelli aktar ambizzjużi ta' appoġġ se jgħinu biex jitnaqqsu l-ostakli għall-investiment, jaċċelleraw it-tiġdid ġenerazzjonali u jagħmlu l-biedja aktar attraenti għall-ġenerazzjonijiet il-ġodda;

Or. pt

Emenda 185
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3c. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jtejbu l-prevedibbiltà leġiżlattiva u ċ-ċertezza legali għall-bdiewa billi jevitaw bidliet frekwenti u sproporzjonati fir-regoli;

Or. pt

Emenda 186
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3d. Jinnota li l-persistenza ta' marġnijiet ta' profitt baxxi u introjtu insuffiċjenti fis-settur agrikolu hija waħda mill-ostakli ewlenin għall-bdiewa żgħażagħ biex jistabbilixxu ruħhom u jibqgħu fis-settur; jirrakkomanda, għalhekk, strumenti aktar b'saħħithom biex tiġi promossa distribuzzjoni aktar ekwa tal-valur miżjud, jiġu miġġielda l-iżbilanċi fis-saħħa tan-negozjar u l-prattiki kummerċjali inġusti, u tiġi żgurata remunerazzjoni xierqa għall-produtturi, u b'hekk il-biedja ssir professjoni aktar attraenti u jiġi stimulat l-investiment fit-tul;

Or. pt

Emenda 187
Sakis Arnaoutoglou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jissottolinja li l-vijabbiltà tal-azjendi agrikoli hija l-pedament tar-reżiljenza u jitlob li l-appoġġ għall-PAK jirrifletti aħjar il-pressjonijiet inflazzjonarji u l-ispeċifiċitajiet settorjali;	4. Jissottolinja li l-vijabbiltà tal-azjendi agrikoli hija l-pedament tar-reżiljenza***;*** u jitlob li l-appoġġ għall-PAK jirrifletti aħjar il-pressjonijiet inflazzjonarji***, l-ispejjeż reali tal-produzzjoni, l-intensità tax-xogħol, l-esponiment għar-riskji klimatiċi u kummerċjali*** u l-ispeċifiċitajiet settorjali; ***jenfasizza li d-distribuzzjoni tal-appoġġ trid tqis id-daqs żgħir u l-frammentazzjoni tal-azjendi agrikoli, ir-restrizzjonijiet naturali taż-żoni muntanjuża u tal-gżejjer, l-iskarsezza tal-ilma, l-għelejjel permanenti u t-trobbija estensiva tal-bhejjem; jitlob li tingħata prijorità lill-bdiewa attivi u lill-azjendi agrikoli tal-familja żgħar u ta' daqs medju li parti sostanzjali mill-introjtu tagħhom hija dipendenti fuq l-attività agrikola.***

Or. el

Emenda 188
Katarína Roth Neveďalová, Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jissottolinja li l-vijabbiltà tal-azjendi agrikoli hija l-pedament tar-reżiljenza u jitlob li l-appoġġ għall-PAK jirrifletti aħjar il-pressjonijiet inflazzjonarji ***u*** l-ispeċifiċitajiet settorjali;	4. Jissottolinja li l-vijabbiltà tal-azjendi agrikoli hija l-pedament tar-reżiljenza u jitlob li l-appoġġ għall-PAK jirrifletti aħjar il-pressjonijiet inflazzjonarji***,*** l-ispeċifiċitajiet settorjali ***u l-kostijiet dejjem jikbru tal-produzzjoni***; ***jisħaq li l-pagamenti diretti jibqgħu strument essenzjali għall-istabbilizzazzjoni tal-introjtu u jopponi kwalunkwe limitu massimu obbligatorju tal-pagamenti diretti, filwaqt li jappoġġja mmirar aħjar tal-appoġġ permezz ta'***

strumenti ridistributtivi deċiżi mill-Istati Membri.

Or. en

Emenda 189
Waldemar Buda, Claudiu-Richard Târziu, Bert-Jan Ruissen, Georgiana Teodorescu, Jessika van Leeuwen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jissottolinja li l-vijabbiltà tal-azjendi agrikoli hija l-pedament tar-reżiljenza u jitlob li l-appoġġ ***għall-PAK*** jirrifletti aħjar il-pressjonijiet inflazzjonarji ***u*** l-ispeċifiċitajiet settorjali;	4. Jissottolinja li l-vijabbiltà tal-azjendi agrikoli hija l-pedament tar-reżiljenza u jitlob li l-appoġġ ***tal-PAK*** jirrifletti aħjar il-pressjonijiet inflazzjonarji***, il-kostijiet dejjem jiżdiedu li jirriżultaw minn obbligi regolatorji ġodda imposti fuq il-produtturi agrikoli, kif ukoll*** l-ispeċifiċitajiet settorjali;

Or. en

Emenda 190
Marko Vešligaj, André Franqueira Rodrigues, Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jissottolinja li l-vijabbiltà tal-azjendi agrikoli hija l-pedament tar-reżiljenza u jitlob li l-appoġġ għall-PAK jirrifletti aħjar il-pressjonijiet inflazzjonarji u l-ispeċifiċitajiet settorjali;	4. Jissottolinja li l-vijabbiltà tal-azjendi agrikoli hija l-pedament tar-reżiljenza u jitlob li l-appoġġ għall-PAK jirrifletti aħjar ***il-kostijiet tal-produzzjoni,*** il-pressjonijiet inflazzjonarji u l-ispeċifiċitajiet settorjali ***inkluż permezz ta' valutazzjonijiet regolari tal-adegwatezza tal-appoġġ***;

Or. en

Emenda 191
Maria Grapini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jissottolinja li l-vijabbiltà tal-azjendi agrikoli hija l-pedament tar-reżiljenza u jitlob li l-appoġġ għall-PAK jirrifletti aħjar il-pressjonijiet inflazzjonarji ***u*** l-ispeċifiċitajiet settorjali;	4. Jissottolinja li l-vijabbiltà tal-azjendi agrikoli hija l-pedament tar-reżiljenza u jitlob li l-appoġġ għall-PAK jirrifletti aħjar il-pressjonijiet inflazzjonarji***,*** l-ispeċifiċitajiet settorjali ***u ż-żoni ġeografiċi anqas żviluppati***;

Or. ro

Emenda 192
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jissottolinja li l-vijabbiltà tal-azjendi agrikoli hija l-pedament tar-reżiljenza u jitlob li l-appoġġ għall-PAK jirrifletti aħjar il-pressjonijiet inflazzjonarji u l-ispeċifiċitajiet settorjali;	4. Jissottolinja li l-vijabbiltà tal-azjendi agrikoli hija l-pedament tar-reżiljenza u jitlob li l-appoġġ għall-PAK jirrifletti aħjar il-pressjonijiet inflazzjonarji u l-ispeċifiċitajiet settorjali ***u reġjonali***;

Or. pt

Emenda 193
André Franqueira Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4 – punt 1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(1) Jappella għal distribuzzjoni aktar ġusta tal-appoġġ tal-PAK permezz ta' pagament ridistributtiv effettiv li jqis l-impjiegi maħluqa u jagħti prijorità lill-bdiewa attivi, lill-azjendi agrikoli żgħar u

ta' daqs medju u lill-biedja mill-familji;

Or. pt

Emenda 194
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jenfasizza l-kontribut importanti tal-kooperattivi agrikoli u tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi biex jipprovdu ekonomiji ta' skala, aċċess kondiviż għat-tagħmir u l-infrastruttura, appoġġ tekniku speċjalizzat, taħriġ, innovazzjoni u kundizzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni mtejba; jisħaq li l-integrazzjoni f'dawn l-istrutturi tista' tnaqqas l-ostakli għad-dħul fis-settur, tiffaċilita l-aċċess għall-finanzi u ssaħħaħ il-vijabbiltà ekonomika tal-azjendi agrikoli; iħeġġeġ lill-Istati Membri, għalhekk, jippromwovu inċentivi speċifiċi biex iħeġġu lill-bdiewa jissieħbu f'kooperattivi u organizzazzjonijiet tal-produtturi;

Or. pt

Emenda 195
André Franqueira Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw pagamenti tal-PAK f'waqthom, prevedibbli u, fejn meħtieġ, avvanzati u jtejbu l-istrumenti ta' garanzija, il-kreditu sussidjat u mekkaniżmi finanzjarji oħra għall-azjendi

agrikoli żgħar u ta' daqs medju, il-bdiewa żgħażagħ u s-setturi l-aktar esposti għall-volatilità tas-suq;

Or. pt

Emenda 196
Katarína Roth Neveďalová, Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tissimplifika l-Politika Agrikola Komuni billi tnaqqas l-obbligi ta' rapportar bla bżonn, tevita d-duplikazzjoni tal-kontrolli, testendi l-użu ta' spezzjonijiet ibbażati fuq ir-riskju u timplimenta bis-shiħ il-prinċipju ta' darba biss għas-sottomissjoni ta' informazzjoni amministrattiva mill-bdiewa;

Or. en

Emenda 197
Marko Vešligaj, Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaċċelleraw il-pagamenti tal-PAK u jtejbu l-prevedibbiltà u t-trasparenza tagħhom;

Or. en

Emenda 198
Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jirrikjedi li l-PAK u l-miżuri tas-suq jirriflettu l-kostijiet tal-produzzjoni u l-inflazzjoni.

Or. en

Emenda 199
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4b. Iqis li l-bdiewa għandhom ikunu jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ mill-aħħar avvanzi xjentifiċi u teknoloġiċi applikabbli għall-agrikoltura, inklużi l-biedja ta' preċiżjoni, l-intelliġenza artifiċjali, ir-robotika u tekniki ġodda ta' tnissil tal-pjanti; jenfasizza, b'mod partikolari, il-potenzjal ta' tekniki ġenomiċi ġodda (NGT) għall-iżvilupp ta' varjetajiet ta' pjanti li huma aktar reżistenti għall-pesti u l-mard, aktar tolleranti għan-nixfa u avvenimenti estremi oħra tat-temp, aktar effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u anqas dipendenti fuq l-inputs;

Or. pt

Emenda 200
Marko Vešligaj, Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4b. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura

koerenza u konsistenza akbar fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni agrikola tal-Unjoni permezz ta' gwida aktar ċara, interpretazzjonijiet speċifiċi għas-settur u appoġġ konsultattiv imsaħħaħ, sabiex jitnaqqsu d-diverġenzi mhux ġustifikati bejn l-Istati Membri;

Or. en

Emenda 201
Marko Vešligaj, André Franqueira Rodrigues, Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4c. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-miżuri ta' simplifikazzjoni jnaqqsu b'mod effettiv il-piż amministrattiv, b'mod partikolari għall-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju, filwaqt li jippreservaw it-traċċabbiltà, is-sikurezza tal-ikel, it-trattament xieraq tal-annimali u l-istandards ambjentali u tax-xogħol ewlenin;

Or. en

Emenda 202
Marko Vešligaj, André Franqueira Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4d. Jappella għal użu usa' ta' kontrolli proporzjonati, sottomissjoni darba biss tad-data, bażijiet tad-data interoperabbli u proċeduri diġitali orjentati lejn l-utent, kif ukoll għal żieda fil-finanzjament tal-Unjoni għas-sistemi tad-data agrikola, ir-riċerka, l-

innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni, inklużi l-biedja ta' preċiżjoni, il-makkinarju awtonomu, it-teknoloġiji tas-sensuri, ir-rispons għad-diżastri u l-ġestjoni tal-pesti peress li dawn jistgħu jtejbu l-produttività, jottimizzaw l-użu tar-riżorsi u jsaħħu s-sostenibbiltà ekonomika tal-azjendi agrikoli;

Or. en

Emenda 203
Sakis Arnaoutoglou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jitlob li jittieħdu miżuri li jindirizzaw iż-żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni, inklużi l-appoġġ finanzjarju fit-terminu qasir u l-istrateġiji fit-tul biex tissaħħaħ il-kapaċità produttiva interna;	5. Jitlob li jittieħdu miżuri li jindirizzaw iż-żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni, inklużi l-appoġġ finanzjarju fit-terminu qasir u l-istrateġiji fit-tul biex tissaħħaħ il-kapaċità produttiva interna; ***jitlob li jinħoloq mekkaniżmu Ewropew permanenti biex jittratta ż-żidiet f'daqqa fl-ispejjeż tal-enerġija, l-elettriku għall-irrigazzjoni, il-fjuwils, il-fertilizzanti, il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u l-għalf tal-annimali; jitlob li l-mekkaniżmu jiġi attivat abbażi ta' indikaturi oġġettivi tal-ispejjeż, biex jipprovdi appoġġ immirat, garanziji u kapital operatorju u biex jiġi ffinanzjat mingħajr ma jitnaqqsu l-pagamenti diretti lill-bdiewa.***

Or. el

Emenda 204
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

5. Jitlob li jittieħdu miżuri li jindirizzaw iż-żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni, inklużi l-appoġġ finanzjarju fit-terminu qasir u l-istrateġiji fit-tul biex tissaħħaħ il-kapaċità produttiva interna;	5. Jitlob li jittieħdu miżuri li jindirizzaw iż-żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni, inklużi l-appoġġ finanzjarju fit-terminu qasir u l-istrateġiji fit-tul biex tissaħħaħ il-kapaċità produttiva interna; ***f'dan ir-rigward, jenfasizza wkoll l-importanza li jiġu stimulati r-riċerka u l-innovazzjoni biex jiġu żviluppati alternattivi għall-inputs tradizzjonali tal-produzzjoni, kif ukoll għall-iżvilupp ta' varjetajiet li huma aktar reżiljenti u adattati aħjar għat-tibdil fil-klima u ammont aktar baxx ta' fertilizzanti, ilma jew inputs essenzjali oħra, b'mod partikolari permezz ta' tekniki ġenomiċi ġodda;***

Or. ro

Emenda 205
Christine Singer, Jérémy Decerle, Benoit Cassart, Charles Goerens, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jitlob li jittieħdu miżuri li jindirizzaw iż-żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni, ***inklużi l-appoġġ*** finanzjarju fit-terminu qasir u ***l-istrateġiji*** fit-tul biex tissaħħaħ il-kapaċità produttiva interna;	5. Jitlob li jittieħdu miżuri li jindirizzaw iż-żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni, ***inkluż billi jiġu evitati rekwiżiti regolatorji sproporzjonati li jżidu bla bżonn il-kostijiet tal-produzzjoni, filwaqt li jiġu pprovduti, fejn meħtieġ, appoġġ*** finanzjarju fit-terminu qasir u ***strateġiji*** fit-tul biex tissaħħaħ il-kapaċità produttiva interna***, b'mod partikolari għall-enerġija, il-fertilizzanti u l-għalf tal-proteini, kif ukoll jissaħħu l-ktajjen tal-valur reġjonali u jitnaqqsu d-dipendenzi fuq l-importazzjoni unilaterali***;

Or. en

Emenda 206
André Franqueira Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jitlob li jittieħdu miżuri li jindirizzaw iż-żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni, ***inklużi l-appoġġ*** finanzjarju fit-terminu qasir ***u l-istrateġiji*** fit-tul biex ***tissaħħaħ il-kapaċità produttiva interna;***	5. Jitlob li jittieħdu miżuri li jindirizzaw iż-żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni, ***inkluż permezz ta' appoġġ*** finanzjarju ***ta' emerġenza*** fit-terminu qasir***, mingħajr ma wieħed jirrikorri għal tnaqqis fil-pagamenti diretti jew fit-trasferimenti tal-kostijiet għall-baġits nazzjonali, u strateġiji*** fit-tul biex ***jissaħħu l-kapaċità tal-produzzjoni Ewropea, l-effiċjenza fir-riżorsi u l-awtonomija strateġika f'inputs ewlenin.***

Or. pt

Emenda 207
Piotr Müller, Waldemar Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jitlob li jittieħdu miżuri li jindirizzaw iż-żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni, inklużi l-appoġġ finanzjarju ***fit-terminu*** qasir u l-istrateġiji fit-tul biex tissaħħaħ il-kapaċità produttiva interna;	5. Jitlob li jittieħdu miżuri ***deċiżivi*** li jindirizzaw iż-żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni, inklużi ***l-kostijiet tal-enerġija, il-fertilizzanti, l-għalf u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, kif ukoll*** l-appoġġ finanzjarju ***fuq terminu*** qasir***, it-tnaqqis tal-piżijiet regolatorji*** u l-istrateġiji fit-tul biex tissaħħaħ il-kapaċità produttiva interna ***u l-indipendenza mill-importazzjonijiet ta' dawn l-inputs***;

Or. pl

Emenda 208
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Raffaele Stancanelli, Mireia Borrás Pabón, Tomáš Kubín

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jitlob li jittieħdu miżuri li jindirizzaw iż-żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni, inklużi l-appoġġ finanzjarju fit-terminu qasir u l-istrateġiji fit-tul biex tissaħħaħ il-kapaċità produttiva interna;	5. Jitlob li jittieħdu miżuri li jindirizzaw iż-żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni***, u b'mod partikolari tnaqqis massiv tal-piżijiet amministrattivi, regolatorji u ambjentali fuq l-azjendi agrikoli***, inklużi l-appoġġ finanzjarju fit-terminu qasir u l-istrateġiji fit-tul biex tissaħħaħ il-kapaċità produttiva interna;

Or. fr

Emenda 209
Waldemar Buda, Claudiu-Richard Târziu, Bert-Jan Ruissen, Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta b'mod urġenti strateġija komprensiva u fit-tul biex tipproteġi u tirrestawra l-kompetittività tal-industrija Ewropea tal-fertilizzanti bħala settur ta' importanza strateġika għas-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni tirrieżamina l-applikazzjoni tas-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (EU ETS) għall-industrija tal-fertilizzanti u teskludi s-settur tal-fertilizzanti mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha jew, sakemm issir tali riforma, tiżgura allokazzjoni suffiċjenti ta' kwoti tal-emissjonijiet bla ħlas lill-produtturi tal-fertilizzanti sabiex tillimita ż-żidiet fil-kostijiet tal-produzzjoni tal-fertilizzanti u tevita kwalunkwe deterjorament ulterjuri fil-kompetittività tal-agrikoltura tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 210

Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jappella għall-iżvilupp ta' qafas tal-UE aktar robust għall-ġestjoni tar-riskju agrikolu, inkluż l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' riassigurazzjoni agrikola tal-UE biex is-settur isir aktar reżiljenti fid-dawl taż-żieda fil-frekwenza u l-intensità ta' avvenimenti estremi tat-temp, kriżijiet tas-saħħa u tfixkil fis-suq, filwaqt li tiġi pprovduta kopertura akbar kontra r-riskji, tittejjeb l-istabbiltà tal-introjtu agrikolu u jittejjeb l-aċċess għal strumenti ta' assigurazzjoni aktar effettivi u affordabbli għall-bdiewa; dak il-mekkaniżmu għandu jinvolvi lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Bank Ewropew tal-Investiment;

Or. pt

Emenda 211
Christine Singer, Jérémy Decerle

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jappella għal appoġġ aktar b'saħħtu għall-għodod għall-ġestjoni tar-riskju li jippermettu lill-bdiewa jipproteġu aħjar lilhom infushom mill-volatilità tal-prezzijiet, inklużi riżervi ta' ekwalizzazzjoni għar-riskju bbażati fuq it-taxxa u ħheġġjar tal-prezzijiet fis-swieq tal-futuri tal-komoditajiet agrikoli;

Or. en

Emenda 212

Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jitlob li tinħoloq riżerva strateġika tal-UE għall-fertilizzanti;

Or. en

Emenda 213
Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5b. Jitlob li d-dħul tas-CBAM miġbur mill-fertilizzanti lill-bdiewa jiġi rritornat sabiex jittaffew il-prezzijiet għoljin minħabba fatturi ġeopolitiċi;

Or. en

Emenda 214
Sakis Arnaoutoglou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-politika kummerċjali tagħha tiggarantixxi kundizzjonijiet tassew ekwi għall-bdiewa tal-UE billi tallinja bis-sħiħ lill-ftehmiet kummerċjali kollha mal-istandards sanitarji u fitosanitarji, soċjali u ambjentali kif ukoll fil-qasam tal-benesseri ***tal-anniali tal-UE,*** b'hekk tipprevjeni l-kompetizzjoni żleali;	6. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-politika kummerċjali tagħha tiggarantixxi kundizzjonijiet tassew ekwi għall-bdiewa tal-UE billi tallinja bis-sħiħ lill-ftehmiet kummerċjali kollha mal-istandards sanitarji u fitosanitarji, soċjali***, tax-xogħol,*** u ambjentali kif ukoll fil-qasam tal-benesseri ***tal-annimali tal-UE, biex*** b'hekk tipprevjeni l-kompetizzjoni żleali; ***jitlob li jitwettqu valutazzjonijiet tal-impatt kumulattivi għal kull prodott, settur u***

reġjun qabel ma jiġu konklużi jew riveduti l-ftehimiet kummerċjali, u li l-klawżoli ta' salvagwardja jiġu skattati awtomatikament meta l-importazzjonijiet jikkawżaw tfixkil serju fis-suq jew tnaqqis fil-prezzijiet tal-produtturi; jappella għal protezzjoni speċjali għal setturi sensittivi, kif ukoll protezzjoni sħiħa tal-prodotti DOP u IĠP u indikazzjoni ċara tal-pajjiż ta' oriġini.

Or. el

Emenda 215
Piotr Müller, Waldemar Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-politika kummerċjali tagħha ***tiggarantixxi*** kundizzjonijiet tassew ekwi għall-bdiewa tal-UE ***billi tallinja bis-sħiħ lill-ftehmiet*** kummerċjali kollha mal-istandards sanitarji u fitosanitarji, soċjali u ambjentali kif ukoll fil-qasam ***tal-benesseri tal-anniali tal-UE,*** b'hekk tipprevjeni l-kompetizzjoni żleali;	6. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-politika kummerċjali tagħha ***twassal għal*** kundizzjonijiet tassew ekwi għall-bdiewa tal-UE ***permezz ta' allinjament sħiħ u vinkolanti tal-ftehmiet*** kummerċjali kollha mal-istandards sanitarji u fitosanitarji, soċjali u ambjentali kif ukoll fil-qasam ***tat-trattament xieraq tal-annimali tal-UE, inkluż permezz ta' klawżoli mera obbligatorji, kontrolli ta' importazzjoni effettivi u klawżoli ta' salvagwardja awtomatiċi, biex*** b'hekk tipprevjeni l-kompetizzjoni żleali; ***jitlob li s-setturi agrikoli l-aktar vulnerabbli jiġu eżentati minn aktar liberalizzazzjoni, jopponi l-konklużjoni ta' ftehim mal-pajjiżi tal-Mercosur fil-forma attwali tiegħu u jitlob li tintemm l-applikazzjoni proviżorja tal-ftehimiet kummerċjali qabel ir-ratifika sħiħa tagħhom mill-parlamenti nazzjonali;***

Or. pl

Emenda 216

Christine Singer, Jérémy Decerle, Benoit Cassart, Charles Goerens

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-politika kummerċjali tagħha ***tiggarantixxi*** kundizzjonijiet tassew ekwi għall-bdiewa tal-UE billi ***tallinja bis-sħiħ lill-ftehmiet kummerċjali kollha mal-istandards*** sanitarji u fitosanitarji, soċjali ***u*** ambjentali ***kif ukoll fil-qasam tal-benesseri tal-anniali tal-UE,*** b'hekk tipprevjeni l-kompetizzjoni ***żleali***;	6. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-politika kummerċjali tagħha ***twassal għal*** kundizzjonijiet tassew ekwi għall-bdiewa tal-UE billi ***tiżgura reċiproċità effettiva u teżiġi li l-importazzjonijiet jissodisfaw standards ekwivalenti fl-oqsma rilevanti, inklużi l-istandards*** sanitarji u fitosanitarji, soċjali***,*** ambjentali ***u tat-trattament xieraq tal-annimali, u*** b'hekk tipprevjeni l-kompetizzjoni ***inġusta***; ***jisħaq li r-reċiproċità trid tkun infurzabbli fil-prattika permezz ta' klawżoli ta' salvagwardja effettivi, kontrolli u, fejn xieraq, klawżoli mera, sabiex il-bdiewa tal-UE ma jitpoġġewx fi żvantaġġ kompetittiv fil-konfront tal-importazzjonijiet prodotti skont standards aktar baxxi;***

Or. en

Emenda 217
Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-politika kummerċjali tagħha tiggarantixxi kundizzjonijiet tassew ekwi għall-bdiewa tal-UE billi tallinja bis-sħiħ lill-ftehmiet kummerċjali kollha mal-istandards sanitarji u fitosanitarji, soċjali u ambjentali kif ukoll fil-qasam tal-benesseri ***tal-anniali*** tal-UE, b'hekk tipprevjeni l-kompetizzjoni żleali;	6. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-politika kummerċjali tagħha tiggarantixxi kundizzjonijiet tassew ekwi għall-bdiewa tal-UE billi tallinja bis-sħiħ lill-ftehmiet kummerċjali kollha mal-istandards sanitarji u fitosanitarji, soċjali u ambjentali kif ukoll fil-qasam tal-benesseri ***tal-annimali*** tal-UE, b'hekk tipprevjeni l-kompetizzjoni żleali; ***jitlob li ma jiġi ratifikat l-ebda ftehim kummerċjali ġdid qabel ma titwettaq valutazzjoni tal-impatt sħiħa dwar l-agrikoltura Ewropea u qabel***

ma jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta' salvagwardja awtonomi għal setturi sensittivi;

Or. ro

Emenda 218
André Franqueira Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-politika kummerċjali ***tagħha*** tiggarantixxi kundizzjonijiet tassew ekwi għall-bdiewa ***tal-UE billi tallinja bis-sħiħ lill-ftehmiet kummerċjali kollha*** mal-istandards sanitarji u fitosanitarji, soċjali u ambjentali kif ukoll fil-qasam tal-benesseri tal-anniali ***tal-UE, b'hekk tipprevjeni l-kompetizzjoni żleali***;	6. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-politika kummerċjali ***tal-Unjoni*** tiggarantixxi kundizzjonijiet tassew ekwi għall-bdiewa ***Ewropej permezz ta' klawżoli mera effettivi u infurzabbli, rekwiżiti robusti ta' traċċabbiltà, valutazzjonijiet tal-impatt kumulattivi qabel u wara l-konklużjoni ta' ftehimiet, u klawżoli ta' salvagwardja rapidi u effettivi għal setturi sensittivi, filwaqt li tiżgura l-konformità*** mal-istandards sanitarji u fitosanitarji, soċjali u ambjentali kif ukoll fil-qasam tal-benesseri tal-anniali ***tal-Unjoni***;

Or. pt

Emenda 219
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-politika kummerċjali tagħha tiggarantixxi kundizzjonijiet tassew ekwi għall-bdiewa tal-UE billi tallinja bis-sħiħ lill-ftehmiet kummerċjali kollha mal-istandards sanitarji u fitosanitarji, soċjali u ambjentali kif ukoll fil-qasam tal-benesseri ***tal-anniali*** tal-UE,	6. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-politika kummerċjali tagħha tiggarantixxi kundizzjonijiet tassew ekwi għall-bdiewa tal-UE billi tallinja bis-sħiħ lill-ftehmiet kummerċjali kollha mal-istandards sanitarji u fitosanitarji, soċjali u ambjentali kif ukoll fil-qasam tal-benesseri ***tal-annimali*** tal-

b'hekk tipprevjeni l-kompetizzjoni żleali;	UE, b'hekk tipprevjeni l-kompetizzjoni żleali; ***itenni, f'dan ir-rigward, li l-prinċipju ta' reċiproċità jrid jiġi infurzat bis-sħiħ, inkluż bl-istabbiliment effettiv ta' klawżoli mera fil-ftehimiet kummerċjali tal-Unjoni.***

Or. it

Emenda 220
Céline Imart

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-politika kummerċjali tagħha tiggarantixxi kundizzjonijiet tassew ekwi għall-bdiewa tal-UE billi tallinja bis-sħiħ lill-ftehmiet kummerċjali kollha mal-istandards sanitarji u fitosanitarji, soċjali u ambjentali kif ukoll fil-qasam tal-benesseri tal-anniali tal-UE, b'hekk tipprevjeni l-kompetizzjoni żleali;	6. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-politika kummerċjali tagħha tiggarantixxi kundizzjonijiet tassew ekwi għall-bdiewa tal-UE billi tallinja bis-sħiħ lill-ftehmiet kummerċjali kollha mal-istandards sanitarji u fitosanitarji, soċjali u ambjentali kif ukoll fil-qasam tal-benesseri tal-anniali tal-UE, b'hekk tipprevjeni l-kompetizzjoni żleali; ***jistieden lill-Kummissjoni tqis l-akkumulazzjoni tal-ftehimiet kummerċjali billi tikkalkula pakkett globali ta' importazzjonijiet akkumulati ta' prodotti sabiex jitkejjel l-impatt fuq is-setturi;***

Or. fr

Emenda 221
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-politika kummerċjali tagħha ***tiggarantixxi*** kundizzjonijiet tassew ekwi għall-bdiewa tal-UE billi tallinja bis-sħiħ ***lill-ftehmiet*** kummerċjali kollha mal-istandards sanitarji	6. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-politika kummerċjali tagħha ***twassal għal*** kundizzjonijiet tassew ekwi għall-bdiewa tal-UE billi tallinja bis-sħiħ ***il-ftehmiet*** kummerċjali kollha mal-istandards sanitarji

u fitosanitarji, soċjali u ambjentali kif ukoll fil-qasam ***tal-benesseri tal-anniali*** tal-UE, b'hekk tipprevjeni l-kompetizzjoni ***żleali***;	u fitosanitarji, soċjali u ambjentali kif ukoll fil-qasam ***tat-trattament xieraq tal-annimali*** tal-UE, b'hekk tipprevjeni l-kompetizzjoni ***inġusta***; ***jinsisti li kwalunkwe sħubija kummerċjali futura trid teżiġi aderenza reċiproka mal-ogħla protokolli tal-UE dwar it-trattament xieraq tal-annimali, filwaqt li tipprojbixxi l-importazzjonijiet li ma jikkonformawx ma' dawn l-istandards;***

Or. en

Emenda 222
Waldemar Buda, Claudiu-Richard Târziu, Bert-Jan Ruissen, Georgiana Teodorescu, Jessika van Leeuwen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-politika kummerċjali tagħha ***tiggarantixxi*** kundizzjonijiet tassew ekwi għall-bdiewa tal-UE billi tallinja bis-sħiħ ***lill-ftehmiet*** kummerċjali kollha mal-istandards sanitarji u fitosanitarji, soċjali u ambjentali kif ukoll fil-qasam ***tal-benesseri tal-anniali tal-UE,*** b'hekk tipprevjeni l-kompetizzjoni ***żleali***;	6. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-politika kummerċjali tagħha ***twassal għal*** kundizzjonijiet tassew ekwi għall-bdiewa tal-UE billi tallinja bis-sħiħ ***il-ftehmiet*** kummerċjali kollha mal-istandards sanitarji u fitosanitarji, soċjali u ambjentali kif ukoll fil-qasam ***tat-trattament xieraq tal-annimali tal-UE, inkluża l-applikazzjoni ta' rekwiżiti ekwivalenti fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali, it-traċċabbiltà u l-infurzar tar-regoli applikabbli, u*** b'hekk tipprevjeni l-kompetizzjoni ***inġusta***;

Or. en

Emenda 223
David Cormand
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

6. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-politika kummerċjali tagħha ***tiggarantixxi*** kundizzjonijiet tassew ekwi għall-bdiewa tal-UE billi tallinja bis-sħiħ ***lill-ftehmiet*** kummerċjali kollha mal-istandards sanitarji u fitosanitarji, soċjali u ambjentali kif ukoll fil-qasam ***tal-benesseri tal-anniali*** tal-UE, b'hekk tipprevjeni l-kompetizzjoni ***żleali***;	6. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-politika kummerċjali tagħha ***twassal għal*** kundizzjonijiet tassew ekwi għall-bdiewa tal-UE billi tallinja bis-sħiħ ***il-ftehmiet*** kummerċjali kollha mal-istandards sanitarji u fitosanitarji, soċjali u ambjentali kif ukoll fil-qasam ***tat-trattament xieraq tal-annimali*** tal-UE, b'hekk tipprevjeni l-kompetizzjoni ***inġusta***; ***jistieden lill-Kummissjoni tinkludi kapitoli infurzabbli dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli fil-ftehimiet kummerċjali kollha tal-futur;***
	Or. en

Emenda 224
Marko Vešligaj, Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-politika kummerċjali tagħha ***tiggarantixxi*** kundizzjonijiet tassew ekwi għall-bdiewa tal-UE billi tallinja bis-sħiħ ***lill-ftehmiet*** kummerċjali kollha mal-istandards sanitarji u fitosanitarji, soċjali u ambjentali kif ukoll fil-qasam ***tal-benesseri tal-anniali*** tal-UE, b'hekk tipprevjeni l-kompetizzjoni ***żleali***;	6. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-politika kummerċjali tagħha ***twassal għal*** kundizzjonijiet tassew ekwi għall-bdiewa tal-UE billi tallinja bis-sħiħ ***il-ftehmiet*** kummerċjali kollha mal-istandards sanitarji u fitosanitarji, soċjali u ambjentali kif ukoll fil-qasam ***tat-trattament xieraq tal-annimali*** tal-UE, b'hekk tipprevjeni l-kompetizzjoni ***inġusta inkluż permezz tal-użu ta' klawżoli mera u salvagwardji bilaterali***;
	Or. en

Emenda 225
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li	6. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li

l-politika kummerċjali tagħha tiggarantixxi kundizzjonijiet tassew ekwi għall-bdiewa tal-UE billi tallinja ***bis-sħiħ lill-ftehmiet*** kummerċjali kollha mal-istandards sanitarji u fitosanitarji, soċjali u ambjentali kif ukoll fil-qasam tal-benesseri ***tal-anniali tal-UE,*** b'hekk tipprevjeni ***l-kompetizzjoni*** żleali;	l-politika kummerċjali tagħha tiggarantixxi kundizzjonijiet tassew ekwi għall-bdiewa tal-UE billi tallinja ***l-ftehimiet*** kummerċjali kollha ***li jiġu konklużi jew imġedda*** mal-istandards sanitarji u fitosanitarji, soċjali u ambjentali kif ukoll fil-qasam tal-benesseri ***tal-annimali tal-UE, biex*** b'hekk tipprevjeni ***l-kundizzjonijiet li jistgħu jwasslu għal kompetizzjoni*** żleali;

Or. ro

Emenda 226
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Raffaele Stancanelli, Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-politika kummerċjali tagħha tiggarantixxi kundizzjonijiet tassew ekwi ***għall-bdiewa tal-UE*** billi ***tallinja bis-sħiħ lill-ftehmiet*** kummerċjali ***kollha mal-istandards*** sanitarji u fitosanitarji, soċjali u ambjentali kif ukoll fil-qasam tal-benesseri ***tal-anniali tal-UE,*** b'hekk tipprevjeni l-kompetizzjoni żleali;	6. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-politika kummerċjali tagħha tiggarantixxi kundizzjonijiet tassew ekwi billi ***tissospendi l-konklużjoni jew ir-ratifika ta' kwalunkwe ftehmiet*** kummerċjali ***li ma jirnexxilhomx jirriflettu mill-qrib l-istandards*** sanitarji u fitosanitarji, soċjali u ambjentali kif ukoll fil-qasam tal-benesseri ***tal-annimali tal-UE, u*** b'hekk tipprevjeni l-kompetizzjoni żleali;

Or. fr

Emenda 227
Maria Grapini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-politika kummerċjali tagħha tiggarantixxi kundizzjonijiet tassew ekwi għall-bdiewa tal-UE billi tallinja bis-sħiħ lill-ftehmiet kummerċjali kollha mal-istandards sanitarji	6. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-politika kummerċjali tagħha tiggarantixxi kundizzjonijiet tassew ekwi għall-bdiewa tal-UE billi tallinja bis-sħiħ lill-ftehmiet kummerċjali kollha mal-istandards sanitarji

u fitosanitarji, soċjali u ambjentali kif ukoll fil-qasam tal-benesseri ***tal-anniali tal-UE,*** b'hekk tipprevjeni l-kompetizzjoni żleali;	u fitosanitarji, soċjali u ambjentali kif ukoll fil-qasam tal-benesseri ***tal-annimali tal-UE, u*** b'hekk tipprevjeni l-kompetizzjoni żleali***, kif ukoll tipprovdi protezzjoni lill-konsumaturi***;

Or. ro

Emenda 228
Waldemar Buda, Claudiu-Richard Târziu, Bert-Jan Ruissen, Georgiana Teodorescu, Jessika van Leeuwen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jistieden lill-Kummissjoni telimina gradwalment l-użu tas-sistema ta' elenkar minn qabel għall-istabbilimenti li jesportaw prodotti li joriġinaw mill-annimali lejn l-Unjoni u tirrevedi l-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni rilevanti kif xieraq; jisħaq li l-prodotti importati li joriġinaw mill-annimali għandhom ikunu soġġetti għal proċeduri ta' approvazzjoni, kontroll u superviżjoni uffiċjali ekwivalenti għal dawk applikabbli għall-produtturi tal-Unjoni skont ir-Regolament (UE) 2017/625, sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi ġenwini u jinżamm livell għoli ta' fiduċja fis-sistema tas-sikurezza tal-ikel tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 229
Piotr Müller, Waldemar Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jistieden lill-Kummissjoni

tirrestawra l-protezzjoni sħiħa tas-suq agrikolu tal-UE mill-importazzjonijiet mill-Ukrajna permezz ta' kwoti tariffarji permanenti, mekkaniżmi ta' salvagwardja effettivi u awtomatiċi skattati f'każ ta' tfixkil fis-suq u kontrolli obbligatorji tal-kwalità u tas-sikurezza tal-ikel; jisħaq li l-appoġġ għall-Ukrajna ma jridx isir għad-detriment tal-bdiewa Ewropej, u speċjalment dawk Pollakki, u li pajjiż mhux tal-UE ma jistax jibbenefika minn aċċess mhux ristrett għas-suq intern mingħajr ma jissodisfa l-istandards ta' produzzjoni tal-UE;

Or. pl

Emenda 230
Arash Saeidi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jinnota li sabiex issolvi l-problemi li jirriżultaw mill-effetti negattivi tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles, li jirriżultaw f'dumping ekonomiku, soċjali, ambjentali u tas-saħħa għad-detriment tal-agrikoltura Ewropea, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li huma kemm meħtieġa kif ukoll ġustifikabbli f'każijiet ta' emerġenza; jinnota li dawn l-atti jinkludu l-implimentazzjoni immedjata ta' miżuri biex jiġu sospiżi l-importazzjonijiet ta' prodotti agrikoli li ma jikkonformawx mal-istandards stretti tal-produzzjoni ambjentali, soċjali u tas-saħħa tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 231
Luis-Vicențiu Lazarus

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tiżgura li l-prodotti agrikoli u tal-ikel kollha importati u mqiegħda fis-suq tal-Unjoni Ewropea jikkonformaw ma' standards ekwivalenti għal dawk applikabbli għall-bdiewa tal-Unjoni. Il-Kummissjoni Ewropea trid tiżgura li s-sikurezza tal-ikel, is-saħħa tal-pjanti, il-benesseri tal-annimali, il-protezzjoni ambjentali u l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jikkonformaw mal-istandards Ewropej sabiex tiġi ggarantita kompetizzjoni ġusta għall-bdiewa tal-UE;

Or. ro

Emenda 232
Jessika van Leeuwen, Waldemar Buda, Claudiu-Richard Târziu, Céline Imart

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-ftehimiet kummerċjali futuri ma jimminawx il-kompetittività tal-agrikoltura tal-UE u jkunu bbażati fuq reċiproċità ġenwina; jisħaq li l-importazzjonijiet għandhom jikkonformaw ma' standards ta' produzzjoni ekwivalenti għal dawk meħtieġa li jikkonformaw magħhom il-bdiewa tal-UE u jappella għal monitoraġġ u infurzar effettivi ta' dawn ir-rekwiżiti matul l-implimentazzjoni tal-ftehimiet kummerċjali;

Or. en

Emenda 233

Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Itenni li l-politika kummerċjali tal-Unjoni trid tiżgura rispett sħiħ għall-prinċipju tar-reċiproċità tal-istandards; iqis li n-nuqqas ta' kundizzjonijiet ekwi jagħmel is-settur agrikolu Ewropew anqas kompetittiv, l-azjendi agrikoli anqas profittabbli u l-biedja anqas attraenti għall-ġenerazzjonijiet iżgħar;

Or. pt

Emenda 234
David Cormand
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Iqis li l-impatt kumulattiv tal-Ftehim bejn l-UE u l-Mercosur u l-Ftehim bejn l-UE u l-Awstralja se jpoġġi lill-bdiewa tal-UE taħt aktar pressjoni, speċjalment fir-rigward ta' prodotti sensittivi speċifiċi u b'mod partikolari fis-settur taċ-ċanga ta' kwalità għolja; jinnota bi thassib li l-Ftehim bejn l-UE u l-Mercosur ma jiżgurax il-konverġenza tal-istandards ta' sikurezza;

Or. en

Emenda 235
Marko Vešligaj, Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jinsisti li l-ftehimiet kummerċjali futuri kollha jridu jinkludu kapitoli robusti, vinkolanti u kompletament infurzabbli dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli mgħammra b'mekkaniżmi effettivi ta' monitoraġġ u sanzjonijiet biex tiġi żgurata l-konformità tal-prodotti importati mal-istandards tal-UE;

Or. en

Emenda 236
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Iwissi lill-Kummissjoni dwar il-periklu li l-adeżjoni tal-Ukrajna mal-Unjoni tirrappreżenta u, b'mod partikolari, dwar l-iżbilanċ li dan jikkawża fir-ridistribuzzjoni tal-fondi skont il-Politika Agrikola Komuni.

Or. fr

Emenda 237
Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jitlob li l-prodotti importati jissodisfaw standards ekwivalenti tal-UE;

Or. en

Emenda 238

Waldemar Buda, Claudiu-Richard Târziu, Bert-Jan Ruissen, Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6b. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura trasparenza akbar fin-negozjati kummerċjali li jaffettwaw l-agrikoltura billi tistabbilixxi mekkaniżmu permanenti ta' konsultazzjoni li jinvolvi lill-Parlament Ewropew, lill-Istati Membri u lill-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tas-settur agrikolu; jitlob, b'mod partikolari, li jsiru laqgħat ta' konsultazzjoni jew sessjonijiet ta' informazzjoni qabel u wara kull ċiklu ta' negozjati, il-pubblikazzjoni ta' valutazzjonijiet tal-impatt li jkopru setturi agrikoli sensittivi fl-Unjoni, u l-iżvelar f'waqtu ta' informazzjoni dwar il-kwoti tariffarji proposti, il-konċessjonijiet kummerċjali u l-miżuri ta' salvagwardja ferm qabel ma jintlaħaq kwalunkwe ftehim politiku;

Or. en

Emenda 239
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6b. Huwa favur it-tisħiħ tal-mekkaniżmi għall-monitoraġġ u l-verifika tal-konformità ma' dawn l-istandards, sabiex jiġu evitati distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u jiġi żgurat li l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ ma sseħħx għad-detriment tal-bdiewa tal-Unjoni;

Or. pt

Emenda 240
Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6b. Jitlob li jitneħħew id-derogi skaduti tat-tikkettar tal-oriġini skont ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000;

Or. en

Emenda 241
Waldemar Buda, Claudiu-Richard Târziu, Bert-Jan Ruissen, Georgiana Teodorescu, Jessika van Leeuwen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6c. Jistieden lill-Kummissjoni tippubblika, qabel il-konklużjoni tan-negozjati dwar kwalunkwe ftehim kummerċjali li jkopri prodotti agrikoli, valutazzjoni komprensiva tal-impatt kumulattiv tal-ftehimiet kummerċjali eżistenti u nnegozjati fl-istess ħin kollha fuq il-kompetittività tal-agrikoltura tal-Unjoni u ta' setturi sensittivi individwali, b'mod partikolari s-setturi taċ-ċanga, tat-tjur, taz-zokkor, taċ-ċereali, tal-prodotti tal-ħalib u tal-bajd; jisħaq li tali valutazzjoni għandha tqis l-effetti kkombinati tal-kwoti tariffarji, il-konċessjonijiet kummerċjali u l-miżuri ta' salvagwardja fuq l-introjtu tal-bdiewa, is-sigurtà tal-ikel u r-reżiljenza tas-suq intern; jenfasizza li l-ebda ftehim kummerċjali ġdid li jkopri l-prodotti agrikoli ma għandu jiġi konkluż qabel ma tali valutazzjoni tkun ġiet ippubblikata u debitament ippreżentata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill;

Or. en

Emenda 242
Christine Singer, Jérémy Decerle, Benoit Cassart, Charles Goerens, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ is-sigurtà u s-sovranità tal-ikel kif ukoll l-awtonomija strateġika tal-UE, ***anki*** permezz ta' appoġġ settorjali speċifiku, preferenza Ewropea u dipendenza mnaqqsa minn fornituri esterni għall-materja prima fundamentali bħall-fertilizzanti;	7. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ is-sigurtà u s-sovranità tal-ikel kif ukoll l-awtonomija strateġika tal-UE, ***inkluż*** permezz ta' appoġġ settorjali speċifiku, preferenza Ewropea u dipendenza mnaqqsa minn fornituri esterni għall-materja prima fundamentali bħall-fertilizzanti; ***jenfasizza li l-miżuri fuq terminu qasir iridu dejjem ikunu akkumpanjati minn strateġija fit-tul; jappella, f'dan ir-rigward, għal enfasi aktar qawwija fuq iċ-ċikli tan-nutrijenti reġjonali, l-irkupru tan-nutrijenti mir-residwi organiċi u l-ħama tad-drenaġġ, u l-iżvilupp ta' fertilizzanti affordabbli u prodotti fl-UE;***

Or. en

Emenda 243
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ is-sigurtà u s-sovranità tal-ikel kif ukoll l-awtonomija strateġika tal-UE, anki permezz ta' appoġġ settorjali speċifiku, preferenza Ewropea u dipendenza mnaqqsa minn fornituri esterni għall-materja prima fundamentali bħall-fertilizzanti;	7. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***tirrikonoxxi li settur agrikolu kompetittiv u reżiljenti huwa assi ġeopolitiku essenzjali biex jiġu żgurati s-sigurtà u r-reżiljenza Ewropej f'kuntest internazzjonali dejjem aktar instabbli, u*** ssaħħaħ is-sigurtà u s-sovranità tal-ikel kif ukoll l-awtonomija strateġika tal-UE, anki permezz ta' appoġġ settorjali speċifiku, preferenza Ewropea u dipendenza mnaqqsa minn fornituri esterni għall-materja prima fundamentali bħall-fertilizzanti;

Or. it

Emenda 244
Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ is-sigurtà u s-sovranità tal-ikel kif ukoll l-awtonomija strateġika ***tal-UE***, ***anki*** permezz ta' appoġġ settorjali speċifiku***,*** ***preferenza*** Ewropea ***u*** dipendenza mnaqqsa minn forniturі esterni għall-materja prima fundamentali ***bħall-fertilizzanti***;	7. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ is-sigurtà u s-sovranità tal-ikel kif ukoll l-awtonomija strateġika ***tagħha***, permezz ta' appoġġ settorjali speċifiku ***xieraq għall-produtturi agrikoli Ewropej, permezz tal-promozzjoni tal-prinċipju tal-preferenza*** Ewropea ***għal prodotti agroalimentari tal-Unjoni, f'konformità mar-regoli tal-UE u l-impenji internazzjonali applikabbli, kif ukoll permezz ta'*** dipendenza mnaqqsa minn forniturі esterni għall-materja prima fundamentali***, inklużi l-fertilizzanti***;

Or. ro

Emenda 245
Piotr Müller, Waldemar Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ is-sigurtà u s-sovranità tal-ikel kif ukoll l-awtonomija strateġika tal-UE, anki permezz ta' appoġġ settorjali speċifiku, preferenza Ewropea ***u dipendenza*** mnaqqsa minn forniturі esterni ***għall-materja prima fundamentali*** bħall-fertilizzanti;	7. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ is-sigurtà u s-sovranità tal-ikel kif ukoll l-awtonomija strateġika tal-UE ***u tal-Istati Membri tagħha***, anki permezz ta' appoġġ settorjali speċifiku ***robust***, preferenza Ewropea ***konsistenti fl-akkwist pubbliku u fil-ktajjen ta' provvista, fil-protezzjoni tal-kapaċità ta' produzzjoni u fid-dipendenza*** mnaqqsa minn forniturі esterni ***għall-inputs kritiċi*** bħall-fertilizzanti***, l-enerġija u l-għalf għall-annimali***;

Or. pl

Emenda 246
Waldemar Buda, Claudiu-Richard Târziu, Bert-Jan Ruissen, Georgiana Teodorescu, Jessika van Leeuwen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ is-sigurtà u s-sovranità tal-ikel kif ukoll l-awtonomija strateġika tal-UE, ***anki*** permezz ta' appoġġ settorjali speċifiku, preferenza Ewropea ***u*** dipendenza mnaqqsa minn fornituri esterni għall-materja prima fundamentali bħall-fertilizzanti;	7. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ is-sigurtà u s-sovranità tal-ikel kif ukoll l-awtonomija strateġika tal-UE, ***inkluż*** permezz ta'***:*** appoġġ settorjali speċifiku, preferenza Ewropea***,*** dipendenza mnaqqsa minn fornituri esterni għall-materja prima fundamentali bħall-fertilizzanti ***kif ukoll permezz tal-protezzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem tal-Unjoni u setturi agrikoli oħra l-aktar esposti għall-kompetizzjoni mill-importazzjoni***;

Or. en

Emenda 247
Maria Grapini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ is-sigurtà u s-sovranità tal-ikel kif ukoll l-awtonomija strateġika tal-UE, anki permezz ta' appoġġ settorjali speċifiku, preferenza Ewropea u dipendenza mnaqqsa minn fornituri esterni għall-materja prima fundamentali bħall-fertilizzanti***;**	7. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħaħ is-sigurtà u s-sovranità tal-ikel kif ukoll l-awtonomija strateġika tal-UE, anki permezz ta' appoġġ settorjali speċifiku, preferenza Ewropea u dipendenza mnaqqsa minn fornituri esterni għall-materja prima fundamentali bħall-fertilizzanti***. Għal dan il-għan, għandu jkun hemm politiki Ewropej li jappoġġjaw lill-produtturi tal-fertilizzanti fl-UE.***

Or. ro

Emenda 248
Willemien Koning

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jilqa' l-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni tad-Direttiva dwar in-Nitrati u jisħaq fuq il-ħtieġa li jingħata segwitu għas-sejbiet tagħha bi proposta leġiżlattiva biex tiġi mmodernizzata d-Direttiva; jinnota li l-ġestjoni effiċjenti tan-nutrijenti hija kruċjali għall-kompetittività, is-sostenibbiltà u l-awtonomija strateġika tal-agrikoltura tal-UE u li l-qafas attwali ma jirriflettix biżżejjed id-diversità tas-sistemi tal-biedja u l-kundizzjonijiet naturali madwar l-Unjoni; jisħaq li r-rekwiżiti tal-ġestjoni tan-nutrijenti għandhom jirriflettu aħjar il-kundizzjonijiet agronomiċi, klimatiċi u ambjentali lokali u jitbiegħdu minn approċċi "kulhadd f'keffa waħda", u b'hekk jippermettu użu aktar effettiv u sostenibbli tad-demel tal-bhejjem filwaqt li jinżammu l-objettivi tal-kwalità tal-ilma;

Or. en

Emenda 249
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Itenni l-appell tiegħu li jingħata segwitu għall-evalwazzjoni tad-Direttiva dwar in-Nitrati bi proposta leġiżlattiva biex tiġi mmodernizzata d-Direttiva; jinnota li l-ġestjoni effiċjenti tan-nutrijenti hija kruċjali għall-kompetittività, is-sostenibbiltà u l-awtonomija strateġika tal-agrikoltura tal-

UE u li l-qafas attwali ma jirriflettix biżżejjed id-diversità tas-sistemi tal-biedja u l-kundizzjonijiet naturali madwar l-Unjoni; jisħaq li r-rekwiżiti tal-ġestjoni tan-nutrijenti għandhom jirriflettu aħjar il-kundizzjonijiet agronomiċi, klimatiċi u ambjentali lokali u jitbiegħdu minn approċċi "kulhadd f'keffa waħda", u b'hekk jippermettu użu aktar effettiv u ċirkolari tad-demel tal-bhejjem filwaqt li jinżammu l-objettivi tal-kwalità tal-ilma;

Or. en

Emenda 250
Marko Vešligaj, Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jilqa' l-miżuri ta' identifikazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni dwar il-fertilizzanti biex jittaffa l-impatt taż-żieda fil-prezzijiet tal-fertilizzanti fuq l-azjendi agrikoli tal-UE u jenfasizza l-ħtieġa li jiġu pprovduti soluzzjonijiet fit-tul biex jitnaqqsu d-dipendenzi tal-UE fuq il-produzzjoni esterna tal-fertilizzanti; itenni l-importanza tar-residwi agrikoli, il-prodotti sekondarji u l-bijomassa bħala riżorsi bijoloġiċi siewja li jistgħu jiġu ttrasformati f'materjali b'baži bijoloġika, f'bijokimiċi, f'bijofertilizzanti, f'enerġija rinnovabbli u fi prodotti oħra ta' valur għoli; jisħaq li dipendenza biss fuq dan it-tip ta' fertilizzant mhux se ssolvi l-kriżi eżistenti;

Or. en

Emenda 251
Waldemar Buda, Claudiu-Richard Târziu, Bert-Jan Ruissen, Georgiana Teodorescu, Jessika van Leeuwen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jisħaq fuq l-importanza strateġika tas-settur tal-bhejjem tal-Unjoni għas-sigurtà u r-reżiljenza tal-ikel tal-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni toqgħod lura milli tipproponi inizjattivi leġiżlattivi li jwasslu għal żieda sproporzjonata fil-kostijiet tal-produzzjoni jew li jimminaw il-kompetittività tas-settur tal-bhejjem tal-Unjoni, b'mod partikolari billi tintroduċi obbligi ġodda relatati mal-klima, l-ambjent jew it-trattament xieraq tal-annimali mingħajr ma tiżgura appoġġ finanzjarju adegwat, perjodi tranżizzjonali realistiċi u valutazzjoni komprensiva tal-impatt tagħhom fuq il-kompetittività tas-settur u s-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 252
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jenfasizza l-potenzjal strateġiku tal-agrikoltura għall-iżvilupp tal-bijoekonomija u l-produzzjoni tal-bijoenerġija, inkluż l-użu tal-iskart agrikolu, il-prodotti sekondarji u l-bijomassa biex jinħolqu opportunitajiet ġodda ta' negozju, sorsi addizzjonali ta' introjtu u impjiegi fiż-żoni rurali; huwa tal-fehma li d-diversifikazzjoni ekonomika hija essenzjali sabiex l-azjendi agrikoli jsiru aktar vijabbli u aktar reżiljenti għall-volatilità tas-suq u biex tingħata spinta lill-awtonomija strateġika tal-UE;

Or. pt

Emenda 253
Christine Singer, Benoit Cassart, Charles Goerens, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jisħaq li s-simplifikazzjoni trid issir prinċipju gwida tal-politika agrikola tal-UE u jistieden lill-Kummissjoni tnaqqas b'mod sistematiku l-piżijiet amministrattivi bla bżonn, il-kontrolli li jikkoinċidu u l-obbligi kumplessi ta' rapportar, speċjalment għall-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju tal-familja, filwaqt li tiżgura li l-għodod diġitali jibqgħu faċli għall-utent u ma joħolqux ostakli ġodda għall-bdiewa;

Or. en

Emenda 254
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. iħeġġeġ lill-Kummissjoni, f'dak ir-rigward, iżżid l-isforzi biex ittejjeb il-produzzjoni agrikola Ewropea tul il-katina alimentari kollha, inkluż permezz ta' politiki flessibbli ta' promozzjoni tal-prodotti agroalimentari tal-UE u ffinanzjati b'mod adegwat;

Or. it

Emenda 255
Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jitlob li l-produzzjoni tal-ikel Ewropea tiġi rikonoxxuta bħala prijorità strateġika, f'taqlib ġeopolitiku dejjem akbar;

Or. en

Emenda 256
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jirrikonoxxi l-potenzjal għoli tal-enerġija agrivoltajka li tirrikonċilja l-produzzjoni agrikola mal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli fl-istess żona, filwaqt li tippromwovi użu tal-art aktar effiċjenti, tipproteġi l-għelejjel minn avvenimenti klimatiċi estremi u tnaqqas il-ħtiġijiet tal-ilma; iqis li għandhom jinħolqu kundizzjonijiet favorevoli għall-iżvilupp tal-enerġija agrivoltajka, biex b'hekk jiġi żgurat li l-attività agrikola tiġi ppreservata u l-bdiewa jiġu pprovduti b'sors addizzjonali ta' introjtu, filwaqt li fl-istess ħin ikollhom rwol fit-tranżizzjoni tal-enerġija u l-awtonomija enerġetika tal-Unjoni Ewropea;

Or. pt

Emenda 257
Willemien Koning

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

7b. Jisħaq li alternattivi ċirkolari għall-fertilizzanti minerali, inklużi materjali fertilizzanti rkuprati mid-demel tal-bhejjem, jagħtu kontribut importanti għall-awtonomija strateġika tal-Unjoni billi jnaqqsu d-dipendenza fuq fertilizzanti minerali importati u jipproteġu lill-bdiewa minn prezzijiet volatili tal-fertilizzanti; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiffaċilitaw l-użu ta' tali alternattivi ċirkolari billi jippermettu t-tekniki kollha disponibbli sabiex jingħalqu ċ-ċikli tan-nutrijenti u tissaħħaħ il-kompetittività tas-settur;

Or. en

Emenda 258
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. jisħaq li t-tisħiħ tar-reżiljenza tal-agrikoltura fl-UE jirrikjedi appoġġ immirat għal setturi strateġiċi, inkluż is-settur tal-apikultura, li jagħti kontribut essenzjali għas-sigurtà tal-ikel, il-bijodiversità, id-dakkir, iż-żamma tal-ekosistemi u s-sostenibbiltà tal-produzzjoni agrikola; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni tiżgura strumenti ta' appoġġ adegwati għas-settur, inkluż taħt il-Politika Agrikola Komuni futura;

Or. it

Emenda 259
Christine Singer, Charles Goerens, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tappoġġja b'mod attiv l-iżvilupp ta' swieq ġodda, sabiex, minn naħa waħda, tkompli tipprovdi opportunitajiet ġodda ta' bejgħ għall-bdiewa lil hinn mill-UE u tikkontribwixxi għall-vijabbiltà ekonomika tagħhom, u, min-naħa l-oħra, tkompli tiżgura l-importazzjonijiet meħtieġa għal dan is-settur;

Or. en

Emenda 260
Waldemar Buda, Claudiu-Richard Târziu, Bert-Jan Ruissen, Georgiana Teodorescu, Jessika van Leeuwen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jopponi bil-qawwa kwalunkwe proposta biex is-settur tal-bhejjem tal-Unjoni jiġi soġġett għal imposti addizzjonali bbażati fuq l-emissjonijiet jew skemi regolatorji mmudellati fuq l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (EU ETS) jew kwalunkwe mekkaniżmu komparabbli, li tkompli żżid il-kostijiet tal-produzzjoni tal-ikel u timmina l-kompetittività tal-agrikoltura tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 261
Waldemar Buda, Claudiu-Richard Târziu, Bert-Jan Ruissen, Georgiana Teodorescu, Jessika van Leeuwen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

	7c. Jisħaq li kwalunkwe emenda futura għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar it-trattament xieraq tal-annimali għandha tkun preċeduta minn valutazzjoni komprensiva tal-impatt ekonomiku tagħha u tkun akkumpanjata minn appoġġ finanzjarju adegwat mill-baġit tal-Unjoni, sabiex jiġi evitat l-għeluq ta' azjendi agrikoli, it-telf tal-kompetittività jew ir-rilokazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem lil hinn mill-Unjoni; jisħaq ukoll li ż-żieda fl-istandards tat-trattament xieraq tal-annimali ma tridx tirriżulta fir-rilokazzjoni tal-produzzjoni tal-bhejjem lil hinn mill-Unjoni jew fis-sostituzzjoni tal-produzzjoni tal-Unjoni b'importazzjonijiet minn pajjiżi terzi li japplikaw standards aktar baxxi tat-trattament xieraq tal-annimali;

Or. en

Emenda 262
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw l-ostakli għall-aċċess u għall-użu tal-art, fosthom il-prezzijiet għoljin tal-art, il-frammentazzjoni tal-art u l-isfidi marbutin mas-suċċessjoni;	8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw l-ostakli għall-aċċess u għall-użu tal-art, fosthom il-prezzijiet għoljin tal-art, il-frammentazzjoni tal-art u l-isfidi marbutin mas-suċċessjoni; ***jappella għall-iżvilupp ulterjuri ta' programmi individwali ta' xiri ta' art, skemi ta' sussidju tar-rati tal-imgħax, inċentivi fiskali, perjodi ta' konċessjoni xierqa għall-investimenti agrikoli u perjodi itwal ta' ħlas lura sabiex jitnaqqsu l-pożijiet finanzjarji;***

Or. pt

Emenda 263

Luis-Vicențiu Lazarus

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw l-ostakli għall-aċċess u għall-użu tal-art, fosthom il-prezzijiet għoljin tal-art, il-frammentazzjoni tal-art u l-isfidi marbutin mas-suċċessjoni;	8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw l-ostakli għall-aċċess u għall-użu tal-art, fosthom il-prezzijiet għoljin tal-art, il-frammentazzjoni tal-art u l-isfidi marbutin mas-suċċessjoni; ***jistedihom ukoll jevitaw l-akkwist ta' art agrikola għal finijiet purament spekulattivi jew minn entitajiet li ma jwettqux attivitajiet agrikoli reali, sabiex tiġi protetta l-produttività tal-art agrikola u s-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni;***

Or. ro

Emenda 264
Marko Vešligaj, Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw l-ostakli għall-aċċess u għall-użu ***tal-art***, fosthom il-prezzijiet għoljin tal-art, il-frammentazzjoni tal-art u l-isfidi marbutin mas-suċċessjoni;	8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw l-ostakli għall-aċċess ***għall-art*** u għall-użu ***tagħha***, fosthom il-prezzijiet għoljin tal-art, il-frammentazzjoni tal-art u l-isfidi marbutin mas-suċċessjoni ***sabiex jiffaċilitaw l-investiment u t-tiġdid ġenerazzjonali***; ***jenfasizza l-importanza tal-pjan għal Osservatorju Ewropew tal-Artijiet biex tittejjeb it-trasparenza u jiġu mmonitorjati l-iżviluppi tas-suq;***

Or. en

Emenda 265
Marko Vešligaj, Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Iħeġġeġ l-iżvilupp ta' mekkaniżmi flessibbli u legalment sodi biex jintwera l-użu effettiv tal-art agrikola, b'mod partikolari fejn l-istrutturi tas-sjieda huma kumplessi, filwaqt li jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà;

Or. en

Emenda 266
Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jitlob li jiġu appoġġjati l-ippjanar tas-suċċessjoni u l-mobbiltà tal-art u li l-inċentivi fiskali jiġu estiżi għall-membri tal-familja fil-każ ta' lokazzjoni tal-art;

Or. en

Emenda 267
Christine Singer, Benoit Cassart, Charles Goerens, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jenfasizza li l-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni fil-produzzjoni agrikola jridu jiġu ffinanzjati b'mod adegwat u jibqgħu inklużivi**,** u jitlob li jissaħħu s-servizzi ta' konsulenza, it-taħriġ u s-servizzi tal-kondiviżjoni tal-għarfien;	9. Jenfasizza li l-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni fil-produzzjoni agrikola jridu jiġu ffinanzjati b'mod adegwat u jibqgħu inklużivi u jitlob li jissaħħu s-servizzi ta' konsulenza, it-taħriġ u s-servizzi tal-kondiviżjoni tal-għarfien; ***jissottolinja li l-innovazzjoni, il-biedja ta' preċiżjoni, it-tekniki ġodda ta' tnissil u l-***

ġestjoni tal-azjendi agrikoli bbażata fuq id-data jistgħu jikkontribwixxu għal agrikoltura aktar reżiljenti, produttiva u sostenibbli, dment li jibqgħu affordabbli u aċċessibbli għall-azjendi agrikoli ta' kull daqs;

Or. en

Emenda 268
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jenfasizza li l-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni fil-produzzjoni agrikola jridu jiġu ffinanzjati b'mod adegwat u jibqgħu inklużivi, u jitlob li jissaħħu s-servizzi ta' konsulenza, it-taħriġ u s-servizzi tal-kondiviżjoni tal-għarfien;	9. Jenfasizza li l-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni fil-produzzjoni agrikola jridu jiġu ffinanzjati b'mod adegwat u jibqgħu inklużivi, u jitlob li jissaħħu s-servizzi ta' konsulenza, it-taħriġ u s-servizzi tal-kondiviżjoni tal-għarfien; ***jisħaq, barra minn hekk, li l-investimenti relatati jridu jkunu akkumpanjati minn simplifikazzjoni effettiva tal-proċeduri amministrattivi u tas-sistemi konsultattivi li jkunu faċilment aċċessibbli għall-bdiewa;***

Or. it

Emenda 269
Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jenfasizza li l-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni fil-produzzjoni agrikola jridu jiġu ffinanzjati b'mod adegwat u jibqgħu inklużivi, u jitlob li jissaħħu s-servizzi ta' konsulenza, it-taħriġ u s-servizzi tal-kondiviżjoni tal-għarfien;	9. Jenfasizza li l-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni fil-produzzjoni agrikola jridu jiġu ffinanzjati b'mod adegwat u jibqgħu inklużivi, u jitlob li jissaħħu s-servizzi ta' konsulenza, it-taħriġ u s-servizzi tal-kondiviżjoni tal-għarfien;

jisħaq li d-diġitalizzazzjoni trid tikkontribwixxi għat-tnaqqis ta' piżijiet u kontrolli amministrattivi bla bżonn u ma tiġġenerax rekwiżiti ġodda ta' rapportar għall-bdiewa;

Or. ro

Emenda 270
Waldemar Buda, Claudiu-Richard Târziu, Bert-Jan Ruissen, Georgiana Teodorescu, Jessika van Leeuwen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jenfasizza li l-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni fil-produzzjoni agrikola jridu jiġu ffinanzjati b'mod adegwat u jibqgħu inklużivi, u jitlob li jissaħħu s-servizzi ta' konsulenza, it-taħriġ u s-servizzi tal-kondiviżjoni tal-għarfien;	9. Jenfasizza li l-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni fil-produzzjoni agrikola jridu jiġu ffinanzjati b'mod adegwat u jibqgħu inklużivi, u jitlob li jissaħħu s-servizzi ta' konsulenza, it-taħriġ u s-servizzi tal-kondiviżjoni tal-għarfien ***kif ukoll is-servizzi ta' konsulenza aċċessibbli b'mod wiesa' li jappoġġjaw l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji ġodda, b'mod partikolari minn azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju***;

Or. en

Emenda 271
Marko Vešligaj, Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jenfasizza li ***l-modernizzazzjoni*** u d-diġitalizzazzjoni fil-produzzjoni agrikola jridu jiġu ffinanzjati b'mod adegwat u jibqgħu inklużivi, u jitlob li jissaħħu s-servizzi ta' konsulenza, it-taħriġ u s-servizzi tal-kondiviżjoni tal-għarfien;	9. Jenfasizza li ***l-awtomatizzazzjoni, il-modernizzazzjoni*** u d-diġitalizzazzjoni fil-produzzjoni agrikola jridu jiġu ffinanzjati b'mod adegwat u jibqgħu inklużivi, u jitlob li jissaħħu s-servizzi ta' konsulenza, it-taħriġ u s-servizzi tal-kondiviżjoni tal-għarfien ***b'mod partikolari***

immirati lejn il-bdiewa akbar fl-età, il-produtturi żgħar u dawk b'kapaċità amministrattiva limitata;

Or. en

Emenda 272
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Iħeġġeġ l-użu ta' sistemi tal-ajru mingħajr bdot abbord fl-agrikoltura, bħad-droni, b'mod partikolari għall-monitoraġġ tal-għelejjel u tal-bhejjem, l-identifikazzjoni bikrija u l-kontroll tal-pesti u tal-mard, l-applikazzjoni mmirata ta' fertilizzanti u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, l-ottimizzazzjoni tal-użu tar-riżorsi u t-twettiq ta' operazzjonijiet f'oqsma fejn l-għażliet tekniċi konvenzjonali jkunu inadegwati jew mhux fattibbli, u b'hekk jikkontribwixxu għal żieda fil-produttività, is-sostenibbiltà ambjentali u l-kompetittività tal-azjendi agrikoli;

Or. pt

Emenda 273
Jessika van Leeuwen, Waldemar Buda, Claudiu-Richard Târziu, Céline Imart

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti prijorità lill-investiment fl-iżvilupp, l-espansjoni u l-użu ta' teknoloġiji agrikoli innovattivi b'sjieda tal-UE, inklużi innovazzjonijiet tat-tnissil bħas-sessaġġ tas-semen, li jikkontribwixxu għal żidiet

sostenibbli fil-produttività, il-progress ġenetiku u l-kompetittività tas-settur tal-bhejjem tal-UE; jappella wkoll għal appoġġ immirat għall-kumpaniji Ewropej, b'mod partikolari l-istart-ups u l-SMEs, li jiżviluppaw tali teknoloġiji strateġiċi;

Or. en

Emenda 274
Piotr Müller, Waldemar Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jisħaq li l-obbligi u r-rekwiżiti amministrattivi eċċessivi u li jittrikkbu u li jirriżultaw mill-Patt Ekoloġiku Ewropew jirrappreżentaw piż sproporzjonat, b'mod partikolari għall-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju, u jappella għal simplifikazzjoni ġenwina tal-PAK, filwaqt li titnaqqas il-burokrazija u jiġi żgurat li rekwiżiti ambjentali ġodda jiġu introdotti biss b'finanzjament adegwat u valutazzjoni tal-impatt reali fuq l-introjtu tal-bdiewa;

Or. pl

Emenda 275
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. jappella, għal dan l-għan, għal aktar investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni teknoloġika, b'referenza partikolari għal Tekniki Ġenomiċi Ġodda (NGTs), biedja ta' preċiżjoni u soluzzjonijiet diġitali, bħala għodod

indispensabbli għar-rikonċiljazzjoni tal-produttività u s-sostenibbiltà mingħajr oppożizzjoni ideoloġika;

Or. it

Emenda 276
Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jitlob li l-leġiżlazzjoni futura kollha tal-PAK għandha tkun soġġetta għal valutazzjoni ta' simplifikazzjoni; jitlob li kwalunkwe rekwiżit amministrattiv ġdid fuq il-bdiewa għandu jkun essenzjali, proporzjonat u akkumpanjat, fejn possibbli, mit-tneħħija ta' piż amministrattiv ekwivalenti;

Or. en

Emenda 277
Luis-Vicenţiu Lazarus

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jistieden lill-Kummissjoni tnaqqas il-piż amministrattiv fuq il-bdiewa billi tissimplifika l-obbligi ta' rapportar, il-kontrolli u l-proċeduri diġitali, speċjalment għall-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju;

Or. ro

Emenda 278
Christine Singer, Charles Goerens, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jappella għall-involviment tal-kooperattivi fis-servizzi ta' konsulenza u t-taħriġ, u għar-rikonoxximent tal-kooperattivi bħala pjattaformi għall-kondiviżjoni tal-għarfien;

Or. en

Emenda 279
Jessika van Leeuwen, Waldemar Buda, Claudiu-Richard Târziu, Céline Imart

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9b. Jisħaq li l-innovazzjoni, it-teknoloġiji diġitali, il-biedja ta' preċiżjoni, ir-robotika, l-intelliġenza artifiċjali u metodi ta' produzzjoni innovattivi oħra jistgħu simultanjament itejbu s-sostenibbiltà, il-produttività u l-kompetittività tal-agrikoltura filwaqt li jagħmlu s-settur aktar attraenti għall-ġenerazzjonijiet iżgħar; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-appoġġ għar-riċerka, l-investiment, it-taħriġ, is-servizzi ta' konsulenza u l-iskambju tal-għarfien li jiffaċilitaw l-adozzjoni ta' tali teknoloġiji minn bdiewa żgħażagħ u parteċipanti ġodda; jirrikonoxxi wkoll ir-rwol importanti tal-organizzazzjonijiet tal-bdiewa żgħażagħ fl-għoti ta' taħriġ, mentoraġġ, żvilupp tat-tmexxija, networking u rappreżentanza, u jappella għal appoġġ finanzjarju u istituzzjonali adegwat għal tali organizzazzjonijiet fl-ambitu tal-PAK u ta' programmi rilevanti oħra tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 280
Christine Singer, Jérémy Decerle, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jitlob li jiżdiedu l-investimenti fil-kapaċità u fl-infrastrutturi tal-ipproċessar u tal-ħżin lokali u reġjonali;	10. Jitlob li jiżdiedu l-investimenti fil-kapaċità u fl-infrastrutturi tal-ipproċessar u tal-ħżin lokali u reġjonali***, inklużi l-biċċeriji, l-imħaleb, il-faċilitajiet tal-produzzjoni u tal-ħżin tal-għalf, kif ukoll fi ktajjen tal-provvista qosra, sabiex jinżamm il-valur miżjud fir-reġjuni rurali, jissaħħu s-sistemi tal-ikel reġjonali reżiljenti u tiġi evitata r-rilokazzjoni tal-produzzjoni agrikola strateġika u l-produzzjoni ta' input essenzjali, inklużi l-fertilizzanti, lil hinn mill-Unjoni***;

Or. en

Emenda 281
Marko Vešligaj, Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jitlob li jiżdiedu l-investimenti fil-kapaċità u fl-infrastrutturi tal-ipproċessar u tal-ħżin lokali u reġjonali;	10. Jitlob li jiżdiedu l-investimenti fil-kapaċità u fl-infrastrutturi tal-ipproċessar u tal-ħżin lokali u reġjonali ***inklużi l-loġistika, il-konnessjonijiet tat-trasport u l-konnettività diġitali, sabiex jissaħħu l-ktajjen tal-provvista qosra, titnaqqas id-dipendenza fuq l-intermedjarji u tissaħħaħ il-kompetittività rurali***;

Or. en

Emenda 282
Katarína Roth Neveďalová, Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jitlob li jiżdiedu l-investimenti fil-kapaċità ***u fl-infrastrutturi*** tal-ipproċessar u tal-ħżin lokali u reġjonali;	10. Jitlob li jiżdiedu l-investimenti fil-kapaċità tal-ipproċessar u tal-ħżin***, fl-infrastruttura tal-ikel u fil-ktajjen tal-provvista qosra*** lokali u reġjonali***, biex b'hekk jiżdied il-valur miżjud miżmum mill-bdiewa u jissaħħu l-ekonomiji rurali***;

Or. en

Emenda 283
Maria Grapini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jitlob li jiżdiedu l-investimenti fil-kapaċità u fl-infrastrutturi tal-ipproċessar u tal-ħżin lokali u reġjonali;	10. Jitlob li jiżdiedu l-investimenti fil-kapaċità u fl-infrastrutturi tal-ipproċessar u tal-ħżin lokali u reġjonali***, bl-għan li tinbena mill-ġdid il-katina ta' valur mill-produttur għall-konsumatur***;

Or. ro

Emenda 284
Katarína Roth Neveďalová, Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li r-regoli dwar l-akkwist pubbliku applikabbli għall-iskejjel, l-isptarijiet u servizzi pubbliċi oħra tal-catering jippermettu lill-awtoritajiet kontraenti jagħtu kuntratti abbażi tal-aktar offerta ekonomikament

vantaġġuża, filwaqt li jqisu mhux biss il-prezz iżda wkoll kriterji ambjentali, klimatiċi u soċjali, inklużi l-impronta tal-karbonju, id-distanza tat-trasport, l-istaġjonalità, il-metodi ta' produzzjoni u l-kontribut għas-sistemi tal-ikel lokali u reġjonali, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni dwar l-akkwist pubbliku;

Or. en

Emenda 285
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jisħaq fuq l-importanza li tittejjeb ir-reżiljenza tal-ilma fis-settur agrikolu billi jiġu appoġġjati l-investimenti fil-faċilitajiet tal-ħżin, tat-trasport u tad-distribuzzjoni tal-ilma, f'azzjoni biex tiġi mmodernizzata u mtejba l-effiċjenza tas-sistemi tal-irrigazzjoni, u fl-użu ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi innovattivi għall-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma bil-ħsieb li tissaħħaħ il-kapaċità tas-settur li jadatta għat-tibdil fil-klima, titnaqqas il-vulnerabbiltà għan-nixfiet u jiġi żgurat li l-ilma jkun disponibbli għall-produzzjoni agrikola;

Or. pt

Emenda 286
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jitlob miżuri ta' appoġġ ċari biex jiġi inċentivat l-ipproċessar fl-azjendi

agrikoli tal-bhejjem jew tal-prodotti tal-għelejjel;

Or. ro

Emenda 287
Marko Vešligaj, André Franqueira Rodrigues, Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jitlob li jiżdied l-appoġġ għaż-żoni rurali ***u għall-programm*** LEADER, għal involviment aktar qawwi tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u li jiġi applikat il-mekkaniżmu ta' "verifika rurali";	11. Jitlob li jiżdied l-appoġġ għaż-żoni rurali***, ir-reġjuni muntanjużi, remoti, insulari u ultraperiferiċi, inkluż il-programm*** LEADER, għal involviment aktar qawwi tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u li jiġi applikat il-mekkaniżmu ta' "verifika rurali" ***fil-politiki rilevanti kollha, bil-ħsieb li jiġu żgurati l-koeżjoni territorjali u d-"dritt li wieħed jibqa' fit-territorju" fiż-żoni rurali***; ***jenfasizza l-importanza ta' finanzjament delimitat għall-iżvilupp rurali fi ħdan il-QFP 2028–2034, inkluża allokazzjoni rurali msaħħa biex jiġu appoġġjati l-infrastruttura, is-servizzi u l-kwalità tal-ħajja fiż-żoni rurali;***

Or. en

Emenda 288
Christine Singer, Jérémy Decerle, Charles Goerens, Benoit Cassart, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jitlob li jiżdied l-appoġġ għaż-żoni rurali u għall-programm LEADER, għal involviment aktar qawwi tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u li jiġi applikat il-mekkaniżmu ta' "verifika rurali";	11. Jitlob li jiżdied l-appoġġ għaż-żoni rurali u għall-programm LEADER, għal involviment aktar qawwi tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u li jiġi applikat il-mekkaniżmu ta' "verifika rurali"; ***jisħaq li ż-żoni rurali jeħtieġu servizzi bażiċi li***

jiffunzjonaw, inkluži l-indukrar tat-tfal, l-iskejjel, il-kura tas-saħħa, il-mobbiltà, il-broadband u s-servizzi amministrattivi lokali, sabiex il-biedja u l-għajxien fir-reġjuni rurali jsiru attraenti għaż-żgħażagħ u l-familji;

Or. en

Emenda 289
Maria Grapini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jitlob li jiżdied l-appoġġ għaż-żoni rurali u ***għall-programm*** LEADER, għal involviment aktar qawwi tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u li jiġi applikat il-mekkaniżmu ta' "verifika rurali";	11. Jitlob li jiżdied l-appoġġ għaż-żoni rurali***, speċjalment fiż-żoni anqas żviluppati*** u LEADER, għal involviment aktar qawwi tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u li jiġi applikat il-mekkaniżmu ta' "verifika rurali";

Or. ro

Emenda 290
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jenfasizza r-rwol tal-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità u l-programm LEADER fit-trawwim tal-innovazzjoni, l-intraprenditorija, id-diversifikazzjoni ekonomika u l-ħolqien tal-impjiegi fiż-żoni rurali permezz ta' approċċi minn isfel għal fuq li jinvolvu atturi lokali u jissodisfaw il-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull reġjun; jenfasizza l-kontribut tal-programm LEADER biex tingħata spinta lill-koeżjoni territorjali, l-inklużjoni soċjali, il-parteċipazzjoni ċivika

u l-attraenza taż-żoni rurali; jappella għal finanzjament akbar, prevedibbli u garantit għall-programm LEADER fil-qafas finanzjarju pluriennali 2028–2034, li għandu jiżgura riżorsi tal-programm li jkomplu jkunu ffukati fuq l-objettivi tal-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità, filwaqt li l-proċeduri amministrattivi jsiru aktar sempliċi sabiex il-programm ikun jista' jitmexxa b'mod aktar effettiv u l-impatt tiegħu fuq l-iżvilupp sostenibbli tal-komunitajiet rurali jkun kbir kemm jista' jkun;

Or. pt

Emenda 291
Christine Singer, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jenfasizza l-kontribut importanti tal-foresti, tas-sidien tal-foresti u tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti għall-impjiegi rurali, ir-reżiljenza għall-klima, il-bijodiversità, il-materja prima rinnovabbli u l-bijoekonomija; jitlob li l-politiki tal-UE li jaffettwaw il-foresti jirrispettaw id-diversità reġjonali, l-istrutturi ta' sjieda u l-esperjenza prattika tal-maniġers tal-foresti;

Or. en

Emenda 292
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jisħaq fuq l-importanza li jissaħħu	12. Jisħaq fuq l-importanza li jissaħħu

l-istrumenti ta’ ġestjoni tal-kriżijiet, fosthom riżerva msaħħa għall-kriżijiet u l-espansjoni tal-istrumenti ta’ ġestjoni tar-riskji;	l-istrumenti ta’ ġestjoni tal-kriżijiet, fosthom riżerva msaħħa għall-kriżijiet u l-espansjoni tal-istrumenti ta’ ġestjoni tar-riskji; ***jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni tiżgura flessibbiltà akbar fl-implimentazzjoni tal-PAK sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jirreaġixxu aktar malajr għall-kriżijiet tas-suq u l-eventi klimatiċi estremi;***

Or. it

Emenda 293
Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jisħaq fuq l-importanza li jissaħħu l-istrumenti ta’ ġestjoni tal-kriżijiet, fosthom ***riżerva msaħħa*** għall-kriżijiet u ***l-espansjoni*** tal-istrumenti ta’ ġestjoni tar-riskji;	12. Jisħaq fuq l-importanza li jissaħħu l-istrumenti ta’ ġestjoni tal-kriżijiet, fosthom ***billi jiġu żviluppati skemi tal-assigurazzjoni volontarji u strumenti finanzjarji li jippermettu lill-bdiewa jiġġestixxu l-instabbiltà tas-suq mingħajr ma jiżdied il-piż amministrattiv, kif ukoll billi tissaħħaħ ir-riżerva*** għall-kriżijiet u ***ssir espansjoni*** tal-istrumenti ta’ ġestjoni tar-riskji;

Or. ro

Emenda 294
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jisħaq fuq l-importanza li jissaħħu l-istrumenti ta’ ġestjoni tal-kriżijiet, fosthom riżerva msaħħa għall-kriżijiet u l-espansjoni tal-istrumenti ta’ ġestjoni tar-riskji;	12. Jisħaq fuq l-importanza li jissaħħu l-istrumenti ta’ ġestjoni tal-kriżijiet, fosthom riżerva msaħħa għall-kriżijiet u l-espansjoni tal-istrumenti ta’ ġestjoni tar-riskji***, minbarra x-xibka ta’ sikurezza***

riżervata għall-mekkaniżmu ta' salvagwardja bilaterali għall-ftehim kummerċjali bejn l-UE u l-Mercosur;

Or. en

Emenda 295
Marko Vešligaj

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jisħaq fuq l-importanza li jissaħħu l-istrumenti ta' ġestjoni tal-kriżijiet, fosthom riżerva msaħħa għall-kriżijiet u l-espansjoni tal-istrumenti ta' ġestjoni tar-riskji;	12. Jisħaq fuq l-importanza li jissaħħu l-istrumenti ta' ġestjoni tal-kriżijiet, fosthom riżerva msaħħa għall-kriżijiet u l-espansjoni tal-istrumenti ta' ġestjoni tar-riskji ***bħall-assigurazzjoni, l-istabbilizzazzjoni tal-introjtu u l-mekkaniżmi ta' rispons għad-diżastri***;

Or. en

Emenda 296
André Franqueira Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jisħaq fuq l-importanza li jissaħħu l-istrumenti ***ta' ġestjoni tal-kriżijiet***, fosthom riżerva msaħħa għall-kriżijiet u l-espansjoni tal-istrumenti ta' ġestjoni tar-riskji;	12. Jisħaq fuq l-importanza li jissaħħu l-istrumenti ***għall-prevenzjoni, il-ġestjoni u r-rispons għall-kriżijiet***, fosthom riżerva msaħħa għall-kriżijiet u l-espansjoni tal-istrumenti ta' ġestjoni tar-riskji;

Or. pt

Emenda 297
Sakis Arnaoutoglou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jitlob li tinħoloq riżerva Ewropea għall-kriżijiet fis-settur agrikolu permanenti u ffinanzjata b'mod adegwat, flimkien mal-fondi nazzjonali tal-PAK, b'attivazzjoni rapida u awtomatika kemm jista' jkun; Jitlob li r-riżerva tkopri t-telf dirett u indirett ikkawżat minn avvenimenti estremi tat-temp, diżastri naturali, kriżijiet fitosanitarji, żoonożi, qtil obbligatorju tal-annimali u tfixkil serju tas-suq; Jitlob li l-pagamenti bil-quddiem isiru immedjatament wara li l-ħsara tkun ġiet aċċertata uffiċjalment u li jitħallas kumpens għat-telf ta' introjtu, l-ispiża tal-istokkjar mill-ġdid tal-bhejjem jew tal-pjanti, il-miżuri ta' bijosigurtà u r-restawr tal-azjendi agrikoli.

Or. el

Emenda 298
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jirrikonoxxi r-rabtiet intrinsiċi bejn is-saħħa tal-bniedem, is-saħħa tal-annimali u l-ambjent; jinnota li waħda mill-prijoritajiet tal-programm Orizzont Ewropa, flimkien mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività u l-PAK, għandha tkun ir-riċerka u l-iżvilupp ta' vaċċini għall-mard tal-annimali, li l-bdiewa kollha għandhom ikunu jistgħu jakkwistaw malajr fuq bażi ugwali;

Or. pt

Emenda 299
Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jitlob l-introduzzjoni ta' mekkaniżmu volontarju għat-tnaqqis tal-ħalib matul il-provvista żejda fis-suq;

Or. en

Emenda 300
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. ***Jitlob li jsiru*** investimenti ***fit-tisqija, fil-ħżin tal-ilma, fit-titjib*** tal-effiċjenza idrika ***u fil-miżuri ta' adattament għall-klima***;	13. ***Jistieden lill-Kummissjoni tirrikonoxxi d-disponibbiltà tal-ilma ħelu għall-agrikoltura bħala prijorità strateġika fil-politiki tal-Unjoni u tappoġġja, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri,*** investimenti ***li jtejbu r-reżiljenza tal-azjendi agrikoli permezz ta' infrastruttura moderna tat-tisqija, infrastruttura tal-ħżin u tat-trasport tal-ilma, titjib*** tal-effiċjenza idrika***, teknoloġiji tal-biedja ta' preċiżjoni, sistemi diġitali ta' ġestjoni tal-ilma u soluzzjonijiet innovattivi oħra li jżidu d-disponibbiltà tal-ilma ħelu għall-agrikoltura bil-ħsieb li jinżammu l-produttività agrikola, il-kompetittività u s-sigurtà tal-ikel fit-tul tal-Unjoni***;

Or. en

Emenda 301
Carmen Crespo Díaz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jitlob li ***jsiru investimenti fit-tisqija, fil-ħżin tal-ilma, fit-titjib*** tal-effiċjenza idrika u ***fil-miżuri*** ta' adattament għall-klima;	13. Jitlob li ***tingħata spinta lill-investimenti fl-infrastruttura idrika għat-tisqija, il-ħżin tal-ilma, it-titjib*** tal-effiċjenza idrika u ***l-miżuri*** ta' adattament għall-klima***, billi huma strateġiċi f'kuntest ta' perjodi dejjem itwal ta' nixfa, speċjalment fin-Nofsinhar tal-Ewropa, u billi jiżguraw il-finanzjament tagħhom permezz tal-Pjan Ewropew futur għall-Infrastruttura tal-Ilma, kif ukoll permezz ta' strumenti u fondi oħra tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali***;

Or. es

Emenda 302
Sakis Arnaoutoglou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jitlob li jsiru investimenti fit-tisqija, fil-ħżin tal-ilma, fit-titjib tal-effiċjenza idrika u fil-miżuri ta' adattament għall-klima;	13. Jitlob li jsiru investimenti fit-tisqija, fil-ħżin tal-ilma, fit-titjib tal-effiċjenza idrika***, fil-modernizzazzjoni tan-networks eżistenti, fit-tnaqqis tat-tnixxijiet*** u fil-miżuri ta' adattament għall-klima***, speċjalment fiż-żoni tal-Mediterran, tal-gżejjer, tal-muntanji u li huma vulnerabbli fejn għandu x'jaqsam mal-ilma***;

Or. el

Emenda 303
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jitlob li jsiru investimenti ***fit-tisqija***, fil-ħżin tal-ilma, fit-titjib tal-effiċjenza idrika u fil-miżuri ta' adattament għall-klima;	13. Jitlob li jsiru investimenti ***fl-iżvilupp u l-modernizzazzjoni tal-infrastruttura tat-tisqija***, fil-ħżin tal-ilma, ***fl-użu mill-ġdid ċirkolari fl-agrikoltura tal-ilma ttrattat u*** fit-titjib tal-effiċjenza idrika u fil-miżuri ta' adattament għall-klima;

Or. ro

Emenda 304
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. ***Jitlob li jsiru investimenti fit-tisqija***, fil-ħżin tal-ilma, fit-titjib tal-effiċjenza idrika u fil-miżuri ta' adattament għall-klima;	13. ***Jappella għal pilastru delimitat għall-investimenti fl-iżvilupp rurali bħal fl-infrastruttura tat-tisqija sekondarja***, fil-ħżin tal-ilma, fit-titjib tal-effiċjenza idrika u fil-miżuri ta' adattament għall-klima;

Or. en

Emenda 305
Marko Vešligaj, Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jitlob li jsiru investimenti fit-tisqija, fil-ħżin tal-ilma, fit-titjib tal-effiċjenza idrika u fil-miżuri ta' adattament għall-klima;	13. Jitlob li jsiru investimenti fit-tisqija, fil-ħżin tal-ilma, fit-titjib tal-effiċjenza idrika u fil-miżuri ta' adattament għall-klima***, b'mod partikolari fis-setturi vulnerabbli***;

Or. en

Emenda 306
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Raffaele Stancanelli, Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jitlob li jsiru investimenti ***fit-tisqija, fil-ħżin tal-ilma, fit-titjib tal-effiċjenza idrika u fil-miżuri ta' adattament għall-klima;***	13. Jitlob li jsiru investimenti ***fl-infrastruttura tal-ilma, fil-ġibjuni, fid-digi agrikoli, fit-tisqija u fil-modernizzazzjoni tan-network biex tiġi żgurata sovranità sostenibbli tal-ikel.***

Or. fr

Emenda 307
David Cormand
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jitlob li jsiru investimenti fit-tisqija, fil-ħżin tal-ilma, fit-titjib tal-effiċjenza idrika u fil-miżuri ta' adattament għall-klima;	13. Jitlob li jsiru investimenti fit-tisqija, fil-ħżin ***sostenibbli*** tal-ilma, fit-titjib tal-effiċjenza idrika u fil-miżuri ta' adattament għall-klima;

Or. en

Emenda 308
Arash Saeidi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jitlob li jsiru investimenti fit-tisqija***,*** ***fil-ħżin tal-ilma***, fit-titjib tal-effiċjenza idrika u fil-miżuri ta' adattament għall-klima;	13. Jitlob li jsiru investimenti fit-tisqija, fit-titjib tal-effiċjenza idrika u fil-miżuri ta' adattament għall-klima;

Or. en

Emenda 309
Carmen Crespo Díaz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta Pjan Ewropew għall-Infrastruttura tal-Ilma mmirat lejn it-tisħiħ tal-kompetittività tal-ilma tal-UE, permezz ta' investimenti strateġiċi fil-ħżin, it-trasport, l-użu mill-ġdid, id-desalinizzazzjoni, id-diġitalizzazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-infrastruttura tal-ilma; jemmen li pjan bħal dan għandu jgħin biex jiżgura s-sigurtà tal-ilma, isaħħaħ l-adattament għat-tibdil fil-klima, jipprevjeni u jtaffi l-effetti tan-nixfiet u l-għargħar u jappoġġja l-kompetittività ta' setturi strateġiċi bħall-agrikoltura, l-industrija u l-produzzjoni tal-enerġija;

Or. es

Emenda 310
Jessika van Leeuwen, Waldemar Buda, Claudiu-Richard Târziu, Céline Imart

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiffaċilitaw l-istabbiliment transfruntier ta' bdiewa żgħażagħ u parteċipanti ġodda billi jneħħu l-ostakli amministrattivi u jtejbu l-aċċess għall-art, il-finanzi, is-servizzi konsultattivi u l-informazzjoni fi Stati Membri oħra; iħeġġeġ l-iżvilupp ta' mekkaniżmi ta' appoġġ volontarju, inklużi l-assistenza lingwistika, it-taħriġ, il-mentoraġġ u servizzi ta' konsulenza ddedikati, li jippermettu lill-bdiewa żgħażagħ

jistabbilixxu negozji agrikoli vijabbli fejn l-opportunitajiet ikunu disponibbli fl-Unjoni;

Or. en

Emenda 311
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a Jisħaq fuq l-importanza tal-irkupru tal-effluwenti tal-bhejjem għall-produzzjoni tal-bijometan u tad-diġestat, filwaqt li jitqies il-potenzjal enormi mhux sfruttat li dan joffri; jisħaq li l-isfruttar ta' dawk ir-riżorsi jista' joħloq sors addizzjonali ta' introjtu għall-bdiewa, jippromwovi ġestjoni aktar sostenibbli tal-iskart tal-bhejjem, inaqqas l-użu ta' fertilizzanti bbażati fuq il-fossili u jikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-dipendenza enerġetika tal-UE;

Or. pt

Emenda 312
Luis-Vicențiu Lazarus

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi programm Ewropew ħafna aktar iddedikat għall-iżvilupp u l-modernizzazzjoni tal-infrastruttura tal-irrigazzjoni, il-ħżin tal-ilma u s-sistemi tat-trasferiment tal-ilma, filwaqt li tirrikonoxxi s-sigurtà tal-ilma bħala prijorità strateġika għall-agrikoltura u s-sigurtà tal-ikel Ewropej;

Or. ro

Emenda 313
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13b. Jemmen li l-komplementarjetà bejn il-produzzjoni tal-annimali u tal-pjanti hija strateġika fil-promozzjoni ta' sistemi tal-biedja aktar integrati, ċirkolari u reżiljenti; jirrakkomanda t-tisħiħ tal-produzzjoni domestika tal-proteini mhux raffinati fl-Unjoni Ewropea, li bħalissa tkopri biss madwar 75 % tal-ħtiġijiet tal-Unjoni, bl-għan li titnaqqas id-dipendenza esterna, tissaħħaħ l-awtonomija strateġika tas-settur agroalimentari u tiżdied is-sostenibbiltà tal-agrikoltura Ewropea;

Or. pt

Emenda 314
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13c. Jenfasizza l-potenzjal għoli tal-għelejjel intermedji biex itejbu l-fertilità u l-kwalità tal-ħamrija, inkluż permezz tal-iffissar tan-nitroġenu, kif ukoll għall-produzzjoni tal-għalf u tal-materja prima għall-produzzjoni sostenibbli tal-bijofjuwils; jisħaq fuq ir-rwol li għandhom fit-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fertilizzanti minerali u l-għalf importat, fid-diversifikazzjoni tas-sorsi ta' introjtu tal-bdiewa u fit-titjib tal-awtonomija agrikola u enerġetika tal-Unjoni

Ewropea;

Or. pt

Emenda 315
Christine Singer, Jérémy Decerle, Benoit Cassart, Charles Goerens, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq li s-sostenibbiltà ambjentali u l-bijodiversità huma kundizzjonijiet preliminari għar-reżiljenza u jitlob li jingħata iżjed appoġġ għall-inċentivi favur il-prattiki sostenibbli u agroekoloġiċi;	14. Jisħaq li s-sostenibbiltà ambjentali u l-bijodiversità huma kundizzjonijiet preliminari għar-reżiljenza u jitlob li jingħata iżjed appoġġ għall-inċentivi favur il-prattiki sostenibbli u agroekoloġiċi; ***jissottolinja li l-miżuri ambjentali jridu jkunu proporzjonati, ekonomikament vijabbli u fattibbli fil-prattika, u li l-bdiewa jeħtiġilhom jiġu rikonoxxuti u remunerati għall-beni pubbliċi li jipprovdu;***

Or. en

Emenda 316
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq li ***s-sostenibbiltà*** ambjentali ***u l-bijodiversità huma kundizzjonijiet preliminari għar-reżiljenza u*** jitlob li ***jingħata iżjed*** appoġġ ***għall-inċentivi favur il-prattiki*** sostenibbli u agroekoloġiċi;	14. Jisħaq li ***l-vijabbiltà ekonomika u l-produttività huma l-pedamenti tar-reżiljenza, li mingħajrhom is-sostenibbiltà*** ambjentali ***ma tistax tinkiseb;*** jitlob li ***jingħataw aktar*** appoġġ ***u inċentivi finanzjarji biex jgħinu lill-bdiewa jadottaw prattiki*** sostenibbli u agroekoloġiċi ***b'mod volontarju, orjentati lejn is-suq u li jipproteġi r-rendimenti u l-kompetittività tagħhom***;

Or. en

Emenda 317
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq li s-sostenibbiltà ambjentali u l-bijodiversità huma kundizzjonijiet preliminari għar-reżiljenza u jitlob li jingħata iżjed appoġġ għall-inċentivi favur il-prattiki sostenibbli u agroekoloġiċi;	14. Jisħaq li s-sostenibbiltà ambjentali u l-bijodiversità huma kundizzjonijiet preliminari għar-reżiljenza u jitlob li jingħata iżjed appoġġ għall-inċentivi favur il-prattiki sostenibbli u agroekoloġiċi***, b'enfasi speċjali fuq prattiki li jgħinu ż-żieda tal-fertilità tal-ħamrija u l-kapaċità ta' sekwestru tal-karbonju fil-ħamrija***;

Or. ro

Emenda 318
Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. ***Jisħaq li s-sostenibbiltà*** ambjentali u ***l-bijodiversità huma kundizzjonijiet preliminari għar-reżiljenza u jitlob li jingħata iżjed appoġġ għall-inċentivi favur il-prattiki sostenibbli u agroekoloġiċi***;	14. ***Jitlob li l-miżuri*** ambjentali u ***klimatiċi kollha jkunu bbażati fuq inċentivi volontarji, newtralità teknoloġika u valutazzjonijiet tal-impatt, mingħajr ma jiġu introdotti obbligi addizzjonali li jnaqqsu l-kompetittività tal-agrikoltura Ewropea; Jisħaq li l-vijabbiltà ekonomika hija prekundizzjoni għal kwalunkwe tranżizzjoni ekoloġika***;

Or. ro

Emenda 319
Waldemar Buda, Claudiu-Richard Târziu, Bert-Jan Ruissen, Georgiana Teodorescu, Jessika van Leeuwen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. ***Jisħaq li s-sostenibbiltà ambjentali u l-bijodiversità huma kundizzjonijiet preliminari għar-reżiljenza u*** jitlob li jingħata iżjed appoġġ għall-inċentivi favur il-prattiki sostenibbli u agroekoloġiċi;	14. Jitlob li jingħata iżjed appoġġ għall-inċentivi favur il-prattiki sostenibbli u agroekoloġiċi; ***jisħaq li l-miżuri ambjentali jridu jibqgħu konsistenti mal-prinċipju tal-vijabbiltà ekonomika tal-azjendi agrikoli u ma jridux iwasslu għal deterjorament fil-kompetittività tagħhom;***

Or. en

Emenda 320
Marko Vešligaj, Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq li s-sostenibbiltà ambjentali u l-bijodiversità huma kundizzjonijiet preliminari għar-reżiljenza u jitlob li jingħata iżjed appoġġ għall-inċentivi favur il-prattiki sostenibbli u agroekoloġiċi;	14. Jisħaq li s-sostenibbiltà ambjentali u l-bijodiversità huma kundizzjonijiet preliminari għar-reżiljenza u jitlob li jingħata iżjed appoġġ għall-inċentivi favur il-prattiki sostenibbli u agroekoloġiċi ***permezz ta' inċentivi finanzjarji mmirati u aċċessibbli***;

Or. en

Emenda 321
Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq li s-sostenibbiltà ambjentali u l-bijodiversità huma kundizzjonijiet preliminari għar-reżiljenza u jitlob li jingħata iżjed appoġġ għall-inċentivi favur il-prattiki sostenibbli u agroekoloġiċi;	14. Jisħaq li s-sostenibbiltà ambjentali u l-bijodiversità ***kif ukoll l-istandards għolja tat-trattament xieraq tal-annimali fil-biedja*** huma kundizzjonijiet preliminari għar-reżiljenza u jitlob li jingħata iżjed appoġġ għall-inċentivi favur il-prattiki

sostenibbli u agroekoloġiċi;

Or. en

Emenda 322
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Raffaele Stancanelli, Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq li s-sostenibbiltà ambjentali u l-bijodiversità ***huma kundizzjonijiet preliminari għar-reżiljenza u jitlob li jingħata iżjed appoġġ għall-inċentivi favur il-prattiki sostenibbli u agroekoloġiċi;***	14. Jisħaq li s-sostenibbiltà ambjentali u l-bijodiversità ***jridu jiġu mħeġġa sakemm ma jaġixxux bħala ostakli għall-produzzjoni u l-kompetittività agrikola.***

Or. fr

Emenda 323
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jisħaq li s-sostenibbiltà ambjentali ***u l-bijodiversità*** huma kundizzjonijiet preliminari għar-reżiljenza u jitlob li jingħata iżjed appoġġ għall-inċentivi favur il-prattiki ***sostenibbli u agroekoloġiċi***;	14. Jisħaq li s-sostenibbiltà ***soċjali, ekonomika, territorjali u*** ambjentali huma kundizzjonijiet preliminari għar-reżiljenza u jitlob li jingħata iżjed appoġġ għall-inċentivi favur il-prattiki ***integrati***;

Or. pt

Emenda 324
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jisħaq li ċ-ċertezza legali u proċeduri prevedibbli għall-ħruġ tal-permessi huma essenzjali għall-kompetittività u r-reżiljenza tal-agrikoltura tal-UE; jinnota li l-inċertezza regolatorja, ir-rekwiżiti ta' valutazzjoni sproporzjonati u l-konġestjonijiet fil-ħruġ tal-permessi jistgħu jidifferixxu jew jipprevjenu l-investimenti fl-innovazzjoni, fis-sostenibbiltà u fil-produzzjoni tal-ikel, inklużi l-investimenti li jnaqqsu l-pressjonijiet ambjentali; jilqa' t-test tal-istress li għaddej tad-Direttiva dwar il-Ħabitats u jistieden lill-Kummissjoni tagħti segwitu għas-sejbiet tiegħu b'inizjattiva leġiżlattiva orizzontali għal reviżjoni bil-ħsieb li jiġu indirizzati l-konġestjonijiet strutturali fl-implimentazzjoni tal-ħruġ tal-permessi, tittejjeb iċ-ċertezza legali, jiġu ffaċilitati l-investimenti li jwasslu għal titjib ambjentali u tiġi pprovduta aktar ċarezza għall-valutazzjoni tal-modifiki għall-attivitajiet legali eżistenti;

Or. en

Emenda 325
Willemien Koning

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jisħaq li ċ-ċertezza legali u l-proċeduri prevedibbli għall-ħruġ tal-permessi huma essenzjali għall-kompetittività u r-reżiljenza tal-agrikoltura tal-UE; jinnota li l-inċertezza regolatorja, ir-rekwiżiti ta' valutazzjoni sproporzjonati u l-konġestjonijiet fil-ħruġ tal-permessi jistgħu jiddiferixxu jew jipprevjenu l-investimenti fl-innovazzjoni, fis-sostenibbiltà u fil-produzzjoni tal-ikel, inklużi l-investimenti li jnaqqsu l-

pressjonijiet ambjentali; jilqa' t-test tal-istress li għaddej tad-Direttiva dwar il-Ħabitats u jistieden lill-Kummissjoni tagħti segwitu għas-sejbiet tiegħu b'inizjattiva leġiżlattiva orizzontali bil-ħsieb li jiġu indirizzati l-konġestjonijiet strutturali fl-implimentazzjoni tal-ħruġ tal-permessi, tittejjeb iċ-ċertezza legali, jiġu ffaċilitati l-investimenti li jwasslu għal titjib ambjentali u tiġi pprovduta aktar ċarezza għall-valutazzjoni tal-modifiki għall-attivitajiet legali eżistenti;

Or. en

Emenda 326
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jirrimarka li l-konċentrazzjoni għolja ta' karnivori kbar għandha impatt dirett fuq il-vijabbiltà soċjoekonomika tal-komunitajiet rurali, b'mod partikolari fir-reġjuni muntanjużi, billi taffettwa t-trobbija tal-bhejjem, it-turiżmu lokali u s-sikurezza ġenerali tar-residenti rurali; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta kontinwament u, fejn ikun xjentifikament ġustifikat, taġġorna l-istatus ta' konservazzjoni u protezzjoni tal-ors kannella fl-ambitu tal-oqfsa rilevanti tal-UE biex tippermetti ġestjoni aktar flessibbli u reġjonalizzata tal-kunflitti bejn il-bniedem u l-organiżmi selvaġġi; jinnota bi tħassib li l-istudju reċenti bbażat fuq id-DNA dwar il-popolazzjoni tal-ors kannella fir-Rumanija, iffinanzjat mill-Kummissjoni Ewropea, stima li l-popolazzjoni hija bejn 10 419 u 12 770 individwu, li tirrappreżenta sehem sinifikanti tal-popolazzjoni totali Ewropea;

Or. en

Emenda 327
Arash Saeidi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jenfasizza li t-tiġdid ġenerazzjonali jippreżenta opportunità storika biex tinbeda t-tranżizzjoni lejn mudelli agrikoli aktar sostenibbli, u li l-ġenerazzjonijiet ġodda tal-bdiewa jeħtiġilhom li ma jibqgħux limitati għal prattiki li jiddegradaw il-ħamrija, inaqqsu l-bijodiversità u jipperikolaw is-saħħa tal-bdiewa futuri nfushom; jitlob li l-appoġġ għall-konverżjoni għall-biedja organika jsir enfasi ċentrali tal-politiki dwar l-istabbiliment ta' negozji agrikoli u l-promozzjoni ta' prattiki agroekoloġiċi, u li jingħata appoġġ għad-diversifikazzjoni, għall-ktajjen tal-provvista qosra u għas-sovranità tal-ikel lokali;

Or. en

Emenda 328
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jappella għal miżuri ta' appoġġ iddedikati għar-reġjuni tal-Lvant fil-fruntiera mar-Russja, il-Belarussja u l-Ukrajna biex jindirizzaw l-isfidi speċifiċi tagħhom, b'mod partikolari biex isaħħu l-infrastruttura, jagħtu spinta lir-reżiljenza ekonomika, irawmu l-iżvilupp tal-ħiliet, jappoġġjaw l-impjiegi u l-inklużjoni soċjali, jiżguraw biedja sostenibbli u jtejbu t-tħejjija u r-rispons għall-kriżijiet;

Or. ro

Emenda 329
Marko Vešligaj, Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jitlob li jitwettqu riċerka u innovazzjoni msaħħa ffukati fuq soluzzjonijiet prattiċi fil-livell tal-azjendi agrikoli u biex jiġi żgurat li l-politiki ta' innovazzjoni jibqgħu aċċessibbli għal azjendi agrikoli iżgħar permezz ta' servizzi konsultattivi, proġetti pilota u inizjattivi ta' dimostrazzjoni;

Or. en

Emenda 330
Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jitlob li jingħata rikonoxximent u ħlas xierqa għall-beni pubbliċi ambjentali pprovduti mill-bdiewa;

Or. en

Emenda 331
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 2 a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Reġjuni ultraperiferiċi

Or. pt

Emenda 332
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. Jirrikonoxxi li s-sitwazzjoni soċjali u ekonomika tar-reġjuni ultraperiferiċi, kif stabbilita fl-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, hija aggravata mid-distanza estrema, l-insularità, id-daqs żgħir, it-topografija u l-klima diffiċli tagħhom u d-dipendenza ekonomika tagħhom fuq ftit prodotti, u n-natura permanenti u multipla ta' dawk il-fatturi trażżan serjament l-iżvilupp tar-reġjuni ultraperiferiċi, u, fid-dawl ta' dan, għandhom jiġu adottati miżuri speċifiċi biex jiġu stabbiliti, b'mod partikolari, il-kundizzjonijiet tal-applikazzjoni tat-Trattati għal dawk ir-reġjuni, inklużi politiki komuni.

Or. pt

Emenda 333
Arash Saeidi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14b. Iqis li politika agrikola mmirata lejn it-tiġdid ġenerazzjonali ma tistax tkun limitata għall-espansjoni tal-azjendi agrikoli u l-kompetittività tal-esportazzjoni; iwissi li dan il-mudell, ibbażat fuq il-konċentrazzjoni u d-dipendenza fuq l-inputs kimiċi, ma jwassal imkien mil-lat ekonomiku,

ekoloġiku u uman;

Or. en

Emenda 334
Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14b. Jirrimarka li l-kuntratti għall-prodotti agrikoli għandhom isaħħu l-pożizzjoni tal-bdiewa billi jipprevedu prezzijiet li jirriflettu l-kost tal-produzzjoni sostenibbli u jiżguraw il-vijabbiltà fit-tul tal-azjendi agrikoli;

Or. en

Emenda 335
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14b. Jitlob li l-interventi agrikoli taħt l-ewwel pilastru tal-PAK jiġu implimentati skont ir-Regolament (UE) Nru 228/2013 (ir-Regolament POSEI) u, peress li l-allokazzjonijiet finanzjarji previsti f'dak ir-regolament baqgħu l-istess mill-2007, minkejja ż-żidiet sinifikanti u kumulattivi fil-kostijiet tal-produzzjoni agrikola fir-reġjuni ultraperiferiċi u l-inflazzjoni, li l-allokazzjonijiet baġitarji għall-POSEI jiġu stabbiliti għal EUR 7.33 biljun;

Or. pt

Emenda 336

Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14c. Jappella għall-ħolqien, skont l-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ta' programm speċifiku ta' għażliet imsejjaħ "Trasport POSEI" biex jindirizza d-distanza, l-insularità u restrizzjonijiet strutturali oħra tar-reġjuni ultraperiferiċi fis-settur tat-trasport, bil-baġit xieraq tiegħu stess, biex jikkumpensa għall-kostijiet addizzjonali mġarrba mit-trasport tal-persuni u tal-merkanzija, isaħħaħ il-konnettività interna u esterna ta' dawn ir-reġjuni u jipprovdi kundizzjonijiet ta' mobbiltà, aċċessibbiltà u kompetittività komparabbli ma' dawk fil-bqija tal-Unjoni;

Or. pt

Emenda 337
Marko Vešligaj, André Franqueira Rodrigues, Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Kummissjoni ***ssaħħaħ*** il-pożizzjoni tal-bdiewa ***fil-ktajjeb*** tal-provvista ***tal-ikel***;	15. Jistieden lill-Kummissjoni ***tibbilanċja mill-ġdid is-setgħa ta' negozjar fil-katina tal-provvista tal-ikel biex issaħħaħ*** il-pożizzjoni tal-bdiewa***, speċjalment tal-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju u tipprovdi appoġġ addizzjonali għas-sistemi tal-ikel lokali u l-ktajjen*** tal-provvista ***qosra, inkluż permezz ta' reviżjoni tad-Direttiva dwar prattiki kummerċjali inġusti, infurzar imsaħħaħ u miżuri li jipprojbixxu prattiki bħall-bejgħ taħt il-livell tal-kost u t-tikkettar qarrieqi***;

Or. en

Emenda 338
Christine Singer, Jérémy Decerle, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa ***fil-ktajjeb*** tal-provvista tal-ikel;	15. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa ***fil-ktajjen tal-provvista tal-ikel billi ttejjeb l-infurzar tar-regoli kontra prattiki kummerċjali inġusti, iżżid it-trasparenza u tgħin lill-bdiewa jiksbu pożizzjoni ta' negozjar aktar b'saħħitha u sehem aktar ġust tal-valur maħluq fil-katina*** tal-provvista tal-ikel;

Or. en

Emenda 339
Maria Grapini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa ***fil-ktajjeb*** tal-provvista tal-ikel;	15. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-pożizzjoni tal-bdiewa ***fil-ktajjen*** tal-provvista tal-ikel ***permezz tal-allokazzjoni ta' baġits ta' investiment***;

Or. ro

Emenda 340
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

15a. Jiddeplora l-fatt li f'xi Stati Membri l-bdiewa huma soġġetti għal kundizzjonalitajiet u rekwiżiti amministrattivi addizzjonali li jmorru lil hinn mill-obbligi stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, li jwasslu għal żieda mhux ġustifikata fil-piż burokratiku; jistieden, għalhekk, lil dawk l-Istati Membri jeliminaw, kemm jista' jkun, il-burokrazija bla bżonn u l-piżijiet amministrattivi eċċessivi fuq il-bdiewa;

Or. ro

Emenda 341
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***15a. Jisħaq li l-kompetittività u l-attraenza tas-settur agrikolu jiddependu minn qafas regolatorju stabbli, koerenti u prevedibbli u li l-bdiewa żgħażagħ u l-bdiewa ġodda spiss qed jiltaqgħu mas-sistemi amministrattivi u ta' konformità kumplessi tal-PAK għall-ewwel darba;**

Or. pt

Emenda 342
Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***15a. Jitlob li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ittestjar tal-volum u tal-kwalità tal-ħalib użati biex jiġu ddeterminati l-pagamenti lir-raħħala tal-prodotti tal-ħalib ikunu soġġetti għal verifika indipendenti; jitlob li r-raħħala**

tal-prodotti tal-ħalib għandu jkollhom id-dritt li jitolbu validazzjoni indipendenti meta l-preċiżjoni tar-riżultati tat-testijiet relatati mal-ħlas tiġi kkontestata;

Or. en

Emenda 343
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. jirrikonoxxi r-rwol fundamentali tal-Organizzazzjonijiet u tal-Kooperattivi tal-Produtturi fit-tisħiħ tas-setgħa ta' negozjar tal-bdiewa, filwaqt li jiġu evitati obbligi amministrattivi ġodda li jistgħu jpoġġu piż fuq l-azjendi agrikoli;

Or. it

Emenda 344
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15b. Jisħaq fuq l-importanza li tiġi rikonoxxuta u appoġġjata t-trażmissjoni interġenerazzjonali tal-azjendi agrikoli, filwaqt li jiġi żgurat li l-mekkaniżmi ta' appoġġ għall-istabbiliment ta' bdiewa żgħażagħ jagħtu valur adegwat lis-suċċessjoni tal-familja, peress li l-kontinwità tal-attività agrikola bejn il-ġenerazzjonijiet hija wieħed mill-fatturi ewlenin fit-tiġdid ġenerazzjonali, il-preservazzjoni tal-għarfien tekniku akkumulat u ż-żamma tal-attività produttiva fit-territorji rurali;

Or. pt

Emenda 345
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15c. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jeżaminaw il-possibbiltà li jistabbilixxu skema ta' rtirar bikri għall-bdiewa, ffinanzjata mill-UE, sabiex l-azjendi agrikoli jkunu jistgħu jgħaddu minn ġenerazzjoni għall-oħra; iqis li tali miżura għandha tipprovdi sigurtà finanzjarja għall-bdiewa li jkunu qed joqorbu lejn tmiem il-karrieri tagħhom, tippromwovi t-trasferiment rapidu tal-azjendi agrikoli lill-bdiewa żgħażagħ u tgħin biex jitħaffef it-tiġdid ġenerazzjonali, filwaqt li tagħmel l-azjendi agrikoli fiż-żoni rurali aktar kompetittivi u ttejjeb il-kontinwità tagħhom;

Or. pt

Emenda 346
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jitlob li jissaħħaħ il-monitoraġġ tas-suq, titjieb it-traċċabbiltà fis-setturi sensittivi u tiżdied it-trasparenza fil-formazzjoni tal-prezzijiet, filwaqt li jiġu evitati piżijiet sproporzjonati fuq il-produtturi iżgħar;	16. Jitlob li jissaħħaħ il-monitoraġġ tas-suq, titjieb it-traċċabbiltà fis-setturi sensittivi u tiżdied it-trasparenza fil-formazzjoni tal-prezzijiet, filwaqt li jiġu evitati piżijiet sproporzjonati fuq il-produtturi iżgħar; ***jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq ir-rwol strateġiku tas-swieq agroalimentari bl-ingrossa bħala infrastruttura essenzjali biex tittejjeb it-***

trasparenza fil-formazzjoni tal-prezzijiet, tissaħħaħ it-traċċabbiltà tal-prodotti, tiġi ffaċilitata l-aggregazzjoni tal-provvista u tiġi żgurata distribuzzjoni ġusta tal-valur tul il-katina agroalimentari;

Or. it

Emenda 347
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Raffaele Stancanelli, Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jitlob li jissaħħaħ il-monitoraġġ tas-suq, titjieb it-traċċabbiltà fis-setturi sensittivi u tiżdied it-trasparenza fil-formazzjoni tal-prezzijiet, filwaqt li jiġu evitati piżijiet sproporzjonati fuq il-produtturi iżgħar;	16. Jitlob li jissaħħaħ il-monitoraġġ tas-suq, titjieb it-traċċabbiltà fis-setturi sensittivi u tiżdied it-trasparenza fil-formazzjoni tal-prezzijiet, filwaqt li jiġu evitati piżijiet sproporzjonati fuq il-produtturi iżgħar; ***jitlob ukoll li jissaħħu l-kontrolli doganali fuq l-importazzjonijiet agrikoli sabiex jiġu miġġielda l-frodi, iċ-ċirkomvenzjoni tal-istandards Ewropej u l-importazzjonijiet ta' prodotti li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti imposti fuq il-produtturi Ewropej.***

Or. fr

Emenda 348
Katarína Roth Neveďalová, Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jitlob li jissaħħaħ il-monitoraġġ tas-suq, titjieb it-traċċabbiltà fis-setturi sensittivi u tiżdied it-trasparenza fil-formazzjoni tal-prezzijiet, filwaqt li ***jiġu evitati*** piżijiet sproporzjonati ***fuq il-produtturi iżgħar***;	16. Jitlob li jissaħħaħ il-monitoraġġ tas-suq, titjieb it-traċċabbiltà fis-setturi sensittivi u tiżdied it-trasparenza fil-formazzjoni tal-prezzijiet, filwaqt li ***jiġi żgurat li obbligi ġodda ta' rapportar ma joħolqux*** piżijiet ***amministrattivi*** sproporzjonati ***għall-bdiewa u li s-sistemi***

ta' rapportar diġitali jibqgħu sempliċi u interoperabbli;

Or. en

Emenda 349
Christine Singer, Jérémy Decerle, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jitlob li jissaħħaħ il-monitoraġġ tas-suq, titjieb it-traċċabbiltà fis-setturi sensittivi u tiżdied it-trasparenza fil-formazzjoni tal-prezzijiet, filwaqt li jiġu evitati ***piżijiet sproporzjonati fuq il-produtturi iżgħar***;	16. Jitlob li jissaħħaħ il-monitoraġġ tas-suq, titjieb it-traċċabbiltà fis-setturi sensittivi u tiżdied it-trasparenza fil-formazzjoni tal-prezzijiet, filwaqt li ***jsir użu sħiħ mid-data u s-sistemi diġitali eżistenti u*** jiġu evitati ***rekwiżiti ġodda ta' rapportar u duplikazzjoni tal-ġbir tad-data għall-bdiewa u l-operaturi***;

Or. en

Emenda 350
Maria Grapini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jitlob li jissaħħaħ il-monitoraġġ tas-suq, titjieb it-traċċabbiltà fis-setturi sensittivi u tiżdied it-trasparenza fil-formazzjoni tal-prezzijiet, filwaqt li jiġu evitati piżijiet sproporzjonati fuq il-produtturi iżgħar;	16. Jitlob li jissaħħaħ il-monitoraġġ tas-suq, titjieb it-traċċabbiltà fis-setturi sensittivi u tiżdied it-trasparenza fil-formazzjoni tal-prezzijiet, filwaqt li jiġu evitati piżijiet sproporzjonati fuq il-produtturi iżgħar***, biex titnehħa l-possibbiltà ta' bejgħ taħt il-prezz***;

Or. ro

Emenda 351
Sakis Arnaoutoglou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16 – punt 1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(1) Jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi u ssaħħaħ il-qafas tal-UE dwar prattiki kummerċjali inġusti sabiex tipprojbixxi x-xiri ta' prodotti agrikoli bi prezz aktar baxx mill-ispejjeż ta' produzzjoni sostenibbli kkalkulati b'mod oġġettiv u trasparenti; jitlob kuntratti bil-miktub obbligatorji, b'durata u kwantità ċari, klawżoli oġġettivi ta' reviżjoni tal-prezzijiet u pagament ta' prodotti li jitħassru fi żmien 30 jum; jitlob il-protezzjoni tal-kunfidenzjalità tal-ilmenti, infurzar transfruntier effettiv u sanzjonijiet proporzjonati mal-fatturat tal-awtur tal-ksur; jappella għall-ħolqien ta' osservatorji settorjali tal-prezzijiet, il-marġnijiet u l-ispejjeż tal-produzzjoni b'data fil-livell nazzjonali u reġjonali, mingħajr piżijiet amministrattivi addizzjonali għall-produtturi ż-żgħar.

Or. el

Emenda 352
Piotr Müller, Waldemar Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jappella għal tisħiħ sostanzjali tal-politiki ta' promozzjoni tal-UE u dawk nazzjonali għall-prodotti agroalimentari, inkluż il-baġit ta' promozzjoni, u għal tikkettar obbligatorju u ċar tal-oriġini tal-ikel u l-ingredjenti ewlenin tiegħu, sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jagħżlu b'mod konxju l-prodotti Ewropej u lokali u l-bdiewa jkunu jistgħu jerġgħu jiksbu l-valur miżjud tagħhom;

Or. pl

Emenda 353
Luis-Vicențiu Lazarus

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tipproponi miżuri b'saħħithom biex tiggarantixxi lill-bdiewa prezzijiet li jkopru l-ispejjeż medji tal-produzzjoni sostenibbli u ssaħħaħ il-qafas legali kontra prattiki kummerċjali inġusti, b'mod partikolari xiri sistematiku bi prezzijiet aktar baxxi mill-ispejjeż tal-produzzjoni.

Or. ro

Emenda 354
David Cormand
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jisħaq li l-livell inkwetanti ta' konċentrazzjoni fis-setturi tal-ipproċessar u l-bejgħ bl-imnut tal-ikel, b'mod partikolari fil-ktajjen tal-valur tal-laħam u tal-prodotti tal-ħalib, jikkontribwixxi għall-prekarjetà tal-bdiewa; jistieden lill-Kummissjoni timplimenta b'mod strett il-leġiżlazzjoni dwar l-antitrust f'dawn is-setturi, billi tuża l-għodod kollha għad-dispożizzjoni tagħha;

Or. en

Emenda 355
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Iheġġeġ lill-Istati Membri jabolixxu kwalunkwe forma ta' tassazzjoni jew tassazzjoni tas-sussidji tal-PAK lill-bdiewa;

Or. ro

Emenda 356
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jitlob li jissaħħaħ l-appoġġ għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi, għall-kooperattivi u għall-forom l-oħra ta' azzjoni kollettiva;	17. Jitlob li jissaħħaħ l-appoġġ għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi, għall-kooperattivi u għall-forom l-oħra ta' azzjoni kollettiva***, sabiex tittejjeb is-setgħa ta' negozjar tal-bdiewa tul il-katina tal-provvista u tiġi ggarantita remunerazzjoni aktar ġusta***;

Or. it

Emenda 357
Marko Vešligaj, André Franqueira Rodrigues, Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jitlob li jissaħħaħ l-appoġġ għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi, għall-kooperattivi u għall-forom l-oħra ta' azzjoni kollettiva;	17. Jitlob li jissaħħaħ l-appoġġ għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi, għall-kooperattivi u għall-forom l-oħra ta' azzjoni kollettiva ***sabiex tittejjeb is-setgħa tan-negozjar, jiġi ffaċilitat l-aċċess għas-***

suq, titrawwem l-innovazzjoni u jinżamm il-valur miżjud fiż-żoni rurali;

Or. en

Emenda 358
Maria Grapini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jitlob li jissaħħaħ l-appoġġ għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi, għall-kooperattivi u għall-forom l-oħra ta' azzjoni kollettiva***;**	17. Jitlob li jissaħħaħ l-appoġġ għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi, għall-kooperattivi u għall-forom l-oħra ta' azzjoni kollettiva***, biex jitħeġġu l-assoċjazzjoni u l-forom ta' azzjoni kollettiva.***

Or. ro

Emenda 359
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu żviluppati strumenti finanzjarji speċifiċi bħal garanziji tal-gvern, linji ta' kreditu sussidjati, arranġamenti ta' kondiviżjoni tar-riskju u termini ta' finanzjament imfassla għaċ-ċikli tal-produzzjoni agrikola sabiex jitnaqqsu l-ostakli għad-dħul, jiġi ffaċilitat it-tiġdid ġenerazzjonali u l-azjendi agrikoli jsiru aktar ekonomikament vijabbli;

Or. pt

Emenda 360

André Franqueira Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jisħaq fuq l-importanza ta' tranżizzjoni agrikola ekwa u inklużiva***, li tinkludi*** kundizzjonijiet ta' xogħol dinjitużi, kundizzjonalità soċjali msaħħa, pagi ġusti, ***drittijiet*** tal-ħaddiema ***kif ukoll*** aċċess għall-protezzjoni soċjali u għas-servizzi ta' għajnuna għall-azjendi agrikoli;	18. Jisħaq fuq l-importanza ta' tranżizzjoni agrikola ekwa u inklużiva ***bbażata fuq*** kundizzjonijiet ta' xogħol dinjitużi, kundizzjonalità soċjali ***implimentata bis-sħiħ u*** msaħħa ***progressivament***, pagi ġusti, ***trattament ugwali*** tal-ħaddiema ***staġjonali u migranti, protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali,*** aċċess ***effettiv*** għall-protezzjoni soċjali u għas-servizzi ta' għajnuna għall-azjendi agrikoli; ***jisħaq fuq il-ħtieġa li tittejjeb il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet agrikoli, tax-xogħol u tas-sigurtà soċjali, inkluż fil-ktajjen ta' sottokuntratti;***

Or. pt

Emenda 361
Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jisħaq fuq l-importanza ta' tranżizzjoni agrikola ***ekwa*** u inklużiva***,*** li tinkludi kundizzjonijiet ***ta' xogħol dinjitużi***, kundizzjonalità soċjali msaħħa, pagi ġusti, ***drittijiet*** tal-ħaddiema ***kif ukoll*** aċċess għall-protezzjoni soċjali u ***għas-servizzi ta' għajnuna għall-azjendi*** agrikoli;	18. Jisħaq fuq l-importanza ta' tranżizzjoni agrikola ***ġusta*** u inklużiva li tinkludi kundizzjonijiet ***tax-xogħol deċenti***, kundizzjonalità soċjali msaħħa, ***miżuri biex jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol mingħajr ma jiġu ġġenerati piżijiet amministrattivi addizzjonali jew spejjeż sproporzjonati għall-azjendi agrikoli tal-familja u l-SMEs,*** pagi ġusti, ***rispett għad-drittijiet*** tal-ħaddiema***, u*** aċċess għall-protezzjoni soċjali u ***servizzi ta' sostituzzjoni tal-azjendi*** agrikoli;

Or. ro

Emenda 362
Waldemar Buda, Claudiu-Richard Târziu, Bert-Jan Ruissen, Georgiana Teodorescu, Jessika van Leeuwen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jisħaq fuq l-importanza ta' tranżizzjoni agrikola ekwa u inklużiva, li tinkludi kundizzjonijiet ta' xogħol dinjitużi***, kundizzjonalità soċjali msaħħa***, pagi ġusti, drittijiet tal-ħaddiema kif ukoll aċċess għall-protezzjoni soċjali u għas-servizzi ta' għajnuna għall-azjendi agrikoli;	18. Jisħaq fuq l-importanza ta' tranżizzjoni agrikola ekwa u inklużiva, li tinkludi kundizzjonijiet ta' xogħol dinjitużi, pagi ġusti, drittijiet tal-ħaddiema kif ukoll aċċess għall-protezzjoni soċjali u għas-servizzi ta' għajnuna għall-azjendi agrikoli; ***jisħaq li t-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol irid jimxi id f'id maż-żamma tal-kompetittività u l-vijabbiltà ekonomika tal-azjendi agrikoli u ma jridx jirriżulta f'żieda sproporzjonata fil-kostijiet tal-produzzjoni;***

Or. en

Emenda 363
Christine Singer, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jisħaq fuq l-importanza ta' tranżizzjoni agrikola ekwa u inklużiva, li tinkludi kundizzjonijiet ta' xogħol dinjitużi***, kundizzjonalità soċjali msaħħa***, pagi ġusti, drittijiet tal-ħaddiema kif ukoll aċċess għall-protezzjoni soċjali u għas-servizzi ta' għajnuna għall-azjendi agrikoli;	18. Jisħaq fuq l-importanza ta' tranżizzjoni agrikola ekwa u inklużiva, li tinkludi kundizzjonijiet ta' xogħol dinjitużi, pagi ġusti, drittijiet tal-ħaddiema kif ukoll aċċess għall-protezzjoni soċjali u għas-servizzi ta' għajnuna għall-azjendi agrikoli; ***jisħaq li l-implimentazzjoni trid tkun proporzjonata u ma tridx toħloq inċertezza legali jew piżijiet amministrattivi eċċessivi għall-azjendi agrikoli tal-familja u għax-xogħol agrikolu staġjonali;***

Or. en

Emenda 364
Carmen Crespo Díaz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jisħaq ***fuq l-importanza ta' tranżizzjoni agrikola ekwa u inklużiva, li tinkludi*** kundizzjonijiet ta' ***xogħol dinjituż, kundizzjonalità soċjali msaħħa, pagi ġusti, drittijiet tal-ħaddiema kif ukoll*** aċċess għall-protezzjoni soċjali ***u għas-servizzi ta' għajnuna għall-azjendi*** agrikoli;	18. Jisħaq ***li l-leġiżlazzjoni tal-UE tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema, is-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali,*** kundizzjonijiet ta' ***impjieg adegwati u*** aċċess għall-protezzjoni soċjali ***għall-ħaddiema fis-setturi*** agrikoli ***u tal-bhejjem, filwaqt li tipprovdi qafas solidu li jikkontribwixxi għall-funzjonament xieraq tal-azjendi agrikoli u l-benesseri ta' dawk li jaħdmu fuqhom***;

Or. es

Emenda 365
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jisħaq fuq l-importanza ta' tranżizzjoni agrikola ekwa u inklużiva, li tinkludi kundizzjonijiet ta' xogħol dinjituż***, kundizzjonalità soċjali msaħħa***, pagi ġusti, drittijiet tal-ħaddiema kif ukoll aċċess għall-protezzjoni soċjali u għas-servizzi ta' għajnuna għall-azjendi agrikoli;	18. Jisħaq fuq l-importanza ta' tranżizzjoni agrikola ekwa u inklużiva, li tinkludi kundizzjonijiet ta' xogħol dinjituż, pagi ġusti, drittijiet tal-ħaddiema kif ukoll aċċess għall-protezzjoni soċjali u għas-servizzi ta' għajnuna għall-azjendi agrikoli;

Or. pt

Emenda 366
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jisħaq fuq l-importanza ta' tranżizzjoni agrikola ekwa u inklużiva, li tinkludi kundizzjonijiet ta' xogħol dinjitużi, ***kundizzjonalità*** soċjali msaħħa, pagi ġusti, drittijiet tal-ħaddiema kif ukoll aċċess għall-protezzjoni soċjali u għas-servizzi ta' għajnuna għall-azjendi agrikoli;	18. Jisħaq fuq l-importanza ta' tranżizzjoni agrikola ekwa u inklużiva, li tinkludi kundizzjonijiet ta' xogħol dinjitużi, ***garanziji*** soċjali msaħħa, pagi ġusti, drittijiet tal-ħaddiema kif ukoll aċċess għall-protezzjoni soċjali u għas-servizzi ta' għajnuna għall-azjendi agrikoli;

Or. en

Emenda 367
Marko Vešligaj, André Franqueira Rodrigues, Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistabbilixxu qafas komprensiv ta' appoġġ finanzjarju mmirat biex jiffaċilita t-tiġdid ġenerazzjonali, inklużi għotjiet immirati għall-istart-ups, aċċess preferenzjali għall-kreditu, u strumenti għall-kondiviżjoni tar-riskju għal parteċipanti żagħżagħ; jisħaq fuq l-importanza li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u li jiġu żgurati proċeduri ta' applikazzjoni simplifikati, b'mod partikolari għall-applikanti għall-ewwel darba; jitlob ukoll li jissaħħu s-servizzi ta' konsulenza u l-programmi ta' mentoraġġ biex jiġi appoġġjat l-iżvilupp sostenibbli tan-negozju fost il-ġenerazzjonijiet iżgħar;

Or. en

Emenda 368
Marko Vešligaj, André Franqueira Rodrigues, Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 18b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18b. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw miżuri li jiżguraw aċċess ġust u trasparenti għar-riżorsi essenzjali meħtieġa għat-tiġdid ġenerazzjonali, inklużi l-art, l-akkomodazzjoni u l-assi produttivi; jappella għall-iżvilupp ta' oqfsa regolatorji biex jiġu evitati konċentrazzjoni eċċessiva u prattiki spekulattivi li jfixklu d-dħul minn ġenerazzjonijiet iżgħar; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu promossi mekkaniżmi ta' trasferiment interġenerazzjonali, inklużi inċentivi fiskali u għodod għall-ippjanar tas-suċċessjoni, biex jiġi ffaċilitat it-trasferiment f'waqtu tal-assi u r-responsabbiltajiet;

Or. en

Emenda 369
Katarína Roth Neveďalová, Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jisħaq li l-appoġġ tal-PAK irid jagħti prijorità lill-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju, lill-bdiewa żgħażagħ u ġodda u ***lil dawk li jinsabu*** fiż-żoni rurali;	19. Jisħaq li l-appoġġ tal-PAK irid jagħti prijorità lill-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju, lill-bdiewa żgħażagħ u ġodda u ***lill-bdiewa*** fiż-żoni rurali***, filwaqt li jiżgura livell ġust u prevedibbli ta' appoġġ għall-introjtu għall-bdiewa attivi kollha, jirrikonoxxi l-ħtieġa li jiġu appoġġjati t-tiġdid ġenerazzjonali u l-vijabbiltà tal-biedja tal-familja mingħajr ma tiġi mminata s-sostenibbiltà ekonomika tal-azjendi agrikoli eżistenti***; ***filwaqt li titqies id-diversità tal-istrutturi tal-biedja madwar l-Unjoni u jiġi evitat tnaqqis sproporzjonat fl-appoġġ, jenfasizza li dan l-objettiv għandu jkun akkumpanjat minn distribuzzjoni ġusta***

tal-finanzjament tal-PAK fost l-Istati Membri permezz ta' konverġenza esterna kontinwa tal-pagamenti diretti;

Or. en

Emenda 370
Georgiana Teodorescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jisħaq li l-appoġġ tal-PAK irid ***jagħti prijorità lill-azjendi*** agrikoli żgħar ***u*** ta' daqs medju***, lill-bdiewa*** żgħażagħ u ġodda u ***lil dawk li jinsabu*** fiż-żoni rurali;	19. Jisħaq li l-appoġġ tal-PAK irid ***jiżgura distribuzzjoni bbilanċjata u ġusta tar-riżorsi li tirrikonoxxi r-rwoli komplementari tad-daqsijiet u l-istrutturi kollha tal-azjendi agrikoli; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-azjendi*** agrikoli żgħar***,*** ta' daqs medju ***u akbar, flimkien mal-bdiewa*** żgħażagħ u ġodda u ***dawk*** fiż-żoni rurali***, ilkoll għandhom rwol essenzjali, interkonness u vitali fl-iżgurar tal-katina tal-provvista tal-ikel tal-Unjoni, fiż-żamma tal-koeżjoni territorjali, u fl-iżgurar ta' settur agrikolu reżiljenti***;

Or. en

Emenda 371
Christine Singer, Jérémy Decerle, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jisħaq li l-appoġġ tal-PAK irid jagħti prijorità ***lill-azjendi*** agrikoli żgħar u ta' daqs medju***, lill-bdiewa*** żgħażagħ u ġodda ***u lil dawk li jinsabu fiż-żoni rurali***;	19. Jisħaq li l-appoġġ tal-PAK irid jagħti prijorità ***lill-bdiewa attivi, inklużi l-bdiewa part-time, b'mod partikolari l-azjendi*** agrikoli żgħar u ta' daqs medju ***u l-bdiewa*** żgħażagħ u ġodda***, filwaqt li jirrikonoxxi d-diversità tal-istrutturi agrikoli, jappoġġja l-mudelli tal-biedja kooperattiva u jissalvagwardja l-kapaċità***

ta' investiment, il-kompetittività u l-vijabbiltà fit-tul tal-azjendi agrikoli li jikkontribwixxu għall-produzzjoni tal-ikel, l-impjiegi u l-ħolqien tal-valur reġjonali;

Or. en

Emenda 372
Piotr Müller, Waldemar Buda

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jisħaq li l-appoġġ tal-PAK irid jagħti prijorità lill-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju, lill-bdiewa żgħażagħ u ġodda u lil dawk li jinsabu fiż-żoni rurali;	19. Jisħaq li l-appoġġ tal-PAK irid jagħti prijorità lill-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju, ***l-azjendi agrikoli tal-familja,*** lill-bdiewa żgħażagħ u ġodda u lil dawk li jinsabu fiż-żoni rurali***, filwaqt li jiġi żgurat li l-Istati Membri jingħataw biżżejjed flessibbiltà biex jadattaw l-appoġġ għall-istrutturi agrikoli nazzjonali u l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom***;

Or. pl

Emenda 373
Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jisħaq li l-appoġġ tal-PAK irid jagħti prijorità lill-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju, lill-bdiewa żgħażagħ u ġodda ***u lil dawk li jinsabu fiż-żoni*** rurali;	19. Jisħaq li l-appoġġ tal-PAK irid jagħti prijorità lill-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju, ***kif ukoll lill-azjendi agrikoli attivi tal-familja, li jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-ikel u l-vitalità taż-żoni rurali,*** lill-bdiewa żgħażagħ u ġodda***, u lill-bdiewa li joperaw f'żoni*** rurali;

Or. ro

Emenda 374
Sebastian Everding

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jisħaq li l-appoġġ tal-PAK irid jagħti prijorità lill-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju, lill-bdiewa żgħażagħ u ġodda u lil dawk ***li jinsabu*** fiż-żoni rurali;	19. Jisħaq li l-appoġġ tal-PAK irid jagħti prijorità lill-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju, lill-bdiewa żgħażagħ u ġodda u lil dawk fiż-żoni rurali***, u jħeġġeġ l-investimenti f'sistemi ta' produzzjoni sostenibbli, inklużi standards ogħla tat-trattament xieraq tal-annimali, il-biedja organika u l-ktajjen tal-valur ibbażati fuq il-pjanti***;

Or. en

Emenda 375
André Franqueira Rodrigues

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jisħaq li l-appoġġ tal-PAK ***irid*** jagħti prijorità lill-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju, lill-bdiewa żgħażagħ u ġodda ***u lil dawk li jinsabu fiż-żoni rurali***;	19. Jisħaq li l-appoġġ tal-PAK ***għandu*** jagħti prijorità lill-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju, ***lill-biedja mill-familji,*** lill-bdiewa żgħażagħ u ġodda***, permezz ta' għodod ridistributtivi, skemi simplifikati u livelli ta' appoġġ proporzjonati mal-kostijiet effettivament imġarrba u d-diffikultajiet li fil-fatt jiġu ffaċċjati***;

Or. pt

Emenda 376
Carmen Crespo Díaz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jisħaq li l-appoġġ tal-PAK irid ***jagħti prijorità lill-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju,*** lill-bdiewa żgħażagħ u ġodda ***u lil dawk li jinsabu*** fiż-żoni rurali;	19. Jisħaq li l-appoġġ tal-PAK irid ***jappoġġja lill-bdiewa attivi u multiattivi, lill-bdiewa professjonali u*** lill-bdiewa żgħażagħ u ġodda ***fiż-żoni rurali, minħabba r-rwol kruċjali tagħhom fil-ħolqien tal-impjiegi*** fiż-żoni rurali***, filwaqt li jgħin biex il-popolazzjoni lokali tibqa' hemm***;

Or. es

Emenda 377
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Raffaele Stancanelli, Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jisħaq li l-appoġġ tal-PAK irid jagħti prijorità lill-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju, lill-bdiewa żgħażagħ u ġodda u lil dawk li jinsabu fiż-żoni rurali;	19. Jisħaq li l-appoġġ tal-PAK irid jagħti prijorità lill-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju, lill-bdiewa żgħażagħ u ***lill-farms tal-familji, li jikkostitwixxu l-pedament tal-mudell agrikolu Ewropew u lill-bdiewa*** ġodda u lil dawk li jinsabu fiż-żoni rurali;

Or. fr

Emenda 378
Daniel Buda, Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jisħaq li l-appoġġ tal-PAK irid ***jagħti prijorità lill-azjendi*** agrikoli żgħar u ta' daqs medju, ***lill-bdiewa*** żgħażagħ u ġodda u ***lil*** dawk li jinsabu fiż-żoni rurali;	19. Jisħaq li l-appoġġ tal-PAK irid ***irid ikun immirat aħjar lejn l-azjendi*** agrikoli ***tradizzjonali,*** żgħar u ta' daqs medju, ***il-bdiewa*** żgħażagħ u ġodda u dawk li jinsabu fiż-żoni rurali ***jew b'restrizzjonijiet naturali***;

Or. ro

Emenda 379
Maria Grapini

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jisħaq li l-appoġġ tal-PAK irid jagħti prijorità lill-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju, lill-bdiewa żgħażagħ u ġodda u lil dawk li jinsabu fiż-żoni rurali;	19. Jisħaq li l-appoġġ tal-PAK irid jagħti prijorità lill-azjendi agrikoli żgħar u ta' daqs medju, ***lin-nisa,*** lill-bdiewa żgħażagħ u ġodda u lil dawk li jinsabu fiż-żoni rurali;

Or. ro

Emenda 380
Katarína Roth Neveďalová, Erik Kaliňák

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jisħaq li l-Politika Agrikola Komuni tista' tissodisfa l-objettivi tagħha biss jekk il-bdiewa madwar l-Unjoni jiġu ttrattati b'mod ġust; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni tlesti l-konverġenza esterna tal-pagamenti diretti billi telimina d-disparitajiet mhux ġustifikati fil-livelli tal-pagamenti diretti bejn l-Istati Membri u tiżgura li l-bdiewa f'kundizzjonijiet komparabbli jirċievu livelli komparabbli ta' appoġġ għall-introjtu madwar l-Unjoni;

Or. en

Emenda 381
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jappella għal programmi ta' taħriġ u awtonomizzazzjoni fil-litteriżmu finanzjarju, fil-ġestjoni tan-negozju u fl-ippjanar tal-investiment, li jippermettu lill-bdiewa jivvalutaw l-għażliet ta' finanzjament, jimmaniġġjaw ir-riskji u jieħdu deċiżjonijiet ekonomiċi infurmati, u b'hekk jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà ekonomika u l-kompetittività tal-azjendi agrikoli tagħhom;

Or. pt

Emenda 382
Marko Vešligaj, Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu s-sistemi ta' monitoraġġ għall-allokazzjonijiet tal-fondi tal-PAK biex jipprevjenu u jissanzjonaw l-użu ħażin kollu tal-fondi, u l-attivitajiet korrotti u frawdolenti kollha bis-simplifikazzjoni finanzjarja filwaqt li jiżguraw li l-fondi jaslu għand dawk il-bdiewa li fil-fatt qed jikkontribwixxu għall-produzzjoni agrikola;

Or. en

Emenda 383
Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jitlob li tiġi allokata mill-anqas 10 % tan-nefqa tal-PAK għat-tiġdid ġenerazzjonali;

Or. en

Emenda 384
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19b. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw kampanji ta' sensibilizzazzjoni, b'mod partikolari fl-iskejjel, sabiex itejbu l-għarfien dwar is-settur agrikolu, jisfidaw il-perċezzjonijiet negattivi assoċjati miegħu u jqajmu l-interess fil-karrieri fil-biedja u l-ikel agroalimentari fost il-ġenerazzjonijiet żgħażagħ;

Or. pt

Emenda 385
Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19b. Jitlob li jiġu żgurati li l-ispezzjonijiet u l-penali jkunu proporzjonati u jiddistingwu bejn nuqqas ta' konformità ġenwina u mhux intenzjonata għall-kuntrarju tal-frodi;

Or. en

Emenda 386
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19c. Jappella għall-implimentazzjoni u l-promozzjoni komprensivi tad-dritt li wieħed jibqa' fiż-żoni rurali permezz ta' politiki pubbliċi effettivi li jgħinu lill-bdiewa, u b'mod partikolari lill-bdiewa żgħażagħ, jgħixu, jaħdmu, jistabbilixxu negozju u jibdew familja fiż-żoni li jkunu trabbew fihom; jemmen li l-libertà tal-għażla li wieħed jibqa' f'komunità rurali tista' tinkiseb biss permezz ta' opportunitajiet ekonomiċi adegwati, introjtu deċenti, akkomodazzjoni affordabbli, kura tas-saħħa ta' kwalità, edukazzjoni, trasport, servizzi pubbliċi u konnettività diġitali; iwissi li n-nuqqas ta' faċilitajiet bħal dawn qed iħaffef id-depopolazzjoni, l-eżodu taż-żgħażagħ u t-tixjiħ demografiku; jirrakkomanda, għalhekk, approċċ integrat għall-iżvilupp rurali li jagħmel iż-żoni rurali aktar attraenti u kompetittivi u jsaħħaħ il-koeżjoni territorjali tagħhom biex b'hekk li wieħed jibqa' fiż-żoni rurali tkun għażla vijabbli u mhux restrizzjoni;

Or. pt

Emenda 387
Paulo do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19d. Huwa favur l-iżvilupp ta' programmi ta' bini tal-kapaċità u inizjattivi ta' skambju tal-għarfien;

Or. pt

Emenda 388
Christine Singer, Jérémy Decerle, Charles Goerens, Benoit Cassart, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tintegra t-tiġdid ġenerazzjonali u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-politiki agrikoli kollha;	20. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tintegra t-tiġdid ġenerazzjonali u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-politiki agrikoli kollha; ***jappella għal appoġġ immirat għall-bdiewa żgħażagħ, għall-bdiewa nisa u għall-bdiewa ġodda, inkluż l-aċċess għall-art, is-servizzi ta' konsulenza, l-appoġġ għall-investiment, il-protezzjoni soċjali, ir-rikonoxximent legali u miżuri li jiffaċilitaw is-suċċessjoni tal-azjendi agrikoli fil-familja u lil hinn minnha;***

Or. en

Emenda 389
Salvatore De Meo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tintegra t-tiġdid ġenerazzjonali u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-politiki agrikoli kollha;	20. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tintegra t-tiġdid ġenerazzjonali u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-politiki agrikoli kollha***, inkluż permezz ta' aċċess imtejjeb għall-kreditu, l-art, l-innovazzjoni, il-ħiliet u l-għodod diġitali, sabiex is-settur jerġa' jsir attraenti għall-ġenerazzjonijiet il-ġodda***;

Or. it

Emenda 390
Claudiu-Richard Târziu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***tintegra*** t-tiġdid ġenerazzjonali ***u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-politiki agrikoli kollha***;	20. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ***tappoġġja*** t-tiġdid ġenerazzjonali ***fl-agrikoltura billi tneħħi l-ostakli amministrattivi u finanzjarji għall-bdiewa żgħażagħ u tippromwovi l-opportunitajiet indaqs***;

Or. ro

Emenda 391
Marko Vešligaj, André Franqueira Rodrigues, Maria Noichl

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tintegra t-tiġdid ġenerazzjonali u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-politiki agrikoli kollha;	20. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tintegra t-tiġdid ġenerazzjonali u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-politiki agrikoli kollha ***inkluż permezz ta' inċentivi finanzjarji ddedikati u bbaġitjar sensittiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru***;

Or. en

Emenda 392
Gilles Pennelle, Valérie Deloge, Raffaele Stancanelli, Mireia Borrás Pabón

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. ***Iħeġġeġ*** lill-Kummissjoni tintegra t-tiġdid ġenerazzjonali ***u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri*** fil-politiki agrikoli kollha;	20. ***Jistieden*** lill-Kummissjoni tintegra t-tiġdid ġenerazzjonali fil-politiki agrikoli kollha;

Or. fr

Emenda 393
Céline Imart

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tintegra t-tiġdid ġenerazzjonali ***u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri*** fil-politiki agrikoli kollha;	20. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tintegra t-tiġdid ġenerazzjonali fil-politiki agrikoli kollha;

Or. fr

Emenda 394
Jessika van Leeuwen, Waldemar Buda, Claudiu-Richard Târziu, Céline Imart

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintegraw it-tiġdid ġenerazzjonali fil-politiki agrikoli u rurali rilevanti kollha billi jindirizzaw l-ostakli strutturali ewlenin li jiffaċċjaw il-bdiewa żgħażagħ u l-bdiewa ġodda, inkluż l-aċċess għall-art agrikola permezz ta' miżuri li jiffaċilitaw it-trasferiment intergenerazzjonali tal-azjendi agrikoli u l-mobbiltà tal-art, fejn xieraq inklużi inċentivi fiskali; jisħaq li t-tiġdid ġenerazzjonali b'suċċess jiddependi wkoll mill-attraenza taż-żoni rurali u għalhekk jappella għal politiki li jippromwovu komunitajiet rurali favur il-familja b'aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli, kura tas-saħħa, indukrar tat-tfal, edukazzjoni, konnettività diġitali u servizzi essenzjali oħra, li jippermettu lill-bdiewa żgħażagħ jistabbilixxu familja, jibnu negozju vijabbli u jibqgħu fiż-żoni rurali;

Or. en

Emenda 395
Christine Singer, Jérémy Decerle, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrikonoxxu aħjar ir-rwol tat-trobbija tal-bhejjem fiż-żamma taż-żoni rurali, il-bwar, il-flussi ċirkolari tan-nutrijenti u s-sigurtà tal-ikel reġjonali; jisħaq li l-politiki futuri tal-UE għandhom jappoġġjaw investimenti fit-trattament xieraq tal-annimali, f'sistemi moderni ta' akkomodazzjoni, fil-ġestjoni tad-demel u fl-infrastruttura, filwaqt li jiżguraw li r-rekwiżiti jibqgħu ekonomikament fattibbli għall-bdiewa;

Or. en

Emenda 396
Jessica Polfjärd

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jissaħħaħ it-trattament xieraq tal-annimali madwar l-Unjoni u li jiġu promossi l-innovazzjoni u l-miżuri preventivi li jnaqqsu l-ħtieġa tal-antibijotiċi, li jgħinu fil-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi, spiss hija msejħa l-"pandemija silenzjuża";

Or. en

Emenda 397
Ciaran Mullooly

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jitlob li jissaħħaħ l-appoġġ immirat għan-nisa fil-biedja;

Or. en

Emenda 398
Christine Singer, Jérémy Decerle, Elsi Katainen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20b. Jisħaq li l-politika agrikola trid tkun ibbażata fuq il-fiduċja tal-bdiewa u fuq soluzzjonijiet prattiċi żviluppati ma' dawk li jaħdmu l-art; jappella għal involviment aktar b'saħħtu tal-bdiewa, tal-organizzazzjonijiet tal-azjendi agrikoli, tal-kooperattivi u tal-komunitajiet rurali fit-tħejjija, fl-implimentazzjoni u fl-evalwazzjoni tal-leġiżlazzjoni agrikola tal-UE;

Or. en

Emenda 399
Arash Saeidi

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***21a. Jenfasizza li t-tibdil fil-klima joħloq sfida kbira għat-tiġdid ġenerazzjonali, peress li episodji tan-nixfiet, tal-għargħar u tal-ġlata tardiva qed isiru aktar frekwenti u qed jaggravaw l-instabbiltà tal-introjtu agrikolu; iqis li r-riskju dejjem jikber tal-assigurazzjoni, u l-kost projbittiv li jirriżulta mill-kopertura privata, jikkostitwixxu ostaklu reali għall-**

bdiewa żgħażagħ biex jibdew negozju; jitlob li jiġu introdotti mekkaniżmi pubbliċi għall-akkomunament u l-garanziji kontra riskji klimatiċi, li jkunu aċċessibbli u affordabbli għall-azjendi agrikoli ta' kull daqs, sabiex l-inċertezza klimatika ma ssirx ostaklu addizzjonali għad-dħul fil-professjoni;

Or. en

Emenda 400
Jessica Polfjärd

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u regolatorji bla bżonn fuq il-bdiewa, biex b'hekk ikunu jistgħu jiffukaw fuq il-biedja u l-produzzjoni tal-ikel;

Or. en

Emenda 401
Jessica Polfjärd

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21b. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jsir investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni fl-agrikoltura biex jiġu aċċellerati l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda, filwaqt li l-bdiewa jiġu pprovduti b'sett ta' għodod usa' biex tissaħħaħ ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima, inklużi n-nixfiet u l-għargħar, u tiżdied il-produzzjoni tal-ikel;

Or. en